Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 50/2019

Il-Pulizija

(Supretendent Maurice Curmi)

Vs

Raymond Camilleri

Illum 16 ta' Lulju, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Raymond Camilleri detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 26974M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli f'Dicembru 2010 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta' madwar dsatax-il elf ewro (€19,000), ghad-detriment tas-

socjeta' Charmaine Grima detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 10580(G) ai termini ta' l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' tas-somma ta' madwar dsatax-il elf ewro (€19,000) ghad-detriment tas-socjeta' Charmaine Grima detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 10580(G) ai termini ta' l-artikolu 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Aktar talli sar recediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata 22 ta' Jannar 2002, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula, ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' Frar 2019, fejn il-Qorti filwaqt li ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u illiberatu minnha, wara li rat l-artikoli 49, 50 308, 309 u 310(1)(b)[1] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u kkundannatu sena prigunerija.
Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

[1] U cioe dak li kien jiddisponi dan il-provvediment fis-snin 2006 sa 2010.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Raymond Camilleri, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Frar 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha TIRRIFORMA U TVARJA s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali mogħtija fl-4 ta' Frar, 2019 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Raymond Camilleri*** billi fl-ewwel lok **TIKKONFERMA** dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitx lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, u fit-tieni lok **TĦASSAR, TIKKANCELLA u TIRREVOKA** dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena u fin-nuqqas ta' liberazzjoni, **TĦASSAR, TIKKANCELLA u TIRREVOKA** dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati ta' reċidivita u kkundannatu għal sena priġunerija u minflok tvarja s-sentenza billi tbiddel il-piena f'waħda anqas ħarxa u fin-nuqqas tbiddel il-piena ta' priġunerija effettiva mogħtija mill-imsemmija Qorti tal-Maġistrati għal waħda sospiza.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Raymond Camilleri huma s-segwenti u cioè:-

**L-ewwel Aggravju**

L-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda il-fatt illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament zbaljat tal-provi miġjuba quddiemha meta sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu.

Illi l-appellant mhux ser joqgħod jidħol fuq l-elementi necessarji sabiex jirrizulta r-reat ta' frodi jew frodi nnominata, li tiegħu ġie misjub ħati mill-Ewwel Qorti, stante illi dawn l-elementi ġew diskussi fin-nota ta' sottosmissjonijiet li l-appellanti ressaq għal ġudizzju tal-Ewwel Qorti, u l-argumenti minnhu mressqa fir-rigward għandhom jigu kkunsidrati bħala li jifformaw parti minn dan ir-rikors. L-appellanti mhux qiegħed jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet enuncjament zbaljat tal-punti legali involuti u l-elementi li jsawwru dan ir-reat u għalhekk ikun ezercizzju superfluwu illi l-appellant joqgħod jittratta dawn l-elementi anke f'dan l-istadju tal-appell.

Illi dak li qiegħed jilmenta minnu l-appellant huwa li minn qari tas-sentenza appellata jirrizulta b'mod car illi l-Ewwel Qorti waslet għall-konkluzjoni, fl-umli fehma tal-appellant zbaljata, li tati kredibilita' lill-verzjoni ta' Charmaine Grima, mingħajr ma tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li tali verzjoni mhux talli ma hijiex kredibbli fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, talli anke l-istess Grima, għar-raġunijiet li ser jiġu diskussi aktar 'l quddiem, ma setgħetx u ma tistax tiġi kkunsidrata bħala xhud affidabbli. Huwa proprju għal din ir-raguni li l-konkluzjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti hija zbaljata.

Jibda billi jgħid illi, kif inhu risaput, fil-procediment kriminali l-imputat m'huwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tiegħu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz tagħha sal-grad li trid il-Liġi, u cioe' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. L-oneru huwa fuq il-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan għaliex kif jgħid il-**Manzini** *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit"*[2]. Minn naħa l-oħra, l-grad ta' prova rikjest mid-difiza huwa dak fuq bazi ta' probabilita'.

Dwar il-principju li sabiex tinstab ħtija, l-grad tal-prova għandu jkun lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, f'diversi okkazjonijiet il-Qrati tagħna għamlu referenza għad-definizzjoni ta' dan il-principju mogħtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension**[3] fejn ingħad hekk: "*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

L-appellant jirrileva illi f'dan il-kaz irrizulta b'mod pjuttost evidenti illi kien hemm kunflitt ta' provi. L-ewwel Qorti kienet rinfaccjata b'zewġ verzjonijiet tal-akkadut li

[2] Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890
[3] 1947 - ALL Er 372

huma għal kollox kunfliġġenti, u cioe' dik mogħtija mill-appellant u dik mogħtija minn Grima. Dan il-kunflitt gie wkoll rikonoxxut mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha fejn qalet hekk: "*mir-riassunt tal-provi jidher car li hemm kunflitt lampanti bejn il-verzjoni mghotija minn Charmaine Grima minn naha u mill-imputat min-naha l-ohra*".[4] Kif ġie ritenut diversi drabi mill-Qrati tagħna, mhux kull tip ta' kunflitt fil-provi għandu jwassal lill-Qorti biex tillibera lill-imputat, izda l-ġudikant irid jasal għal konkluzjoni wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Oltre dan, l-apprezzament tal-provi għandu jsir billi jiġu mehuda in konsiderazzjoni il-provi u c-cirkostanzi kollha fl-assjem tagħhom u mhux b'mod individwali u spezzettat.

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** ingħad illi: "*Meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg versjonijiet konfliggenti (bhalma hemm f'dan il-kaz) jistghu jigru zewg affarijiet: jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement pruvat, u allura ghandu jillibera; jew, jekk ikun moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta, u, jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor kif inghad*".

Issa l-Ewwel Qorti waslet għall-konkluzjoni li tati kredibilita lil Charmaine Grima wara li, fost affarijiet oħra, għamlet is-segwenti konsiderazzjoni "*Dan il-Qorti tghidu mhux biss wara li kellha l-opportunita tara u tisma kemm lil Grima u lill-imputat jiddeponu imma anke minhabba li Grima giet korroborata f'hafna affarijiet milli qalet minn xhieda ohra*". Bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Qorti, ma kien hemm ebda xhud li kkorrabora dak li kienet qegħda tallega Grima għajr għal familjari ta' l-istess Grima[5] li fuq ammissjoni tagħhom stess kienu qeghdin jixhdu dwar fatti li gew infurmati bihom mill-istess Grima, u allura

[4] Ara pagna 12 tas-sentenza appellata
[5] Ara x-xhieda ta' Anton Falzon (hu Charmaine Grima) li jikkonferma li dak li kien qiegħed jixhed dwaru kien sar jafu ghaliex kienet qaltlu ohtu

essendo din it-tip ta' xhieda *detto del detto*, zgur li ma setgħetx titqies bħala prova producibbli u li tikkorrabora l-verzjoni mogħtija minn Charmaine Grima. Għalhekk f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni naqset milli ġġib prova cara u univoka illi tissustanzja l-verzjoni tal-fatti mogħtjia minn Charmaine Grima. Ir-rappreżentant tal-Bank of Valletta p.l.c. prodott mill-prosekuzzjoni ipprezenta diversi statements ta' kontijiet bankarji ta' Charmaine Grima[6], u fl-ebda wieħed minn dawn id-dokumenti ma tirrizulta xi waħda mit-transazzjonijiet li Grima tallega li għaddiet lill-appellant.

L-apprezzament zbaljat tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jidher aktar evidenti fid-dawl tal-fatti li wasslu għat-teħid ta' proceduri kriminali fil-konfront tal-allegata vittma Charmaine Grima u l-konsegwenti sejbien ta' ħtija fil-konfront tagħha. Fil-kors tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti id-difiza ezebiet zewġ sentenzi, waħda fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Charmaine Grima**[7] u oħra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ashraf Elbakry**.[8] Dawn is-sentenzi u l-fatti li wasslu għalihom lanqas biss ġew ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti tant li lanqas biss jissemmew fis-sentenza appellata. Fl-umli fehma tal-appellant, dan wassal lill-Ewwel Qorti biex ma tikkunsidrax ic-cirkostanzi u l-provi kollha li kellha quddiemha, cirkostanzi li kieku ġew kkunsidrati b'mod korrett kienu jwasslu lill-Ewwel Qorti għal konkluzjoni ferm differenti minn dik li waslet għaliha.

Dan qiegħed jingħad għaliex ġie ppruvat illi proprju ftit ta' zmien qabel ma Grima għamlet ir-rapport li wassal għal dawn il-proceduri, hija kienet tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fejn ġiet akkuzata bir-reat ta' estorsjoni, liema kaz kien jitratta dwar rikatt simili għal dak li Grima kienet għamlet fuq l-imputat. Tajjeb illi jiġi rilevat illi dawk il-proceduri fil-konfront ta' Grima jittrattaw fatti li seħħew "*fix-xahar ta' Awwissu 2010*" fejn hija ġiet akkuzata, fost affarijiet oħra li "*heddet li taghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li taghti malafama lil Anthony Azzopardi u persuni ohra, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u*

[6] immarkati minn dok. RA1 sa dok. RA9 (fol. 280 sa 416)
[7] dok. RC2 a fol 501
[8] dok. RC3 a fol. 503

*indipendenti mill-volonta' taghha"*. L-appellant xehed quddiem l-Ewwel Qorti u spjega kif fl-istess zmien Grima kienet għamlet theddida simili anke fil-konfront tiegħu. Tant hu hekk illi Grima kienet għamlet ir-rapport tagħha li wasslu għal proceduri odjerni f'Jannar 2011, u għalhekk erba' xhur biss wara li kienet heddet li tagħmel denunzja jew kwerela kontra terz, bl-iskop li testorci flus mingħandu. L-appellant jirrileva ukoll illi minkejja li fil-mori ta' dawk il-proceduri Charmaine Grima kienet irreġistrat ammissjoni, madankollu din l-ammissjoni għamlitha fl-2015, u cioe' ħames snin wara li kienu nbdew dawk il-proceduri fl-2010.

F'dan il-kaz id-difiza ezebiet ukoll is-sentenza **Il-Pulizija vs Ashraf Elbakry** għaliex il-fatti li taw lok għall-proceduri fil-konfront ta' Charmaine Grima jinsabu esposti fis-sentenza mogħtija fil-konfront ta' Elbakry, fatti dawn li jagħtu stampa aktar cara tal-veru karattru ta' Grima u l-mottiv wara l-allegazzjonijiet li hija għamlet dwar l-appellant mal-Pulizija. Minn qari ta' din is-sentenza jirrizulta illi Grima kienet cemplet lil parti leza f'dawk il-proceduri (Anthony Azzopardi), kienet qaltlu li jisimha Antonella u talbitu jagħmlilha xi tiswijiet fid-dar tagħha. Filwaqt li Azzopardi kien qiegħed hemmhekk, Grima marret ħdejh imgezwra f'xugaman u qaltlu li kienet qed tħossha ma tiflaħx u talbitu iwassalha sal-kamra tas-sodda. Fuq suggeriment ta' Azzopardi, Grima kienet neħħiet ix-xugaman minn fuqha u taħtu kienet liebsa *reggipetto* u qalziet ta' taħt ħomor. Azzopardi kien qalilha wkoll biex tħoll ir-*reggipetto* stante li kien issikkat. Irrizulta illi aktar tard dakinhar, Charmaine Grima (dejjem taht l-isem ta' Antonella) regghet cemplet lil Azzopardi u talbitu jerga jmur għandha. Azzopardi ma riedx izda Grima bdiet tibkielu biex tikkonvincieh. Din kienet biss skuza u meta kien qiegħed hemmhekk Elbakry beda jakkuzah illi kien abbuza minn Grima u qallu li kellu filmat fuq il-laptop tal-akkadut. Grima u Elbakry kienu talbu lil Azzopardi ammont konsiderevoli ta' flus biex ma jxandrux dan il-filmat.

Dan l-involviment ta' Grima ġie wkoll riskontrat minn dik il-Qorti fis-sentenza taghha fejn inghad hekk:*"Illi ghaldaqstant mill-provi li hemm fl-atti il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju illi l-imputat **<u>bl-ghajnuna tas-siehba tieghu Charmaine Grima</u>** hedded lill-imputat*

*meta holoq messa in xena shiha fejn qal lil parti leza li kien irregistrah permezz ta' filmat f'sitwazzjoni kompromettenti mas-siehba tieghu u dana bl-iskop li jestorci il-flus minn ghandu".*[9]

Fid-dawl ta' dan kollu l-appellant ma jistgħax jifhem kif l-Ewwel Qorti waslet biex tati kredibilita' lil Charmaine Grima. L-appellant jirrileva illi skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fi kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita' ta' xhud, għandu jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, jekk dik ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ai termini ta' dan l-Artikolu, il-kondotta u l-karattru ta' Charmaine Grima jimpinġu direttament fuq il-kredibilita' u l-affidabilita' tagħha bħala xhud.

Fl-umli fehma ta' l-appellant, il-fatt li l-Ewwel Qorti ma qalet xejn dwar dawn is-sentenzi u c-cirkostanzi li wasslu għalihom, jistgħu biss ifissru zewġ affarijiet. Jew li l-Ewwel Qorti sfuġġittillha din il-prova waqt li kienet qed taqra l-process, jew inkella li rat dawn il-provi u ma dehrilix li għandha tikkummenta dwarhom. Fi kwalunkwe kaz, tali mankanza bilfors tivvizzja s-sentenza appellata, in vista tal-fatt illi l-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti huma lkoll bazati fuq il-kredibilita' li hi tat lill-verzjoni ta' Charmaine Grima. L-appellant jirrileva li l-fatti li wasslu għal dawk il-proceduri kien ferm simili u vicini għar-rapport li Grima għamlet mal-Pulizija kontra l-appellant, biex dawn jigu njorati għal kollox mill-Ewwel Qorti u ma ssirx imqar riferenza waħda għalihom fis-sentenza appellata. Tali cirkostanzi kienu wisq importanti, partikolarment meta jitqies li l-Ewwel Qorti impernjat is-sentenza tagħha fuq il-kredibilita' ta Grima.

L-appellant huwa tal-fehma li l-Ewwel Qorti kellha tagħmel referenza għal dawn iż-żewġ sentenzi minnu eżebiti meta fatt ta' portata daqshekk serja u impellenti għall-mertu tal-kawza ikun inġieb a konjizzjoni tal-Qorti, u dan il-fatt lanqas biss jiġi kkunsidrat jew anke minimament imsemmi fis-sentenza, allura tali mankanza bilfors li

[9] Ara fol. 514 ossija pagna 12 tas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ashraf Elbakry** (dok. RC3)

twassal għall-fehma tal-appellant illi jew dik il-prova tkun sfuġġiet lill-Qorti fl-ezami tagħha tal-process bil-konsegwenzi li dan in-nuqqas ikollu fuq il-ġudizzju ta' dik il-Qorti, jew inkella agħar minn hekk, illi dak il-fatt ikun ta' portata daqshekk importanti illi li kieku gie kkunsidrat minn dik il-Qorti kien jxekkel u jinnewtralizza ir-raġunament magħmul mill-Qorti biex waslet għal konkluzjoni tagħha ta' sejbien ta' ħtija. Fiz-zewġ kazijiet, il-konsegwenza hi li tkun saret ingustizzja gravi mal-appellant, inġustizzja din li għandha tiġi msewwija minn din l-Onorabbli Qorti tal-Appell.

In vista ta' dawn il-kunsiderazzjoni, il-fatt li x-xhieda ta' Charmaine Grima ma tista' qatt tiġi kkunsidrata bħala waħda affidabbli, kif ukoll il-fatt illi x-xhieda l-oħra prodotti quddiem l-Ewwel Qorti xehedu dwar fatti rakkontati lilhom mill-istess Grima, dan ifisser illi għalhekk tenut kont tal-provi (jew nuqqas ta' provi) illi nġabu mill-Prosekuzzjoni, l-appellant ma jista' qatt jinstab ħati. Fil-fehma umli ta' l-appellant, ma hemm xejn mill-provi li jista b'xi mod iwassal lil din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sabiex tikkonkludi lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-appellant għamel uzu minn mezzi kontra il-ligi biex jinganna lil Grima. Lanqas ma jirrizulta li l-appellant għamel uzu minn ismijiet foloz, raġġiri jew xi messa in xena sabiex iġiegħel lil Grima temmen xi ħaġa li ma kinitx minnha. Dan kollu ma jirrizultax mill-provi u għalhekk huwa ma setgħtax jinstab ħati la tar-reat ta' truffa u lanqas dak ta` frodi innominata u konsegwentement kellu jiġi liberat anke mill-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

**<u>It-Tieni Aggravju</u>**

Mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju tal-appellant u f'kaz biss li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tikkonferma l-ħtija għar-rigward tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, qiegħed jiġi sottomess li l-Ewwel Qorti zbaljat ukoll meta kkonkludiet li l-appellant kien recidiv ai termini ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Ewwel Qorti waslet għal din il-konkluzjoni wara li kkunsidrat hekk: "*[…] giet prezentata sentenza mghotija fil-konfront ta' l-imputat fit-22 ta' Jannar 2002; permezz ta' din is-*

*sentenza l-imputa*(t), *wara li gie misjub hati ta' l-imputazzjonijiet hemm indikati, gie ikkundannat multa ta' tlett mitt Lira Maltija. Mill-fedina penali jidher li din il-multa thallset fit-13 ta' Mejju 2002. Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni sehhew bejn is-sena 2006 u 2010 u ghalhekk entro il-hames snin mis-sentenza u anke mill-hlas tal-multa."*

L-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali jipprovdi hekk: "*Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor*."

Il-kundanna fis-sentenza datata 22 ta' Jannar, 2002 li saret referenza ghaliha mill-Ewwel Qorti kienet "*ghal hlas ta' multa ta' tlett mitt liri maltin (Lm300)*" liema multa tirrizulta mhallsa fit-13 ta' Mejju, 2002, u għalhekk certament illi fl-agħar ipotezi għall-appellant il-perjodu ta' zmien applikabbli huwa ta' ħames snin mid-data ta' dan il-ħlas għaliex din hija d-data ta' meta giet "skontata" l-piena. Ghalhekk biex l-appellant seta' jitqies li huwa recidiv skond l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, necessarjament kellu jirrizulta mill-atti processwali li r-reat li tiegħu huwa ġie misjub ħati seħħ qabel it-13 ta' Mejju 2007, u cioe' ħames snin mid-data tal-ħlas tal-multa.

Issa minn qari tal-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-appellant abbazi tal-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma tirrizultax data specifika għaliex din taqra testwalment hekk "*Talli f'Dicembru 2010 u fix-xhur u s-snin ta' qabel*". Dan ifisser li allura id-data ta' meta allegatament beda jseħħ dan ir-reat *ai fini* tal-addebitu tar-recidiva trid bilfors tirrizulta mill-provi.

Milli-provi jirrizulta li l-appellant kien sar jaf lill-allegata vittma Charmaine Grima fis-sena 2006 wara li din kienet irrispondiet għal avviz fil-gazzetta u fejn Grima kienet marret għand l-appellant u xtrat xi prodotti. Izda dan il-fatt ma jikkostitwix ir-reat ta' frodi. Tant hu hekk illi l-Ewwel Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha li wassluha għas-sejbien ta' ħtija tal-appellant ma kinitx qed tirreferi għal dan l-episodju li kien

jirrigwarda sempliciment xiri u bejgħ ta' prodotti kosmetici. L-Ewwel Qorti ibbazat il-konkluzjoni tagħha fuq cirkostanzi li seħħew wara li l-appellant u Grima kienu marru ghal btala ġewwa Firenze. In fatti l-Ewwel Qorti tghid hekk: *"[...] l-Qorti hija konvinta li l-imputat b'messa in xena wahda wara l-ohra, irnexxielu jilghab bil-vulnerabilita ta' Grima u kkonvinciha li, b'tort taghha, hu spicca b'kundizzjoni medika li kienet tirrikjedi kura barra minn Malta";*[10]

Mela allura d-data li trid tittieħed in konsiderazzjoni ai fini tar-recidiva mhijiex id-data ta' meta l-appellant u Grima ltaqgħu għall-ewwel darba fl-2006, izda d-data ta' meta huma kienu marru Firenze għaliex minn hemmhekk, fi kliem l-Ewwel Qorti, l-appellant kien "ikkonvinca" lil Grima li b'tort tagħha kien spicca b'kundizzjoni medika. Din is-safra ġewwa Firenze seħħet f'Awwissu tas-sena 2007, data din li tirrizulta kemm mid-deposizzjoni ta' Grima[11] u kif ukoll minn dak li xehed l-appellant.[12]

In vista ta' dak hawn fuq espost, l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma huwiex applikabbli fil-konfront ta' l-appellant peress illi l-multa inflitta permezz tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-22 ta' Jannar 2002 ġiet imħallsa fit-13 ta' Mejju, 2002 u allura din il-piena ġiet skontata aktar minn ħames snin qabel id-data ta' Awwissu 2007 li għaliha tirreferi l-ewwel imputazzjoni. Għalhekk, l-Ewwel Qorti kellha ssib li l-appellant sar recidiv biss skond l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali u mhux ukoll skond l-artikolu 50.

Konsegwentement l-Ewwel Qorti legalment setgħet timponi fuq l-appellant sentenza sospiza skond l-artikolu 28A(7) tal-Kapitolu 9, u għalhekk fl-umli fehma tal-appellant hemm lok għal temperament konsiderevoli fil-piena li, meta wieħed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija waħda esaġerata u sproporzjonata. L-appellant jirrileva illi bosta drabi l-Qrati saħqu fuq il-bzonn li l-piena għandha tkun mezz riformattiv aktar milli

[10] Ara pagna 12 tas-sentenza appellata

[11] Ara x-xhieda ta Charmaine Grima a fol 72 u 73 tal-process fejn fost affarijiet ohra tghid : "qalli biex insiefru, immorru holiday fix-shut down t'Awwissu" u "Morna l-Italja Firenze. Minn hemmhekk beda l-inkwiet kollu".

[12] Ara x-xhieda tal-appellant a fol

deterrent. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri**[13] ingħad illi: *"...llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly Et**,[14] din il-Qorti ta' l-Appell saħqet fuq il-bzonn illi persuna tingħata cans ieħor fil-ħajja tagħha u qalet hekk: *"Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija".*

Għalhekk il-piena ta' sena priġunerija kif inflitta mill-Ewwel Qorti, kemm fil-kwalita tagħha, u sussidjarjament anke jekk għas-saħħa ta' l-argument tikkonfigura r-reċidiva, ma toħloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat mill-Qrati tagħna.

Ikkunsidrat;

Quddiem l-Ewwel Qorti gie ipprezentat certifikat tat-twelid tal-imputat u l-fedina penali tal-appellant.

L-**Ispettur Maurice Curmi** xehed fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn spjega li fis-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u hdax (2011) certa Charmaine Grima giet id-Depot it-Taqsima tal-Frodi fejn irraportat illi f'Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) kienet rat reklam fis-Sunday Times taht il-Health and Beauty section li kien qed jigi reklamati medicina bhal speci mill-orient li kien suppost jiccaralek il-gilda u hafna affarijiet hekk. Cemplet in-numru u rrispondiha certu Raymond Camilleri fejn sussegwentement ghamlet appuntament mieghu u marret

---

[13] deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Settembru, 2003
[14] deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008

tarah x'imkien Bugibba jew Qawra. Bdiet tmur taparsi ghat-treatments kull gimghatejn u dawn saru hbieb u beda anke jinkoragiha tidhol mieghu f'dan in-negozju ta' bejgh ta' din il-medicina mill-Orient li suppost ticcaralek il-gilda u hemm numru ta' claims ohra li suppost kienu jaghmlu dawn. Sussegwentement kienet accettat u kienet dahlet, ghamlu xi negozju flimkien, ghalkemm kienu rreklamaw il-prodotti jidher li ftit li xejn kien sar bejgh. Xi zmien wara, il-complainant Grima kompliet tghid li Raymond Camilleri li huwa l-imputat qalilha li kien qed isofri minn xi marda tal-gilda li kienet rari hafna pero' kienet highly contagious. Minhabba li kienu qed ikunu hafna flimkien qal li l-marda laqqatha minghandha u anke sussegwentement ghaddiha liz-zewgt itfal tieghu. Kompla jghid li trattament ghal din it-tip ta' marda Malta ma kienx hawn u kien ser ikollu jmur il-Mongolia minn fejn kien qed jircievi dawn il-prodotti ghat-treatment hemm, ghax kellu xi tabiba fuq dawn l-affarijiet u kien ser imur hemmhekk ghat-treatment u kienet ser tigieh is-somma ta' erbatax il-elf Liri Maltin (LM14,000) u ried li thallaslu dan il-flus hi minhabba li kienet laqtet il-marda minghandu. Kompliet tghidlu li kien ibezzaghha ukoll biex ma tmurx l-isptar Boffa ghat-treatment ghax inkella jekk ha tmur hemmhekk kienu ha jzommuha gewwa u ma jhalluhiex tohrog minn hemm minhabba li kienet marda *highly contagious*. Ghalkemm kienet tahdem go fabbrika, ma kintix qed taqla' flus bizzejjed biex tkun tista' ittih dawn il-flus u ghalhekk issugerilha li tmur tahdem ma' kumpanija tat-tindif li qalilha li kellu huh, liema kumpanija kien jisimha Melita Cleaners. Din il-kumpanija kienet hadet kuntratt ta' cleaning ma' xi kumpanija li kienet qieghda il-Golden Sands u din accettat u spiccat qalet lill-Ispettur li tahdem madwar mitt (100) siegha fil-gimgha tnaddaf u dan ix-xoghol kompliet taghmlu ghal madwar tnejn u ghoxrin (22) xahar u qatt ma thalset tieghu minhabba li l-pagament kien imur direttament ghand is-Sur Camilleri. Kompliet tghidlu li f'dak il-perjodu ta' bejn il-flus li tatu mix-xoghol li kienet taghmel hi fil-fabbrika u bejn ix-xoghol, is-sieghat li ghamlet tnaddaf tikkalkula li kienet taghtu b'kollox is-somma ta' madwar erbatax-il elf ewro (€14,000).

Kompiet tghid li darba minnhom habiba taghha saqsietha jekk kienx hemm xi vacancy mal-kumpanija tat-tindif li kienet tahdem maghha hi u din ghadditilha isem ta' hu Raymond u l-isem tal-Kumpanija lil habiba. Meta l-habiba ccekjat biex tara din il-kumpanija ta' min hija biex tkellem lil hu Camilleri din qaltilha li din il-Melita Cleaners ma kinitx tezisti u ghalhekk imbaghad din bdiet tissuspetta li seta' kien hemm xi haga mhux sejra tajjeb u ghalhekk iccekjat, fitxet il-mara tal-imputat biex ticcekja dwar il-kundizzjoni tat-tfal. Irnexxielha ssibha u din l-ex mara tal-imputat qaltilha li t-tfal taghha qatt ma kienu morda b'xejn u li kienu jinsabu f' qaghda tajba u li qatt ma kienu nfettati b'xi forma ta' skin disease. Grima mbaghad ghamlet kuntatt ma' missier l-imputat u staqsietu l-istess haga u qalilha li sa fejn jaf hu it-tifel tieghu qatt ma kellu skin diseases. Bdiet tirrealizza li kien qieghed jghidilha partita gideb u sussegwentement iddeciediet li taghmel rapport ta' dan mal-Pulizija. L-Ispettur kien umbaghad baghat ghall-imputat fejn wara li tah s-solitu twissija rilaxxa stqarrija fejn qal illi mill-ewwel beda li kien ibghati minn xi marda konrika, chronically ill u tah isem ta' din il-marda bit-terminologija Latina fejn bazikament qed jghid li jbaghati minn xi diabetes imma mhux daqshekk gravi milli jidher. Xehed li dan x'qal hu. Kompla jghid li kien qed jiehu kura regolari Mater Dei ghand Mr Stephen Fava. Kompla jghid li r-riklam li deher f'Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) kien ghamlu bhala pjacir lil din il-habiba Ciniza li kellu li riedet tigi Malta biex tbiegh dawn il-prodotti *door to door*. Kompla jinsisti li Charmaine kienet fil-fatt infettatu b'din l-*iskin disorder* li kienet rari hafna u li kellu jivvjaga ic-Cina border mal-Mongolia biex jiehu trattament minghand din il-habiba Ciniza li kellu. Kompla jghid li Charmaine taghtu s-somma ta' sitt elef ewro (€6000) biex ihallas it-*travel expenses* u dan accettahom fuq insistenza taghha. Fir-rigward tal-kuntratt tat-tindif li allegatament huh kellu, qal li dak il-kuntratt ta' *cleaning* kien fil-fatt tieghu, kien hu li ghamel dan il-kuntratt mal-Kumpanija ta' tindif u li kien uza il-Melita Cleaner fuq il-letter heads ta' xi rcevuti li seta' hareg biex jidher professjonali minhabba li kien hemm hafna min ried jaghmel dan it-tip ta' xoghol. Fil-perjodu li Charmaine kienet taghmel dan it-tindif, dak il-madwar hdax-il xahar, kien

dahhal is-somma biss ta' hamest'elef ewro (€5000). Dawn il-hamest'elef ewro (€5000) zammhom kollu hu. Sadanittant l-Ispettur ghamel verifiki dwar trattament li kien qed jiehu Mater Dei u sab li minkejja li qal li kien regolament imur ghat-treatment il-Mater Dei u ghal kura ghand Mr Stephen Fava, l-ahhar appuntament li kellu ghal semplici check up kien f'Novembru tas-sena 2010, jigifieri mar xi hames (5) xhur qabel dan. L-ispettur kompla jaghmel l-inquiries ma' din Azure Services Limited li hija l-kumpanija li maghha kien rebah il-kuntratt tat-tindif l-imputat, li din hija kumpanija li kienet giet imqabbda mill-Golden Sands biex taghmel xoghol ta' Marketing ghal Lukanda u certu Mark Galea li huwa l-Financial Controller, qallu li kien rebah kuntratt ta' tindif maghhom bejn wiehed u iehor Ottubru tas-sena elfejn u sebgha (2007) sa Awissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) u li fil-fatt ghal dan il-kuntratt kienu ghaddewlu s-somma ta' ghaxart'elef ewro (€10,000). Fuq il-verzjoni li qaltlu dik li irraportat, fuq l-affarjiet li ccekja sab li ma kienu jaqblu xejn ma' dak li allega l-imputat u hass li kellu ragunijiet bizzejjed sabiex l-imputat jitressaq u jigi akkuzat bil-frodi u misapproprazzjoni. Huwa esebixxa l-istqarrija li rrilaxxa l-imputat wara li nghata s-solita twissija fejn ghazel li ma jiffirmahiex. Gharaf il-firma tieghu u tas-Surgent PS 290 li giet esebita bhala bhala Dok MC1 u d-dikjarazzjoni immarkata bhala Dok MC2. Esebixxa wkoll riklam li deher fis-Sunday Times f'Ottubru 2006 bhala Dok MC3 kif ukoll sentenza datata it-22 ta' Jannar, 2002 fil-konfront tal-imputat bhala Dok MC4.

In kontro-ezami mistoqsi lil min kellem u b'liema awtorita talab u investiga l-appuntament li kellu s-Sur Camilleri Mater Dei wiegeb li hu qabbad lis-Surgent tieghu u qallu jmur. Qal li dik l-informazzjoni tawh izda ma ghandux il-persuna ezatt izda li jista' jghid darba ohra. Mistoqsi jekk din Charmaine Grima hijiex l-istess Charmaine Grima li kienet mixlija quddiem il-Qrati b'attent ta' frodi ta' flus permezz ta' theddid, wiegeb li ma jafx jekk ghandhiex kazijiet il-Qorti. Ma kienx fl-interess tieghu li jinvestiga, jara x'kazijiet ghandha pendenti l-Qorti. Ikkonferma li jidhirluli toqghod iz-Zurrieq. Ma jafx il-passat taghha. Qal li f'Jannar giet ghandu u mhux se joqghod jara x'kellha qabel. Hu investiga l-kaz li rrapurtatlu u rrizultalu, xehed li ma investigahiex u

ma ghamilx ricerki fuqha. Mistoqsi jekk Ray Camilleri qallux dawn l-affarijiet qal li semma xi haga izda kkonferma li ma dehrlux li ghandu jinvestiga. Qal li ricentement cempillu biex jghidlu.

Is-**Supretendent Alexandra Mamo** xehdet fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn giet murija d-dokument MC4 a fol 26 tal-process li hija sentenza moghtija minn dak iz-zmien Magistrat Antonio Mizzi l-Pulizija kontra Raymond Camilleri fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002). Ikkonfermat li dak iz-zmien kienet l-ufficjal kemm investigattiv kif ukoll Prosekutur fil-konfront ta' Raymond Camilleri li gharfet fl-awla. Xehdet li s-sentenza ukoll saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

**PS 290 Jean Paul Formosa** xehed fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn gie muri d-dokument MC1 esebiet a fol 20 tal-process. Xehed li fid-dsatax (19) ta' April tas-sena elfejn u hdax (2011) ittiehdet stqarrija lil Raymond Camilleri li gharfet fl-awla fil-presenza tieghu mill-Ispettur Maurice Curmi. Gharaf il-firma tieghu, tal-Ispettur u xehed li s-Sur Camilleri ghazel li ma jiffirmax. Xehed ukoll li nghatat is-solita twissija qabel ma ttiehdet l-istqarrija.

Fit-tnax (12) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) giet prezentata nota tal-agent Supretendent Sptar Mater Dei fejn gie prezentat il-file relattiv tal-appellant. Fis-seduta tat-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elfejn u hdax (2011) gie vverbalizzat li il-partijiet jaqblu li ghandu jixhed tabib viva voce dwar xi kundizzjonijiet medici li jista' jkollu l-imputat u li ghaldqstant bilfors irid jigi jixhed xi tabib ghal dan il-ghan.

**Dr Stephen Fava** xehed fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) u spjega li huwa specjalizzat fil-medicina nterna u fid-dijabete u endrikonologija. Huwa kkonferma li ra lill-imputat kemm il-darba fil-kuntest mediku professjonali. Spjega li '*l-kondizzjoni tieghu hija li jbaghti mid-Dijabete, dik li nghidulha sleep apnea jigifieri problemi tan-nofs li ma jkunx jista' jiehu nifs sew bil-lejl u dik hija relatata ma' riskji kardjovaskolari tal-qalb kif ukoll problemi ta' ezercizzju jigifieri jkun jista' jaghmel inqas*

*ezercizzju minn haddiehor minhabba li jaqta' nifsu'*. Xehed li jarah regolarment u li l-ahhar li rah xi ftit xhur ilu. Mistoqsi '*Qatt xi darba lmenta mieghek fuq xi kundizzjoni li seta' kellu xi disease tal-gilda jew xi haga f' dak ir-rigward?*' wiegeb '*Tal-gilda le ma niftakarx li qatt qalli*'. Saret referenza ghal kopja tal-file tal-imputat esebit mill-Agent Supretendent tal-isptar esebit a fol 41 tal-proces u wiegeb li '*hawn nota hawnhekk fit-3 t' April 2009 li mhux jiena personali imma tabib li jahdem mieghi. Fil-fatt hawn miktub hawnhekk medical outpatients Dr S Fava.*' Ikkonferma li tas-17 ta' Gunju tieghu u li tabiba li tahdem mieghu Dr Giordano fejn gharaf il-firma fit-18 ta' Novembru 2009. Ikkonferma li l-firma tal-1 ta' April tas-sena 2011 hija tieghu. Xehed li dan mhux il-file kollu, ghandu parti tal-file differenti minn dan. Xehed li dan huwa l-general file u mbaghad ikollhom file iehor tad-dijabete. Jigifieri hemm file iehor li huwa tad-Dijabete u n-noti meta jarawh minn naha tad-Dijabete. Ikkonferma li fil-file li qieghed isemmi ikun hemm referenza partikolari ghal kundizzjoni tad-Dijabete li semma. Mistoqsi jekk jara l-file hex se jzid xi haga ohra fuq dik il-kundizzjoni, wiegeb li le li l-file diga rah qabel ma gie. Diga kkonsulta mieghu qabel. Huwa gie muri certifikat li kkonferma li l-firma tieghu. Dwar l-imputat qal li ghandu obesity jigifieri piz, pressjoni gholja, problemi tal-qalb u metabolic syndrome li hi xi haga relata mal-obezita' u d-dijabete. Spjega li metabolic syndrome huwa li l-metabolism hija kundizzjoni fejn ikun hemm id-dijabete, il-pressjoni u l-obezita', it-tlieta f'daqqa. Semmha ukoll asthma il-qtugh ta' nofs. Gie ipprezentat dokument Dr Galea u mmarkat bhala Dok VG 1.

**Charmaine Grima** xehdet fis-seduta tat-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012). Hija gharfet lill-imputat fl-awla u qalet li saret tafu permezz ta' avviz ta' gazzetta dwar *remedial medicine* u *lotions alternative to surgery*. Hija kkonfermat li l-avviz huwa dak li jidher f'Dok MC3 a fol 25 tl-process. Spjegat li l-avviz kien biex *timpruvja* il-figura u kien hemm hafna fuq *sex life* u hekk li ma kienx jinteressah daqshekk. Qalet li l-avviz gibdilha l-attenzjoni u peress li alternative to surgery u cemplet biex taghmel appuntament u kelmet lil Raymond. Cemplet l-istess numru tal-mobile li qieghed imnizzel fuq il-gazzetta. Spjegat li qalilha jew jigi d-dar jew isir l-appuntament u qaltlu

li ahjar tmur hi peress li toqghod maz-Zija Qalilha biex tmur il-Qawra. Il-gurnata ma tiftakarx izda tiftakar li s-sena elfejn u sitta (2006). Spjegat li telghet il-Qawra u stennietu hdejn l-Ghassa tal-Qawra. qalilha biex imorru San Antonio Hotel ghax ghandu membership. kif dahlet kien hemm persuna ohra qabilha u qalilha oqghod stenna. Qabel kien gia qalilha biex iggib malja maghha u xugaman. Hallsitu ghaxar liri Maltin dak iz-zmien peress li qal li ghandu bzonn jaraha. Qaltlu fejn tixtieq tirranga u dahhalha got-toilet minhabba n-nies u minn hemm xtrat il-lotions u marret id-dar bihom. Xtrat wiehed minn kull wiehed. Xtrat wiehed *breast enhance*, wiehed tal-*flabbiness*, tghid li tista' tghid xtrathom kollha, tal-*hips*, tat-*tummy*. Tahomla hu. Qalilha li studja hafna fuq oriental medicine u ghamel zmien twil ic-Cina, li ghandu tabiba mieghu jisimha Dr Nara li ghandhom business flimkien. Qaltlu minn qabel li tbaghti b'eczema u qalilha dawn tant huma naturali li trid taghmilhom gol-fridge. L-expiry data taghhom hija qasira u li mhux se taffetwaha ghax kors la tibdih ha tispiccah. Ghal dawn il-lotions hallset xi ghoxrin (20) Maltin, bejn ghoxrin (20) u hamsa u ghoxrin (25). Qalet li xtrathom kollha u marret lejn id-dar, u bdiet tuzahom u effett ma rat ta' xejn ghax ma kienx ghadda dsashekk zmien. Wara xi hmistax li bdiet tuzahom beda jaqbadha raxx u hakk. Cemplitlu u qaltlu li ha twaqqafhom ghax qed jaqbadha l-hakk bihom. Qalilha dak ghax il-gilda tkun qed *tistrecja* qallilha jekk uzajt l-enhance specjament. Qallilha jew forsi mhux qed tapplikah bizzejjed kif suppost. Spjegat '*Qalli ukoll ried jaghmilha ta' tabib ghax ovvjament invistani biex jara l-gilda kemm tiflah tiggebbed, jew forsi ghandiex xi stretch marks. Xi gimgha wara qalli ejja biex nerga' narak u ltqajna San Antonio Hotel*'. Din tinsab l-Qawra ftit il-fuq mill-Ghassa. Iltaqghu isfel fejn hemm l-indoor pool. Mistoqsija jekk kellux xi clinic wiegbet li le pogga bilqeghda u kien jilqa' lin-nies hemmhekk. Qalilha li ghandu clinic ohra San Pawl il-Bahar fejn kien jaghmel xoghol ta' Avukat, Investigatur u kellu l-apparat tal-clinic tiehu. Marret is-San Antonio u qaltlu li qed jaqbadha l-hakk u qalilha li mhx xejn. Qalilha li se jaghtiha cream u jitlaq kollox. Spjegat '*Qalli li ghandek qalli jista' jkun ghandek daqsxejn fungus. Qalli jaqaw kont l-isptar. U kumbinazzjoni iva ghax kont immur nara lit-tifel ta' kuginti. Qalli ghax kien hemm xi virus*'. Ikkonfermat li marret

tara lil xi hadd peress li kienet toqghod ma' zitha u kienet tiehu hsieb it-tfal tal-kugini. Kien taghha xi cream milli kellu fil-karozza u kien hallat kollox hu. Hallat zewg creams ghax dejjem kien igorr kaxxa mieghu tal-injam fejn kien jaghmel il-lotions. Ma kinitx halset xejn ghal dan il-cream. Kien ghaddielha u kienet daqqa taghmilhom terga imbaghad u daqqa le. Tghid li ghaxx bejn ix-xoghol bix-shift u nsomma affarijiet ohra ma baqghetx taghmilhom. Cemplilha darba minnhom u saqsiha kif inhi sejra u qaltu li waqftithom. Dan kien xi xahar wara l-vista San Antonio ghax fil-fatt kienet bdiet taghmel kors tal-make up. Qalilha biex jara kif baqghet, kif marret ghax jixtieq ikun jaf x'rizultat sehh wara. Qaltlu li waqqfithom ghax daqqa taghmilhom u daqqa le. Qaltlu mhux worth it bhal speci. Qalilha '*skuzani domt ma cempiltlek qalli ghax kont ma niflahax. Mort peress li qalli kien ma jiflahx mort, one thassartu. Ghidtlu ehe rrid nerga' nigi ghidtlu ghax nixtieq nerga' nibdihom. Qalli ghax in-nies tghidx kemm sabuhom tajbin u apparti dan kienu jiehdu hsieb affarijiet ta' gilda hu u Dr Nara. Kienu jaghmlu xi treatments lil nisa li ma setghux jinqabdu pregnant u anke fuq irgiel. Hu kien jaghmel treatments ukoll fuq l-irgiel biex ikabru certu partijiet ta' gisimhom.*'

Marret u regghet bdiet tuppruvahom u beda jaqbadha hakk. Qalet li kienet taqla' hafna tghajjir u li dak iz-zmien kienu jghajruha bil-gilda u kattiverja u kemm il-darba marret ghand Professur u qalilha li exzema ghandha li hi disorder mhux *disease* u beda jghidilha *miskina*. Qalet li baqghet tuza t-treatments u raxx dejjem tiela'. Rieda jaghtiha l-pinnoli anke ingetjaha kien hemm zmien fejn spjegat li '*ingetjani sett injections u invistan u dan. U hadli d-demm ukoll*'. Dan kien jigri fil-clinic tieghu l-Qawra ghax qalilha biex tmur hemm ha jkun jista' jezamina sew. Iccekjalha sidiriha, ghamel qisu monitor u ccekjalha naqa u ohra. Spjegat li '*Qalli naha tidher tajba qalli n-naha l-ohra qalli qisu marid is-sider. Qalli fejn suppost jghaddi d-demm hemm blockage isfar fl-ahdar. U rajthom jiena. U qisni nkwitajt. Qalli ma jimpurtax. Hadli d-demm qalli issa ghada jigi xi hadd jahdem is-St James qalli jkun xoghol bil-lejl u qalli jiccekja. Mir-rizultat irrizulta skond hu illi ghandi tip ta' germ mhux identifikat. Ghidtlu tista' ttini c-certifikat qalli le qalli ghax dan biex jaqla' xi haga zejda qalli u ma taniex certifikat qalli li apparti hu habib tieghi.*' Ma qalilhiex minn kien it-

tabib minn fejn gab ir-rizultat. Spjegat '*Qalli dan qieghed jahdem fil-laboratorju u jaghmel dawn it-testijiet, jghaddi kull filghodu jigbor is-samples u qalli li ghandu tip ta' germ. Qalli hawn min ghandu hekk. Qalli issa meta kien ikelli l-qasma il-hakk dak johrog certu likwidu, qalli ghamel xi tissue halli nittesjawh. U testijiet fuq testijiet. Qalli ma nistax nidentifikaw. Qal lil Dr Nara qaltlu jew forsi qaltlu laqtitha minn xi toilet qaltlu pero' mhux eczema normali. Hu qalli, qalli li t-tobba mhux billi jaqbdu u jghidu Eczema qalli eczema tista' tfisser hafna affarijiet. Qalli ghax Alla hares jghidu l-verita' qalli bhal Herpres li jiena ghandi jigifieri tohrogli z-zmien tieghu jigifieri*'.

Xehdet li Dr Nara ma kinitx tkun mieghu, dejjem hu invistaha. Qalet li gieli kienet prezenti u li hija Mongoljana. Skond hu anke dehret fuq it-televizjoni. Qalet li kien jaghtiha l-pinnoli ma tafx x'inhuma qatt ma taghha ricetta ghax hu kien jghid kien igibhom minn barra u li Malta ma ssibhomx fl-ispizeriji normali. Kien jaghtihomla *loose* u dejjem ihallat il-cremas fit minn dak, bid-doza tieghu. Gieli zammilha flus u gieli le. Spjegat '*Qalli naf li inti maghkusa peress li ghandi ommi separata u kont nghinha fil-flus bi tliet huti jigifieri*'. Ma kienx izommilha aktar minn tletin liri Maltin (LM30). Ircevuti qatt ma taghha ghax qalilha suppost iktar imma li jaf li tifla sew.

Kompliet tixhed li r-raxx dejjem baqa' johroGilha qalilha biex ma tinkwetax ghax soluzzjoni jsibu zgur daqs dawk kazijiet li kellhom. Beda juriha, darba uriha ritratt skond hu mar fuq it-television qalilha ma tistax jghidilha min hi. Kif qalilha certu kliem indunajt min hi u qalilha li kellah skin disease. Qalilha li tipreferi tahraq il-gilda taghha bil-laser li xtratha minghandu qallilha milli toqghod kif inhi. Minn hemm bdew isiru hbieb. Kienet tmur qisu kull hmistax ghandu u daqqa l-eczema kienet tghaddilha u daqqa le imma baqghet tmur ghax xtaqet tara rizultat b'dawn il-lotions ukoll. Kien il-hin kollu jcempel, kif waqfet il-prodotti baqa' jcempel. Dejjem juriha xi prodotti godda u jghallimha. Qalilha tidher li tinteressa ruhha u li qed ifittxu xi nies. Darba qalilha biex isiefru. Dak iz-zmien kienet tahdem il-Cardinal Health is-shift. Ghadda z-zmien u

qalilha biex isiefru, jmorru holiday fis-*shut down* ta' Awissu. Qalilha biex jekk trid iggib lil xi hadd maghha qalet lis-sekonda kugina taghha. Hi qaltlu biex igib l-gharusa tieghu u qal li le ghax biex jiehu pjacir gej. Is-sekonda kugina jisimha Lorraine Cassar li spiccat ma gietx minhabba affarijiet personali ghalkemm hallset il-flight u spiccaw marru hi u hu. Kienu marru l-Italja Firenze. Xehdet li minn hemmhekk beda l-inkwiet kollu. Qalet li raqdu go camp. Hu ried jghid li ghandha hi jitiehed imma qalilha li ma hemmx inkwiet, qalilha jistghu jevitawh. Darba qalilha waqt treatment mess wiccu u beda johroglu raxx, li vera kellu rax. Kienet diga ratu qabel izda beda jikbirlu u kien simili tal-eczema taghha. Waqt li kienu Firenze darba minnhom kien ghamel hafna maltemp u bdiet tibza. Raqdu normali. L-ghada ried jghid li waqt li hi kienet rieqda kella xi demm u missietlu l-parti ta' wiccu. Nizlu lura Malta u kellha incident bil-karozza. Spjegat li beda jcemplilha jibki '*li fottejtlu hajtu*.' Spiccat bla karozza u kellha bzonn *part time job* anke biex tghin lil ommu ukoll u kellha hafna problemi, riedet titaq minghnd iz-zija ghax kienet imdejqa. Darba cemplilha u qalilha li sabilha *part time job*, qalilha mal-kumpanija ta' huha Melita Cleaners. Qalilha li qabilha kien hemm wahda Mongoljana u ghandu bzonn xi hadd iehor, qalilha cleaner, tliet darbiet fil-gimgha. Hadha Golden Sands Radisson Ghajn Tuffieha kumpanija ta' IRC u kienu diga' jafuh peress li kien hemm ix hadd iehor qabilha. Ipprezentaha mal-istaff li kien hemm is-Sibt. Spjegat li kien siefer ir-Rumanija. Qalilha li se jibda jiehu hsiebha hu, qalilha ghax huh ghandu hafna xoghol, invazat bix-xoghol, ghandu hafna cleaners u qed jiehdu hsieb progett ir-Rumanija fuq xi bini.

Dwar il-ftehim tal-hlas qal li qalilha li tibda tithallas darba fix-xahar u li mbaghad jilhqu jitkellmu. Qatt ma rat centezmu. Ma kienet ftehmet xejn mieghu. Qalilha li jipprova jzidilha xi haga biex jipprova jaghmilha bil-*full* mill-ewwel. Kellha bzonn il-flus minhabba ommha. Kien siefer u gie u qalilha kollox f'idejk u qalilha li ma jiflahx hafna. Qalilha li hadulu t-testijiet tad-demm qalilha ma jafx, ghandu xi tip ta' virus. Qal li issa jibghat id-demm lil Dr Nara ghax hi kienet telqet minn Malta marret lura pajjizha l-isptar taghha. Qalilha li ghandha Sptar u jaqblilha tmur hemm. Mit-testijiet irrizulta l-

isess haga li ghandha hi li qatt ma qalilha t-tip ta' marda. Qalilha '*ara ma tersaqx lejn l-isptar qalli ghax isakruk qalli u jekk tmut jaharquk*'.

Hi ma ratx testijiet izda kien dak li qed jghidilha hu ghax id-demm baghtu lil Dr Nara u peress li qaltlu li hemm serja hafna bezgha jmur l-isptar. Qalet li Dr Nara '*Qaltlu kif bniedem bhalek intelligenti qaltlu spiccajt laqqat marda minghand pazjenta. U qatghatlu t-telephone, issuppervjat. Jiena nfqajt nibki qalli toqghodx taghmel hekk qalli jiena naf li mhux Apposta. U beda jsaqsi ghal xi kura kemm ghalih u kemm ghalija.*' Spjegat li qalilha li hemmhekk avvanzati hafna mhux bhal hawn Malta. Imbaghad beda jaghmel kuntatti maghha skond hu. Hi ma kelmitiex direttament izda kelmitha meta kienet Malta pero' qatt ma tkellmu fuq hekk. Spjegat li beda jsaqsiha affarijiet personali, qalilha zgur li laqtet xi marda minghand ragel, qaltlu li ma jistax ikun. Qalilha li minn x'imkien giet qalilha forsi annimal. Hu u Dr Nara kkonkludew li ghal xi fejqan hemm bzonn li ssir transfusion, bil-flus ghalkemm kienet habiba tieghu. L-ewwel qalilha li se tipprova tigi hawn Malta, qalilha l-Isptar Boffa tiehu hsiebhom hi umbaghad ftit wara qalilha li ma jaqbilliex ghax mhux worth it ghax titlef hafna flus hemmhekk l-isptar sa kemm kun hawn Malta. Qalilha s-somma titla' erbatax-il elf. Spjegat li '*Dan qaluli waqt li konna r-Radisson hdejn ir-reception, Ghax fil-fatt pogga bilqeghda u hafna biki ghax beda jirtghod. Qalli ma niflahx noqghod bilwieqfa jiena. Jiena minn dakinhar hajti nbidlet kompletament. Xokk.*'

Qaltlu li ma ghandux flus, ma ghandhiex dik is-somma. Qalilha issa jaraw isibux xi rimedju. L-ewwel invintala bil-bank, biex imorru l-bank jiehdux xi loan. Il-Manager tal-bank dehrlu li ma kienx kaz genwin u qalilha li jistghu isibu rimedju iehor. Kienu marru l-Bank tal-BOV iz-Zurrieq. Qalilha li jistghu jsibu rimedju iehor, qalilha li jissellef il-flus minghand wiehed certu Charlie izda ma kienx qalilha kunjomu u qalilha li kien jahdem il-Golden Sands ukoll. Qalilha li iktar kemm ha jtawwal iktar ha jkun gravi. Hi kienet tahdem mal-Melita Cleaner u mal-Cardinal Health. Kienet ilha tahdem mal-Melita Cleaners meta qalilha li kellu bzonn jaghmel dan it-transfusion. F'dawn ix-xahrejn ma thallset xejn. Raymond kien jigi ghal paga. Spjegat li '*Apparti li kienu jhallsu lili skond hu ghax jien qatt ma rajt centezmu kienu jhallsu lilu ukoll ghax il-Boss tieghi. Darba*

*saqsejtu kemm suppost naqbad. Qalli inti bil-full dhalt qalli bil-1.75 is-siegha lira Maltija antika. Pero' jien ma noqghodx fuq kliemu. U biex ma napprofitax ruhi ghamilthom bil-1.25 ghax nahseb li haqqni. Lm.1.25 is-siegha.*' Izda il-flus dejjem marru biex ihallas il-loan. Dwar meta maru l-Bank u ma tawhomx loan spjegat li '*cemplitli u qaltli mhux ghalik, mhux ghalija qaltli ma rajnihx genwin il-kaz.*' Qalilha li xoghol Charlie li jsellef flus lin-nies u li ma jkunx hemm imghax fuqhom, skond hu issellef xi flus minghandu. Qal li ssellef erbatax-il elf Liri Maltin (LM14,000). Qalilha jiftehmu kif ha jkunu l-pagamenti lura u li ried ihallas il-flight ghax ried imur il-Momgolia u kienet waslitu l-airport. Lil Charles dak iz-zmien qatt ma ltqaghet mieghu izda ltqaghet darba u kien qalilha biex ma tghidlux li l-istess Charmaine ghax jibqa' jigri warajk. Haditu l-airport u spjegat li '*Biki ta' barra minn hawn ghax jiena, qalli jekk ma taraniex izjed qalli ghax jiena ma nahsibx li niflah ghaliha. Qalli bejn qalbi bejn id-dijabete, cholesterol, pressjoni. Jiena bdejt nibki. Ghidtlu jiddispjacini ghidtlu jiena ma kontx naf x' ghandi.U apparti minn hekk erfajt ir-responsabilta jiena ghax jiena stajt nghidlu jiena ma kontx naf x'ghandi. U terga' u tghid m'ghandiex flus.U jekk ma kelliex flus minflokk immur nitlob lil missieri ghax hu ma halliniex. Qalli f' din l-istorja ddahhal lil hadd. Qalli kollox bejnietna qalli apparti minn hekk ma rridx jibdew ifittxu lil missierek minhabba xi flus*'. Qalet li ma tantx kellha rapport tajjeb ma missierha. Waslitu l-airport, telaq bil-bagalja u telqet hi, ma tafx qabadx l-ajruplan u damet ma tisma' minghandu xi hmistax. Il-kont tela' wara li gie ghax qalilha li waqt it-transfusion inqalghu xi kumplikazzjonijiet kien ha jmut. Qal li tawh xi medicini li mhux suppost tawh ghax il-lingwa ma bdejt jiftehmu. Spjegat kif ix-xoghol kienet tibza' toqghod hdejn in-nies ghax qalilha perikoluza.Spjegat '*Qalli perikoluza hafna, qalli bejn l-air-condition tigbed l-arja hazina, qalli nispera ma tmurx tmarradhom kollha.*' Fil-break kienet toqghod go rokna wahedha ghax tibza li ghandha xi haga, lil hutha ma kinitx thallohom jorqdu maghha, darba bi zball ohta xorbot warajha kellha tnehhih daqs kemm ghajtet maghha, huma qatt ma kienu jafu xejn. Waqt li kien imsiefer cempillha jibki li waqt triqtu bejn ir-Russja u l-Mongolia tat-taxi ha xi zball fit-triq u tilef il-flight u hareg il-mus ghalih ghax ma riedx ihallsu Raymond. Kellha tibghatlu xi mitejn lira Maltin,mhux hi ghax ma

kelliex flus izda missierha biex jixtri ticket ghal flight ghal Mongolia. Dan sar fuq il-*Bvisa* tieghu ghamlulu transfer. Kien cemplilha darba meta qalilha li kien il-Mongolia u cemplilha meta wasal Malta. Marret tiltaqa' mieghu l-Qawra fejn il-Bahar fejn ta' Fra Ben. Spjegat li gie jirtodd, qalilha li vera esperjenza tal-biza u beda jsemmi minn xiex ghadda u qalilha li kollu minhabba fiha.

Spjegat li '*Qalli nixtieq inkun naf jiena x'ghamilt hazin biex haqqni dan kollu qalli wara li ppruvajt nghinek. Jiena dejjem inhossni guilty. U sa frattant bqajt nahdem il-Golden Sands ir-Radisson. Qalli kunfidenza taghti lil hadd.*' Qalet li tal-IRC iddecieda li jifthu kumpanija ohra ta' Time share Spinola bay u ma kellux clearners ohra, qalilha li huha qallu li nvazat biex-xoghol. Hi qatt ma ltaqghet ma huh. Dejjem jghidilha li xi darba jiltaqa maghhom ghax iridu jarawha biex iserhu mohhom biex ikunu jaf x'tip ta' nies jahdmu maghhom. Darba kienet ma tiflahx u kellha cetifikat li tahdem il-Cardinal Health u mal-IRC, cempel jghajjat maghha u qalilha li missieru tghidx kemm ghajjat ghax ma kien hemm hadd minflokha. Qaltlu '*jiena lanqas leave u lanqas sick m'ghandi ?*' qalilha le u qaltlu li ghajjiet u li ha ssib xoghol iehor u vera sabet xoghol iehor. Gabitlu skuza biex ma taghtix il-flus ghax jghid li ha titlaq u thallih f'xebgha inkwiet. Sabet xoghol bilqeghda, telephone operator, taghmel xi offertu fuq it-telephone. Spjegat '*U ma halliniex. Qalli mela hekk ghamel. Qalli mhux b'sahha li qabbiztek in-nies, anke lil ta' gewwa qalli x'ha nghidilhom. Qalli qas haq kemm iggilidt ghalik biex nirrangalek ghal job. Kelli nibqa' hemm biex ma naqlax inkwiet. Qalli mbaghad icemmpilli sick. Jiena kont vera ma niflahx, iccertifikant t-tabib ukoll*'. Bdiet tahdem mal-Melita Cleaners mill-ahhar gimgha ta' Awissu tas-sena elfejn u sebgha (2007) sa Awissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) pero' Awissu mhux kollu ghax taf li kellha shutdown dak iz-zmien. Qalet li qatt ma rat centezmu ghax kien jigbor kollox hu, hadmithom bil-1.25. Qatt ma thallset. Il-flus li suppost taqla kien johodhom Raymond halli jhallas il-loan u kien dejjem inizzel li ta l-flus lil Charlie. Kien jghid biex thalli kollox f'idu u '*Qalli wara li ghamiltli fottejtlu hajtu qalli nahseb l-inqas li tista' tparla.*' Dwar ic-certifikat, spjegat li meta qaltlu li fuq ic-certfikat hemm miktub li tahdem il-Cardinal Health u l-IRC, gie sparat il-Golden Sands

u mar jigbor ic-certifikat u qalilha biex ma tergax taghmillu kummiedja bhal din u biex fejn ma tifhimx tindahalx. Qalilha tahdem go bicca fabbrika lanqas ikellek negozju qalilha ma tfihimx f'dawn l-affarijiet izda ma spejgax ghala rrabja. Qalilha li kienet titfghu f'xebgha inkwieta. Kellha anke *final warning* l-fabbrika u shabha kienu jbghatu ghax kienet kwazi torqod, mhux kwazi, norqod. Sabilha soluzzjoni billi kien jixtrilha s-*stim and trim* biex ma torqodx specjalment bil-lejl. Kien tahomla hu. Qalilha li kien ibiegh hafna lil klijenti meta kellu zmien tal-clinic qalilha baqa minnhom. Fuq ix-xoghol kien umbraha kulhadd, kulhadd jghidilha kemm saret stramba, kif inbidlet, xehdet li bil-fors dak id-dwejjaq kollu gol-istonku taghha, u tibza' li ha tmarrad lil xi hadd. Qalet li kif lestew Spinola Bay, ghamel hafna maltemp u dahal hafna ilma, wara ilma gie tajn u ha qatgha x'hin ra hemmhekk kollux dizastru. Kull m'hemm jixxortja ghax l-ilma m'gholha hekk u halliha hemm wahedha, qalilha tnehhi kollox wahedha, tnaddaf kollox wahedha, ghamlet hafna sieghat zejda. Tghid li kienet tispicca torqod fuq is-siggijiet, kienet taqbad is-siggijiet kollha li kien hemm ma-mejda tad-desk taghmilha forma ta' sodda. Spjegat li x-xoghol beda jzid ghax bdew jifthu ufficini, jzidu, spiccat tiehu hsieb il-kcina tar-reps ukoll, il-marketing isfel u dejjem iktar ghajjiena, hu qatt ma gietu hniena minnha. Kienet tghidlu li qed tghejja u kien jghidlha li anke hu ghax kien jahdem xoghol ta' avukat, investigatur. Dwar xoghol ta' investigatur biex jiffranka l-pagi tal-haddiema gieli kienet tmmur mieghu.

Kienet tghinu f'dan ix-xoghol biex jaqtghu il-loan iktar malajr. Qalet li qatt ma hadet training u l-ewwel kaz kien dwar kaz ta' droga il-kottonera. Qalilha li mhux difficli, sakemm rat lir-ragel b'sikkina u xebgha inkwiet, u gbid ta' ritratti, tigbed filmati lin-nies. Kellha inkwiet id-dar ghax qatt ma halliet lil hutha nieqsa minn xejn imma mindu ltaqghet mieghu ma setghetx taffordja tiehu hsiebhom bhal qabel. Kontijiet gejjin u sejrin meta hu suppost responsabbli, dan jafu l-Appogg ghax kieku ma kienx ghaliha t-tlieta l-istitut qeghdin. Qatt ma gietu hniena. Qabel ma telaq il-Mongolja kien qallilha ahjar tqaxxar xaghra bil-lest ghax dejjem iweghda li iil-pinnoli jista jghiddila u li se jaffetwawla xaghar. Wara qalilha biex ma tqaxxar ejn ghax mhux se jtiha l-pinnoli ghax

tant huma qawwijien li jattakaw l-intern. Qalilha tajbin ghal min ghandu l-pesta. Meta bdew jinkixfu l-borom qalilha li pesta kelma bil-Mongoljan, hi ma sabet l-ebda kelma 'pesta' bil-mongoljan. Kienet tahdem mal-Melita cleaners, tmur l-investigazzjonijiet mieghu, tahdem spinola apparti tmien (8) sieghat ir-Radisson. Kienet tghinu fl-ufficju xoghol tal-Avukat mieghu. Tghid li kienet tiekol mill-canteen tal-lukanda tar-Radisson. Ma kienet tithallas xejn ghax il-flus suppost marru biex tinqata l-loan. Ricevuti ta' pagamenti li kien jaghmel lil Charlie qatt ma taghha. L-affarijiet ta' tindif xtrathom hi, taghtu ircevuta, weghda li se jaghtihom lil Jeremy tal-accounts biex jaghtiha l-flus u qalilha li jaghtiha xi haga minnhom u ma taghha xejn. Lanqas flus ghal petrol.

Ikkonfermat li kien hemm l-inkwiet il-Golden Sands, li ma kinitx qieghda taghti performance tajba fuq ix-xoghol, tghid li kienet ghajjiena. Kien qalilha li se jgib zewg persuni ohra biex inadfu l-fitted carpet ghax minhabba dak il-maltemp kien ghamel hsara shiha fil-fitted carpet biex jifrankala bicca xoghol. Wara lejl xoghol kienet tmur il-Golden Sands u wara Golden Sands, '*Spinola Bay darba iwa u darba le, le kuljum hemmhekk. Ir-Radisson darba iva, tliet ijiem fil-gimgha. u nerga*' *mmur xoghol bil-*lejl.' Ir-Radisson bdew igergru, qatlu jistghux igib lilx i hadd iehor ghax kienu jarawha ghajjiena u hu ma gab lil hadd u qalilha ssib hi. Qaltu li l-kumpannija taghkom suppost inthom issibu. Kellha l-inkwiet fil-fabbrika fejn tawha final warning. Hadu hafna pacenzja biha. Kemm il-darba wegghet. Tghid li qabdu maghha ghax il-kont rawh gholi u kienu waqfuha. Kien cempel jghajjat u jibki qalilha li ma jafx kif ha jaghmel minhabba l-loan. Spjegat li tal-*fitted carpets* ma kienux jezistu u li apparti li hadmet dak ix-xoghol kollu, l-flus ma tafx fejn marru, hadmet ghal zewg persuni ohra li lanqas jezistu. Harged bil-proposta tal-loans, qallilha biex terga tiftah il-business tal-*lotions* kif kont qabel. Flus ma kelliex u lanqas hu, u kien tahomla missierha, L-ewwel taghha elf Ewro, qalilha issa tohodlu hsieb kollox Dr Nara u mbaghad il-website u l-flixken u l-business cards kollox hi, missierha ghax hi ma setghetx. Hija tat il-flus lil Raymond biex gab il-lotions, tghid xi 500 ewro tal-bacteria. Tghid li meta kien spicca l-business, kienu bieghuh lil Sandra. Kien baqalu xi prodotti u kien xtara minghandha life bacteria li

skond hu tkun certu sustanza li thallatha mal-lotions biex jahdmu iktar. Elf minghand missierha u hames mitt ewro (€500) mill-paga tal-Caridnal Health '*Plus €500 suppost €700 tal-website semmiha naturalismus imma jiena kont minghalija halsithomlu Daniela skond kif qal hu l-harusa tieghu. Ghax jiena mms stajtx*'. Halset xi 75 ewro tal-vista print u ordna kollox ghal business cards. Il-magna li fiha l-infrared kien xtrahielha meta kien il-Belgju meta kienet klijenta tieghu u qalilha li tqum tlett mija Maltin (LM300) u tathomlu meta gie malta. Wara saret taf li sabet wahda ezatt simili izda b'differenza kbira fil-prezz li kienet hmistax-il ewro (€15). Dawn id-dokumenti huma mmarkati bhala Dok CG1.
Qalilha li se jghallimha hu ghax is-syllabus iqum hafna flus. Il-business card u flyers gew immarkati bhala Dok CG2. B'kollox kellhom xi 10 prodotti li ghadhom ghandha sal-lum. Il-lotions ramithom ghax ma qaliliex li kellhom jinzammu fil-fridge. Esebiet dokument bhala Dok CG3 li huwa rendikont. Kien ghamel flyer u riklam fuq il-gazzetta u qalet li ghandha ritratti tal-before u after tal-klijenti tieghu. Kien jezamina anke tfajliet u nisa u dan il-Qawra fejn ghandu l-istudio flat, fejn dak iz-zmien kien qighed joqghod. Damu bin-negozju xi hames (5) xhur, ghax damet hames (5) xhur thallas il-wesbite. Apparti minn hekk wehlet ma' shabha hi ukoll ghax dawn gew u lahaq invistahom u rahom bla hwejjeg. Peress li l-lotions ried ibieghhom lil wiehed barrani minkejja li kienu waslu biex jiskadu u hi qaltlu le u qalilha li ghandhom l-inwkiet ghax lil dan il-barranni gablu l-iskuza li nsterqu u pretenda l-flus lura tal-flight u tal-akkomodazzjoni u wehlet hi. Hi ma ltaqghetx mieghu. Qaltlu li avzatu biex ma tbiegh xejn la mhux tajbin, qabdet il-fliexken u battlithom u rammiet kollox.
Kellha problemi ma' Victor tal-website ghax pretenda l-flus tal-website ghax hi kienet thallsu bil-mod. Kien taghha curkett li qalilha li jiswa seba' mitt ewro (€700) li ghandha certifikat tieghu. L-ewwel ma riditux ghax peress li bi tlett (3) fossos qalet li curkett tal-gherusija. Qalilha li kien spicca kollox ma Daniela u li jhobbha iktar minn habib. Kienet zammietu u meta marret ticcekja sabet li jiswa xi hamsa u ghoxrin ewro (€25). Meta raw ic-certifikat qalulha li ta' ex pulizija ghax darba gie hawn.

Spjegat ukoll li waqt Golden Sands qalilha biex tmur mieghu ghand nutar minhabba flat tieghu. Qalilha li minhabba fiha l-mara indunat li laqghat marda minghand mara u qalilha biex tmur mieghu, taghlaq halqa u ma titkellem xejn. Kellha tidher ghal persuna li qas taf u qatt ma ghamlet kuntatti maghha. Esebiet zewg dokumenti, kunratt datat it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008) immarkat Dok CG4 kif ukoll prokura mmarkata bhala Dok CG5. Esebiet dokument immarkat bhala Dok CG6 rigwardanti s-sieghat li kienet tahdem. Spjegat dwar barcode li ivvinta u dwar meta marret biex taghmel *printing*. Dan gie esebit u mmarkat bhala Dok CG7. Id-dokument bl-elenku tal-hinijiet gie esebit bhala Dok CG8. Dwar il-magna tal-laser, prezentat skambu tal-emails bhala Dok CG9 u certifikat tac-curkett tad-djamanti bhala Dok CG10. Spjegat li meta marret l-ETC u l-VAT ghax il-business kien fuqha u giethom hniena minnha ghax rawha genwina u ma qaleghetx multi ohra. Dawn huma esebiti bhala Dok CG11.

Kien qalilha li jekk jifthulha sidirha johorgu d-dud. Marret imwera l-isptar Boffa u ghamlet it-testijiet. It-tabib qabad isabbat il-kotba tal-medicini quddiemha qalilha '*dan x tabib hu.*' Irrizulta li ma ghandha xejn li jittiehed. Dawn id-dokumenti mahruga mill-Isptar Boffa gew esebiti u mmarkati bhala Dok CG12.

Spjegat li wara l-episodju tal-lotions ftit wara giet l-ex gharusa tieghu tabiba u rega' beda jhajjarha biex jergghu jibdew bil-lotiosn, qalilha ghax issa hawn hi tabiba. Hadet ir-ruh ghax hu l-hin kollu jcempel dejjem jibki biex tmur hdejh. Dejjem kien jghidilha jekk imut hu, jmut kollox mieghu, minhabba l-loan. Kienet tmur mieghu l-isptar ghax kienet thossha guilty. Kienet iltaqghet ma persuna li kellha bzonn parir t'Avukat, u laqqatu ma' Raymond, qalilha biex ma ggibux l-ufficju u ltaqghu mieghu. Kien kaz ta' tfal u qallu li ma jistax jaqbez ghalih il-Qorti ghax il-Qorti kulhadd kontrik. Qallu li tista' tahtaf it-tfal u li jaghtih sebat'elef ewro (€7000) minn quddiem biex jirrangalu ghal dghajsa. Kienet waslet fi stat li ma setghetx taghtih iktar flus, qalilha li se jkollu jghid lil Charlie qalilha u lil Mario ghax ha jtellghuhom il-Qorti. Qalilha kumbinazzjoni l-Avukat huwa Dr Louis Bianchi l-istess iwehed li ghandha kawza mieghu l-Qorti fuq il-

car accident. Saqsiha titlax tixhed il-Qorti u qalet iva, beda jbezzaha li issa jkollu jghidilhom lil dawn in-nies. Qal li ha jkellimha zgur illum jew ghada. Bezghet u baqghet taghtih il-flus normali mugugha kif kienet. Kien jghajjarha li jekk ikollha tarbija iggib mostru fid-dinja, inqabdet pregnant u gidbidlu, ma qaltlux min hu missier it-tarbija ghax taf li ha jaghmlilha iktar hsara. Kienet tat in-notice biex tmur in-Cina mieghu ghal kura u beda jaqtala qalba biex ma tmurx mieghu, qalet li riedet tara lil Chen u qal li ha jirrangala xi business hemmhekk '*imma kumbinazzjoni kellha xi car accident, spiccat paralizzata.*' Kien cemplilha jghidilha li jaf li pregnant qalilha ma tisthix iggib tarbija fid-dinja bl-affarijiet u l-imbarazz kollha li ghandha. Qalilha biex tara fejn ha ggiblu l-flus ghax spicca bla xoghol. Qalilha biex tghid lil missierha jaghtiha, beda jsemmi tlett'elef ewo (€3000) halli jaqtghu. Qalilha li ghandu soluzzjoni ghaliha, ried igibila xi pinnoli, ghamlet disa' (9) xhur tibki. Darbtejn kull ma maret l-isptar ghax bdiet tibza bl-affarijiet li kien jghidilha hu. X'hin ma baqghetx taghtih flus, hu telaq minn Malta. Tefa' kollox ghal bejgh ghax in-nies bdew jigru warajh, li kellu jbiegh il-hanut tad-deheb minhabba fiha u d-deheb.

Darba giet habiba ghandha u qaltilha li tinsab minghajr xoghol. Qaltilha li ha ccempel fejn kienet tahdem mal-Cardinal Health, cemplet l-istess ufficju tas-Swansea ghax huh ghadu l-kumpanija Melita Cleaners u Swansea. U qalilha li ma ghandhomx kumpanija Melita Cleaners. Qaltilha li hadmet maghhom u qaltilha li ghandha zball. Din Charmaine qaltilha li ila tahdem ma Swansea seba' (7) snin u qatt ma kellhom kumpanija ta' cleaners. Imbaghad iccekjat mal-VAT, mal-MFSA lanqas biss tezisti din il-kumpanija. Dwar Charlie qaltlu li missierha jrid kopji tal-ircevuti ta' flus ha jghinha u certifikat li hi vera ma tiflahx. Hu kienn jghidilha '*ara ma tohrogx ma' hadd ghax li ghandek jittiehed. Qalli issa ntea' mieghi qalli ha ma tkkompliex tmarrad in-nies.*' Meta talbitu l-ircevuti, l-ewwel qal li ghandu imbaghad qal li ma ghandux. Qal li kollox qieghed ghand missieru. Cemplet lil missieru u kien imsiefer. Qaltlu li akkuzaha li mardet it-tfal tieghu. Qaltlu kif hutha ma ghandhomx u wiegibha li hutha *immune*. Meta cemplet lil missieru, kelmitha ommu. Spjegat li '*Qaltli x' marda hi, x gilda dan.*' Regghet cemplet u

kellimha missieru. Kien qalilha li missieru kellu johrog somma cash biex jaqta' l-loan meta missieru ma jiflahx b'cancer. Gideb fuq missieru u fuq it-tfal tieghu u li ommu ttiehdet u fuq l-gharusa tieghu Daniela. Tghid li ghandha kollox rekordjat. Missieru qalilha li jiddispjacih ghaliha, li huma ma jaqblux u li ahjar icempel lilu. Qaltlu li ma tistax ghax mhux se jghidilha il-verita. Qalilha li l-unika wiehed li hawn marid hawn gew huwa hu ghax ghandu cancer. Cemplet lil ex mara tieghu, staqsietha jekk it-tfal vera ma jifilhux u qaltilha li ma tafx min hi u li missierhom lanqas jiehu hsiebhom. Qalet li t-tfal taghha kull ma ghandhom daqxejn raxx tat-tensjoni. Imbghad cemplu lil Raymond kien imsiefer barra u qam panic u cemplilha qalilha li gej sparat ghaliha. Imbaghad ma semghet xejn iktar minghandu. Beda jcemplilha jghidilha tigi hdejh Spanja. Skopriet min hu dan Charlie saliba, qalet li kienet telghet il-Qawra tfittxu u marret isaqsi ghalih fil-Cafeteria u hanut iehor tad-deheb fejn ghandu Raymond hanut *Eaton Jeweller* ilu maghluq zmien. Tathom in-numru taghha u cemplilha, qalilha li qatt ma qala xebgha minghand in-nies minhabba flus. Qal li l-flus gabarhom kollha, li vera sellef lil hafna nies imma kollox gabar. Imbaghad saret taf li siefer l-Ingilterra, pruvat tikkuntatjah imma difficli.
Meta infethet din il-kawza beda jcemplilha biex tiffirma dokument li melita Cleaners semmewha hi u hu u mhux vera ghax hu qal li ta' huh. Qalilha li ghandha xeba multi minghand il-VAT, marret il-VAT ma ghandhiex. Kien gie d-dar taghha u qaltlu li ma trid tiffirma xejn. Qalilha biex imorru dawra san Anton kien hemm huha u ohta Jessica gew maghha u skond hu Nutar. Rieduha tiffirma, it-terza persuna jisimah Mark Zammit. Id-dokument ma ffirmatux, kien hemm miktub li qabdu tant flus tal-Golden Sands. Kienet sabet dan in-Nutar Mark Zammit u ha qata kif rahha. Qalilha li ma jistax ghax habib tieghu u li jekk titilghu l-Qorti jghajutulu u jgibuh f'sitwazzjoni kerha. Kien tahha business card, qalilha jekk trid iqabadha ma Nutar habib tieghu.

Kien dahhal li wiehed certu Toni Borg, il-bona. Kienet qalet lil ommha iccempillu u tghidlu li gie xi hadd minn tal-Bona ghal xi flus ghax hu meta kienet taghtih il-flus kien jghid li dawn in-nies perikoluzi, tal-Mafja. Qaltlu Charmaine tghidx x'tibki, qaltlu addio

l-baby li mhux veru, qalilha mhux hi taf x'hawdet ma dak il-barrani ta' dak il-kaz li nqala Ghawdex. Qal li dejn ma ghandu ma hadd hlief il-Visa, u dejn kien minghalih li ghandu u ma ghandux. L-ghada marret tifttex lil hu il-Bona ghax mejjet, marret tifittex lil Frans u ma sabitux. Dahlet il-kazin tal-Labour u tawha n-numru tat-telefon. Damet xi gimgha ma cemplitlux u qaltlu biex tiltaqa mieghu u ltqaghet mieghu iz-Zurrieq fejn l-iskola u qaltlu biex jigi d-dar. Qalilha '*dan jaqaw wiehed ohxon ex pulziija. Ghidtlu iva. Qalli wiehed bid-daqna xaghru ghidtlu iva jien. Qalli hallini ghax ghamilli. Baghat ghalija darbtejn il-Qawra. Jien bdejt nitrieghed, kelli npoggi bilqeghda. Issa dan qabel beda jghidli li izzewwigni ghax jiena peress li gdibtlu min hu missier it-tarbija biex ma jaghmiliex iktar hsara qalli niehu hsiebha jiena*'. Frans il-Bona qalilha '*dak cempilli ma nafx it-telephone minn fejn jigifieri gabu u qalli itla' s' hawn ghax ghandi bzonn inkellmek. U rah insomma, iltaqghu qallu hemm wahda Charmaine miz-Zurrieq qallu ghadha Pajero sewda qallu dik kellha taghti xi flus lil huk li Toni. Qallu ara hodolha u talli gejt nghidlek aqsam persentagg mieghi mhux hekk. Imbaghad qabez fuq Charlie qallu hemm wiehed Charlie qallu dak ukoll kellu jaghti xi flus...*' Frans il-Bona qallu li ma ghandux x'jaqsam mal-flus ta' huh. Spjegat '*Imbaghad ghidtlu imma vera, ghax Qisek tinhasad. Qalli ara mur ghajjat lil gharusa tieghi qeghda gol-van. Xeghelt il-Computer ghidtlu dan hu. Qalli hu kollu kemm hu. Qalli haliel, imbruljun mill-kbar.*'

Mistoqsija jekk imbaghad marritx ghand l-Ispettur qalet cemplet jew ratu l-Qorti. Cemplet l-Ghassa z-Zurrieq u qalilha trid tmur fejn gara l-kaz il-Qawra. Frans tant thassarom qalilha li li jigi maghha biex jaghmlu rapport flimkien u forsi ihalliha bi kwieta. Gie maghha l-Ghassa il-Qawra, gew ommha u hutha. L-Ispettur avzatu fuq it-telephone. Meta kelmet lil Ispettur Curmi kienet diga kelmet lil missieru.

In kontro-ezami qalet li tghix iz-Zurrieq ma' ommha. Mistoqsija ghandhiex problema Ghawdex qalet li iva kienet tiehu hsieb persuna '*ghax qal, propja jiena hadtha ghandu. Qalli ha jghinu, gab ruhu ta' Avukat qallu l-kawza tieghek hadd mhu ha jiehu hsiebha*'. Ikkonfermat li dan il-kaz li semmiet meta baghat ghaliha l-Ispettur Ghawdex ghax spiccat *missing* u hemm proceduri l-Qorti kontriha Ghawdex. Tghid li spiccat mhedda Ghawdex. Proceduri kontriha li kienet komplici. Tghid li akkuzata b'theddid. L-akkuzi

komplici ma xi hadd li ried suppost jigbor imma ried jisraq. Mistoqsija '*Inti Charmaine Grima miz-Zurrieq u kont deher quddiem il-Magistrat dak iz-Zmien Anthony Ellul u ghal inqas hawnhekk kif irrapurtaw il-gazzetti Miss Grima was accused of defrauding, threatening and defaming her victim. Dik wahda. Akkuza wahda biss ghandek jew iktar minn akkuza wahda jekk joghgbok?*' wiegbet li dik biss. Ikkonfermat li akkuzata bi frodi. Qalet li mhux hi heddedt imma hi wehlet ukoll.

Fis-seduta tat-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed **Alex Galea** fejn spjega li jahdem ma' Allied Newspapers Limited fil-kariga ta' Sales Manager tal-kumpanija. Huwa prezenta avviz li deher fuq is-Sunday Times Classfieid. Ikkonferma li l-avviz gie bbukjat minghand Raymond Camilleri u provda l-indirizz li kien ta Raymond Camilleri '*at time of book*'. Ma ghandux numru tal-karta tal-identita'. Hu qatt ma ltaqa mieghu personalment pero' wiehed mill-*booking officers* ikunu iltaqghu personalment mal-persuna.

**Lorenza Camilleri** xehdet fit-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) u spjegat li hija separata mill-imputat u li ghandhom tlett'itfal. Mistoqsija ghandhomx xi kundizzjoni partikolari b'mod specifiku forsi xi mard tal-gilda, wiegbet li permanenti le imma kien hemm okkazzjni fejn kellhom, it-tifel kellu raxx u ha l-kura u ghaddielu. L-iehor ma ghandu xejn. U l-iehor kellu marki qishom bubbles, nghata cream ghalihom u marru. Jigifieri hadd ma ghandu xejn. Ikkonfermat li kellhom xi haga hadu l-kura u telqet.

In-**Nutar Mark Zammit** xehed fis-seduta tas-sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn xehed li jaf lill-imputat. Meta bdew il-kors tal-Ligi, Raymond kien beda l-kors mieghu. Kien hadimlu zewg kuntratti mill-anqas, tista' tqisu klijent tal-ufficju taghhom. Huwa gharaf lil Charmaine Grima prezenti fl-awla. Kien gie mitlub minn Raymond Camilleri biex jaghti affidavit lis-Sinjorina Grima izda din ma saritx. Jekk jiftakar sew hu kien lesta l-gurament jew kien lest il-gurament, zgur ma lestiehx hu. Xehed li li forsi setha ghamel huma l-parti tal-introduzzjoni bid-detalji kif isir il-

gurament u l-parti fl-ahhar kif jinghalaq imma bhala materja ma jiftakarx x'kienet l-istorja bejniethom. Ma jiftakarx li kien hemm xi xieri jew bejgh. Kien mar fuq il-post fejn kelhom jiltaqghu. Ikkonferma li s-sinjura Grima kienet giet ghandu ghal xi xoghol jekk mhux sejjer zball aktar kmieni ta' din is-sena ghal gurament u hu astjena u qalilha la ma hadtux issa mhux ha jaghmel minn naha l-ohra. Ma ta' l-ebda gurament l-ebda naha.

**Mark Galea** fis-seduta tas-sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed li huwa Financial Controller ta' Kumpanija tal-Marketing tahdem Golden Sands. Lis-Sinjur Raymond Camilleri kien jafu ghax kien jiddilja mieghu fuq xoghol ta' tindif. Kuntratt formali ma kienx hemm pero' kien hemm arrangement li saru fuq emails mieghu biex isir xi deal mieghu. Il-ftehim kien li jkun hemm cleaner ghal certu sieghat matul il-gimgha ghal zmien qasir, kien jigi l-ufficju u jaghtuh cash. Dak iz-zmien kienu jhallsu tlett liri u nofs fis-siegha. Dan kien bejn xi Ottubru 2007 u waqafuhom kompletament Awissu 2008. Bhala servizz jistma' li thallas xi 1300 euro. Qal li wahda mill-persuni li kienet tigi ghax-xoghol hija Charmaine Cassar u gharaf il-parte civile fl-awla. Raymond Camilleri kien jigi l-ufficju, mistoqsi jaf kellux kumpanija, qal li l-emails kienu jigi Melita Cleaners. Mhux bilfors minghandu, anki minghand xi segretarji li ma jafx l-ismijiet, ma ghandux record bhalissa. Il-pagamenti dejjem lilu ghamilhom. L-iktar kienet Charmaine li kienet taghti servizz ta' cleaner imma jahseb kien hemm xi drabi fejn ma setghetx tigi u gie xi hadd iehor.

**Charles Saliba** xehed fis-seduta tas-sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u tnax fejn qal li xoghlu self employed caterer. Ikkonferma li jaf lil Raymond Camilleri peress li kien klijent il-hanut tieghu u ilu jafu ghal xi hmistax (15) jew ghoxrin (20) sena. Qatt ma talbu jselfu flus u lanqas lil parte civile ma jafiex.

**Godfrey Zammit** fis-seduta tas-sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed li huwa missier Charmaine Grima. Kemm il-darba talbitu flus u anke ammonti sostanzjali. Kien hemm xi darba elf euro, tlett elef, hames mija. Qal li xi lotions kienet tixtri, iggib xi lotions ghal sidirha u xi '*dan tal-Computer*'. Darba minnhom talbitu xi

haga ghal xi negozju zghir, talbitu xi 7000 lira jew ma jafx kemm. imbaghad qaltlu li ggibu karta tan-nutar u niehdok ghand Nutar tiffirma u qalilha ma jinteressaniex ma ma sellifhomliex. Qal li ridt jaghtiha minn qalbu, ma kienx jaf x'qed taghmel bihom ghal liema raguni. Ma jafx kemm taghha, sitt elef ma jafx. Daqqa tghidli ghandha bzonn xaghra, clinic jew hekk.

**Francis Borg** xehed fis-seduta tas-sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) li qal li jirregistra. Lil Raymond Camilleri jafu fil-Pulizija u issa ilu jafu xi sentejn u nofs. Kien cempillu biex jiltaqa max-xhud. Spjega li '*cempilli qalli Raymond u ma kontx naf x'inhu jghidli. U ltqajt mieghu fejn Tanti Bugibba. Qalli fejn niltaqghu ? Ghidtlu tanti taf fejn. Gieli mmur mat-tfal jiena u anki hu jafni dejjem inkun mat-tfal. U konna qeghdin inehhu toast insomma u gie hu. U qalli hareg qalli ghandu xihanut jitkellem haffna bl-Ingliz, Qalli qieghed imsiefer. Qalli ghandi naghti jafna flus lil huk. Qalli u nohduhom flimkien qalli naqsmuhom. Biex nghidlek ghal ewwel ghitli iwa u mbaghad ergajt cempiltlu wara jumejn ghidtlu min ghandu jaghti lil hija, ghax inqaleghet storja ohra ta' Charmaine wahda miz-Zurrieq.*' Huwa indika lil parte civile. Spjega '*U ghidtlu issa min ghandu jaghti lil hija ghidtlu . . . jew jixghelhom xemghat. Qalli u ejja qalli ghandu jdahhal, ghandu jtih hafna flus. Qalli biex naqsmuhom flimkien. Dik id-darba dakinhar stess ghidt iwa imma bdjet nintebah ghidt*' Huh huwa Twanny Borg maghruf bhala il-Bona. Spjega li '*hawn hafna nies minn go Malt stess ghandhom ituh bhal ma tlabtx lil dak li qalli Raymond lil min qalli ghal min la lilu u lanqs lil min ghandu jtih ma tlabt lil hadd*'.

**PL Alan Scicluna** xehed fil-wiehed u ghoxrin (21) ta Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn qal li jahdem fl-ufficju legali tal-Isptar Mater Die. Gie muri d-dokument esebit a fol 41 tal-process. Kienu gew mitlubin biex jipprezentaw file mediku ta' Raymond Camilleri li gie kkupjat minn Susan Bonnici u prezenaw lista ta' tobba li ezaminaw lil Raymond Calleja. Qal li l-file ta' Raymond Camilleri bin-numru tal-karta tal-identita' 26974M. In kontro-ezami qal li l-kopja ghamlitu s-segeretarja tas-Supretendent tal-Isprar u gabitlu kopja tal-file kollu. Ikkonferma li jekk persuna tmur l-isptar jaqbilghu l-

file tieghu izda ma setghax jikkonferma jekk kollox jidhol f'dak il-file jew jinzamm files mid-dipartiment jew notamenti.

**Mario Formosa** xehed fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012). Huwa jahdem il-Bank of Valletta bejn Lulju 2006 u Jannar 2011 kien Manager ta' Zurrieq Branch, Bank of Valletta. Lil Raymond Camilleri u Charamine Grima ma jiftakar xejn dwarhom. Ma jiftarkax jekk dawn gewx xi darba quddiemu izda qal li minn records li hemm fil-Bank fiz-zmien li kien hemm, hemm imnizzel li Chrmaine giet applikat ghal loan ta' erbatax-il elf lira Maltin (LM14,000), din in-nota mnizzla fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008). Lil Raymond Camilleri ma jafux. Din kienet giet declined.

Fit-tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012) xehdet **Sharon Young** li qalet li hija Manager tal-medical records Mater Dei. Giet murija l-kontenut tal-envelope esebit a fol 41 u kkonfermat li huma kopja tal-file u li hi ghandha l-file originali f'idejha. File suppost ikollu kollox pero mhux dejjem ikunu jistghu jirregolaw li jitpogga kollox. Fil-kaz ta' emergenza il-karti jinzammu l-emergenza sa kemm il-pazjent ma jigix admitted l-isptar. Jekk jigi admitted l-isptar jigi parti mid-dokumenti u jigu fil-file. Il-bqija jinzammu hemmhekkk. l-appuntamenti kollha ikunu fil-file. Qalet li jekk ikollok diabetic patient ghandhom file ghalih ukoll jigifieri ma jidholx fil-medical history.

A fol 254 et sequitur gew prezentati *ticket of referral to the A&E Department*

**Johnan Camilleri** xehed fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn qal li huwa direttur ta' hafna kumpaniji differenti. Bhala tip ta' xoghol qieghed travel, automotive, transport, insurance. Ma huh l-imputat qatt ma kellu x forma ta' negozju jew kumpanija flimkien.

**Anton Falzon** xehed fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) li qal li lil-imputat jafu ghax '*kien iwassal lil Qorti*[15] *d-dar xi drabi ghax kienet tahdem mieghu*

[15] Din il-Qorti qieghda tifhem li l-kema 'Qorti' kellha taqra' 'ohti'.

*u gieli kien icempel id-dar u gieli anke xi drabi dahal gewwa.*' Qal li ohtu rat avviz fuq il-gazzetta ta' xi creams u dawn l-affarijiet u cemplitlu u bdiet tmur ghandu. Dan jafu ghax qaltlu ohtu. Hu ra l-kopji tal-avvizi fuq il-gazzetta. Ma kienx maghha meta cemplet, gieli kien il-clinic ta' Ray San Pawl. Kien mar ma ohtu. Meta kien imur maghha ghand Ray kienu jitkellmu fuq prodotti. Qal li kienet taghtih flus ghax mill-paga kwazi xejn ma kien jifdlilha. Kienet toqghod maghhom u ommu kienet titlobha xi haga u Charmaine kienet tghidilha ma ghandhiex flus. U ommha kienet tirrabja u kienet tghidilha kif ma ghandek xejn flus tahdem dan ix-xoghol kollu. Gieli gie d-dar. In kontro-ezami, mistoqsi ghal xiex kienet taghtih il-flus wiegeb '*Ghal ewwel ma konniex nafu imma biz-zmien qaltilna ghamlet xi loan u mbaghad minn hemm sirna nafu*'. Kien issellef Ray xi flus ghal ohti u hi biz-zmien bdiet thallas. Kien sabilha xoghol tahdem mal-kumpanija taghhom ta' xi cleaners. Kienet tahdem ir-Radisson u l-Golden Sands u l-fabbrika x-xoghol normali taghha. U minn dan xejn, qas kien jifdalla flus ghax kull hmistax kienet taghtih il-flus, nofs il-paga kwazi.

**Lorenza Camilleri** xehdet fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn mistoqsija t-tfal hadux xi kura xi darba dwar xi creams, qalet li creams li nghatat inghataw skond ir-ricetta tal-policinic jigifieri li taha u l-creams xtrathom mill-ispzerija. Ir-ragel qatt ma taghha xi creams ghat-tfal jew issugerilha tmur ghandi xi hadd ghal kura tat-tfal. Maret il-klinic tal-Gvern u skond ir-ricetta li taghha t-tabib xtrathom. Qatt ma marret ghand xi hadd Dr Nara izda maret il-clinic tal-Gvern tal-Mosta.

In kontro-ezami mistoqsija kemm ilhom mifrudin bil-kuntratt wiegbet li tlettax (13)-il sena minn tletin (30) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u disgha u disghin (1999).

Fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed **Romuald Attard** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta fejn gew mitluba jesebixxu statements tal-kontijiet kollha f'isem Charmaine Grima. Sab hames kontijiet kif ukoll VISA Classic

Card, gew mitluba mill-elfejn u sitta (2006) sal-lum u cioe' sad-data tax-xhieda. Gew prezentati disa' (9) dokument u mmarkati bhala Dok RA 1 sa Dok RA 9.

Fis-seduta tat-tletin (30) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) xehed Dr Mario Scerri[16] fejn qal li l-kundizzjoni meta rah fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju jigifieri jumejn ilu kienet aghar mill-ahhar darba, fis-sens li ma qum xejn mis-sodda, jaghmel hafna diarhea, uncontrolled diabetes, pressjoni gholja. Mentalment orjentat ghal lok u kull persuna u jirrispondi b'mod korrett ukoll u coherent ghad-domandi li jsiru pero' fizikament il-mobialita tiehu mhijiex tali li jista jattendi ghalissa l-Qorti. Ir-relazzjoni giet immarkat bhala Dok MS1.

Fit-tnejn (2) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015), Dr Mario Scerri prezenta r-rapport mediku iehor a fol 441 li ukoll gie immarkat bhala Dok MS 1.

Fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) xehed **Francis Borg** in kontro ezami li din il-Qorti qieghda tifhem li b'referenza ghall-imputat qal li stiednu biex jiltaqa mieghu, qal li gghalu jqabdu ma' persuna. Mistoqsi jekk talbux xi flus wiegeb 'minghalija prova jghidli iva. Ta' hdejn Fra Ben ghax ta' Fra Ben ilqajna mieghu l-ewwel darba, iltqajt mieghu. Ma jiftakarx ghal xiex riedhom il-flus, dan ilu xi erba' snin. Ma jafx jekk issellifx xi flus minghand huh. Qal li l-istorja kienet fuq wahda mara, li kien johdielha l-flus ghax dik kienet giet tfittxu Hal Luqa u ma kienx jaf min hi u giet tghidlu. Mistoqsi dwar li talbu iselfu xi flus, qal li ma jiftakarx jekk kinitx xi haga ta' sahha, ma qallux li ghandu xi haga zgur.

**Mark Galea** xehed in kontro-ezami fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn ikkonferma li kienu saru xi negozjati bejnu u bejn is-Sur Camilleri ghar-rigward ta' xi servizzi ta' xi tindif. Qal li l-arrangament ma kienx car.

[16] Huwa xehed li kien diga xehed fis-seduta precedenti izda dan ma jirrizultax mill-atti ghajr li fil-verbal tas-seduta tat-tnejn (2) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) hemm imnizzel:
'*Il-Qorti, giet infurmata telefonament minn Dr. Mario Scerri li f'dawn il-granet mar jinvista lill-imputat u fil-fehma tieghu illum l-imputat ma setghax jattendi minhabba kundizzjonijiet medici.*
*Dr Mario Scerri bghat jinforma lil Qorti illi ma lahaqx jipprepara rapport bil-miktub pero' dan ser jigi pprezentat ulterjorment*'.

Jiftakar li kien ikollhom emails u fuq l-email kienu qed jikkomunikaw ma' Raymond. Ma kienx involut fl-arrangament ta' kif beda l-kuntratt pero kien hemm tnejn, tlett tfajliet li kienu inadfu fi zminijiet differenti. Ghandu l-kariga ta' financial controller. L-arrangament kien ghamlu xi manager iehor li kellu kuntatt, ma jafx jekk mhux ma Ray direttament jew inkeella ma wahda mit-tfajliet. Mistoqsi jekk f'din il-korrispondneza tahx indikazzjoni li huwa xi direttur jew xi haga simili, wiegeb li wasal ghal dik il-kokluzjoni mill-emails, ezempju meta bdew jirrevedu r-rati kien hemm email direttament minghand Ray. Kien jigi ta' spiss u jitkellem dwar certu proceduri li ghandhom per ezempju fejn jistiva certu affarijiet ta' tindif, spejjez u kien jissugerrixi. Kuntratt bil-miktub ma kienx hemm, lanqas mat-tfajliet. Min kien jigi jnaddaf kien jigbor il-flus skond is-sieghat li kien jaghmel u kien jinghata flus cash. It-tfajliet kienu jiffirmaw irceveuta karta li kienu jaghtuhom. Ikkonferma li kienu jithalllsu t-tfajliet li jnadfu u jiffirmaw l-ircevuta li kienu ircevew dak l-ammont.

In ri-ezami qal li kienu jithallsu b'diversi modi. Mistoqsi kif kien jithalas l-imputat wiegeb li ma kienx inaddaf. Qal li l-imputat kien jiddiksuti r-rati pero ma kienx inaddaf hu pero mhux l-ewwel darba li gabar pagament.

In kontro-ezami mistoqsi x'kien ikun fiha l-ircevuta wiegeb li minghalih firma u l-ammont. Mistoqsi ta' min kienu dawk il-flus, wiegeb min ikun ghamel ix-xoghol. Qal li ismijiet ta' min kien inaddaf kellhom indikazzjoni pero' imbaghad wara konversazzjoni li kellu mal-imputat kien qallu li l-isem huwa hazin. Ma kienx ikun hemm ircevuta tal-VAT. B'referenza ghal Dok RC1 li giet ipprezentata wiegeb li hija ircevuti mahruga minn Charrmaine Grima qed jghid ghax-xoghol ta' Island Residence Club li huwa isem il-club li joperaw mhux il-kumpannnija diettament, huwa operaitng name. Il-kumpanija jisimha Azure Services Limited, dak iz-zmien kienet Leisure Marketing Limited u Island Residence Club kien it-trade name taghha. Qatt ma ra VAT receipts anqas fil-file.

**L-imputat Raymond Camilleri** xehed fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn qal li kien jghix wahdu wara li kellu l-*ailments* ta' sahhtu, ghamel

riklam biex ikollu carer jiehu hsiebu u tghix gewwa d-dar mieghu u din il-carer kienet tabiba mill-Mongolia li giet Malta biex tistudja l-ingliz ghax kellha xoghol fl-Amerika, kellha kors ta' tmien (8) xhur u waqt li tkun qed titghallem l-Ingliz ma thallas kera jew ikel, dawl u ilma izda tiehu hsiebu waqt li qieghda Malta tistudja erba' (4) darbiet fil-gimgha. Beda kollox sew u kienet qed tiehu hsiebu, qal li qabel kellu *medical student* li introducietu ghal prodotti Asjatici. Qal li ghandu kwistjonijiet bil-gilda u skin flabbiness. Qal li kienet tattendi mieghu quddiem il-Profs Stephen Fava u li '*we found an understanding betweenn Eastern medicine ma' Western medicine and they started working.*' Peress li l-kors kien qed jigiha hafna flus issugeriet li jirriklamaw il-prodotti minflokk ma jgibu f'ammonti zghar. Ghamlu riklam u f'gimgha bieghew kollox, kienu qed jahdmu u bdew jiehdu hafna ordnijiet. Il-business beda jikber u allura marru biex japplikaw ghal numru tal-VAT f'isem Dr Nara u peress li minn third world ocuntry kellha bzonn hafna dokumentazzjoni, u bdew jaslu l-prodotti u peress li b'expiry date qasira bdew ibieghhom. Bdew ibieghhuhom cost price biex ma jitilfux flus u ma tawhomx ircevuti. Wahda mill-klijenti kienet Charmaine li meta ltqaghu kellha Ingliz hazin hafna. Kien fl-ufficju u beda jkellimha u qaltlu x'problema kellha baghta ghand Dr Nara biex tezaminaha u kienet taghta l-prodotti li kellha bzonn u kif bdiet tuzahom Charmaine bdiet tara *improvement*. Qal li bdiet tigi ghal iktar u xi kultant kienet tkun upset ghax ma setghux ibiehulha iktar ghax ma kellhomx fl-istock. Kienu invitawha gewwa biex juruwha li ma kienx baqalhom prodotti u offrewla cafe, te u bdiet tigi ta' sikwiet u kienet iggibilhom *pastries* u kienet saret *friendly*. Bdew jibnu relazzjoni vicina u bdiet tghid dwar shaba li jekk igibu tghinhom fil-market u kienet interessata li tigi involuta ghax kienet tahdem gewwa fabrika u ma kinitx taghmel bizzejjed flus. Bhala hbieb kellu aktar hbieb irgiel u mhux tas-sess oppost jghid li ma kienx daqshekk furtunat. Il-fatt li kellu habiba tas-sess oppost beda jhossu ferhan hafna. Wara dak ma baqghatx klijenta izda bdew jaghtuha prodotti bxejn u hargu flimkien u marru holiday u minn hemm bdew il-problemi.

Marru vakanza gewwa Firenze fis-shut down tas-Sajf u meta waslu Firenze marru '*tent adventure*', suppost huma u tnejn minn shab Charmaine kellhom ikollhom kamp flimkien izda l-hbieb ma gewx, tilfu l-*flight* u spiccaw hu u Charmaine f'dan il-kamp u minn hemm bdiet ir-relazzjoni intima. Qal li gew close hafna. Huwa separat, telqitu l-mara u ghandu tfal u huwa liberu. Qal li gara incident, kienu xtraw Baileys duty free, zewg flixken ghal prezz ta' wiehed, kienu flixken tal-litru, kienu ccelebraw ma nies ohra '*by the campfire*' u komplew jiccelebraw bil-baileys fil-kamp. Filghodu kmieni ghal habta tal-hamsa ta' filghodu qam fejn spjega li '*there was a mess in the bed, a very big mess and it hapened during the night because you know the natural women's cycle thing you know, it happened during the night I think and there was a big mess. In a tent during the night we could'nt see anything bcause we had no light because once the lights go off from outside you could not see anything unless you put a torch on.*' Qal li filghodu sab il-lizari, imhadded u huwa bid-demm. Qajjimha bil-panic u qalilha li hu jew hi hiereg id-demm, jghid li hu johroglu demm minn xaghru jew rasu meta jkollu problemi tal-gilda izda rrealizza minn fejn kien gej u f'anqas minn erbgha u ghoxrin (24) siegha kellhom imorru l-isptar ta' Firenza ghax kull fejn kellu d-demm kellu '*everywhere puffed up*' Hi spjegat bit-Taljan u t-tabib qallu biex kif imur Malta imur ghand GP biex jaghmel testijiet. Il-holiday qasruha u f'jumejn kienu Malta. Kif waslu mar jara t-tabib u kien Ghawdex ghaz zmien il-festi u mar il-polyclinic u ezaminah it-tabib u tawh appuntament l-emergenza biex imur l-Isptar Boffa dermatological Dr Carabott u qalulu li ghandu flare, li '*contagious, I had contracted HSIV which for me HSIV telling me like that I did not know what it was, I thought it was something like you know HIV, so I panicked and I called Charmaine, come and meet me because they want to take a blood sample from you as well. I was panicky, alright HSIV turned ut to be a coe name for Herpes which is still not nice to have imma it was not bad as it was.*' Qal '*I found out the reason why the HSIV was on me and worse than on Charmaine because if you have a low immune system and I had already a low immune system because of my health and not her fault. I am a chronicall ill person with diabetes for a long time...*' Qal lil Charmaine u cempel lil Dr Nara u lil Dr Chan peress li ghex maghhom ghal tmien xhur

f'Malta u kienu '*expert doctors on skin dermatological doctors*' u kellu kunfidenza fihom u qalulu biex imur Boffa Hospital u jkellem lil Dr Carabott u huma kelmu li Dr Carabott fuq it-telephone. Qal li '*and they said in Malta we don't have this kind of filter we have this filter but we use to filter urine from the blood and not to filter viruses from the blood. They said its called humopurifier which means basically perople who have no more kidneys thye go and do this type of process to purify their blood from urine because the kidneys fail but in Mala they could not do it and they suggested that I go to do it in England but when I checked in England how much the prices were how much the prices were, it was unbelievable cause you have to sell the house to do it because otherwise there is not way you can do it.*'

Spjega li pajjizi ta' Lvant fi kliemu '*Eastern Counties*' bhal India, China jew Mongolia huma irhas u tista' ssir. Qablu li jekk ma jhossux ahjar fi zmien sitt (6) xhur jikkunsidra imur jaghmilha. Ma marx ahjar f'sitt (6) xhur u lanqas il-GP tieghu Dr Mario Scceri ma setghax jaghtih '*fit to fly*' certificate biex isiefer. Kien irrabjat ma' Charmaine, spjega li '*I told her listen I was angry with her at that time I was really angry with her I told her that for these things you have to pay attention you, they are not things you know...qaltli I did not know, I live with my family and did not know that during the night it was going to happen. And anyway I was really upset with her and I started giving her the elbow and that was the worst thing I could have done because she turned against me like I couldn't believe.*' Kellu tfal jigu jarawh u ma riedhomx jghaddu minn li kien qieghed jghaddi hu, jghid li '*when my wife saw me with a flare..she told me I am not going to let you see the kids qaltli because you infect them and it was true because herpes ...get infected...ahseb ara jiena I had everywhere.*' Hajtu bdiet tmur ghall-aghar u kien jigdbilha li mhux id-dar meta ccempillu fuq il-mobile u jsir jaf li qieghda wara l-bieb. Qal li kellhom business ghaddej, u li '*we totally ignore it and we let it go down the drain. There was some money invested and we let it go down the drain.*'

Xehed li ircieva xi medicina u l-minuta Dr Chan qaltlu li l-medication bdiet tahdem qaltlu li huwa kandidat tajjeb biex imur jaghmel il-*humo purifier machine*. Qal lil Charmaine li ried blood sample minn taghha '*to take it with me and without they would not be able to I don't know.. eliminate that virus they needed the source.*' Qaltlu li jekk ihossu

ahjar trid tmur ukoll. Ghal bidu riedet tigi mieghu qalilha ghaliex le, huwa qabel maghha. Gab '*fit to fly*' minghand tabib iehor biex isiefer, mar u l-process mediku hadem bejn 82% u 92% '*what did not filter what's already deposited in my organs like my kidneys, in my heart.*' Jghid li gie lura b'gilda mhux bhal ta' tarbija izda kif qatt ma raha. Charmaine kienet kuntenta hafna u anke hu. Kien qal lil mara '*listen i did not say that I had eighty six per cent gone I said I am better now I can see my children.*' Charmaine riedet tmur, reghu qabdu l-business u saqsiet ghal flus lil missierha biex ihallasha somma biex jaghmlu marketing tal-business. Hu ha l-parti clerikali u qatt ma kien involut fil-business u l-VAT number kien f'isimha. Hadet hsieb kollu hi u hu ha hsieb il-parti clerikali, ghamel xoghol bil-computer. Hadmu ghal tlett (3) xhur f'kundizzjonijiet tajba. Ma kintix tfaddal il-flus li tigbor izda irnexilha tfdaddal biex tixtri biljett ghal Mongolia biex tiltaqa ma Dr Nara u Dr Chan ghax saru hbieb taghha ukoll. Waqt li kienu f'Malta kienet tkun kwazi kuljum maghhom u anke ghal huha li kellu hafna *ailments*. Riedet aktar flus ta' malajr u l-business beda jmur lura ghax il-prodotti kienu spiccaw u ma kellha xejn biex taghmel re-stock u staqsietu ghal ghajnuna ghax il-prodotti kienu spiccaw u riedet taghmel re-stock. Xehed li missieru huwa ma jiflahx hafna, ghandu kancer u huh ghandu kuntatti tajba b'car hire u lukandi f'Malta. Spjega li '*We supply time share, hotels, car hire and everything so she asked my if I know of any job she can make.*' Mistoqsi x'isimhom il-car hire qal li hemm erbgha (4). u cioe' '*Fonzy Car hire, Trust, Budget u First Car Hire.*' li huma ta' huh Johann Camilleri u staqsa lil huh Johann biex jaghtiha ftit granet fil-gimgha biex tnaddaf l-ufficini jew xi haga u qallu li ma ghandux bzonn bhalissa. Qallu izda li mar jigbor flus mill-Golden Sands u ra li jriedu maid, qallu li ghandhom riklam u cemplu l-Golden Sands u '*lahaq kellimhom ukoll u tahom il-heads up hija...u cempilt jiena u qaluli mela le, no problem send her*.' Qal li ma setghetx tikkomunika bl-Ingliz ghax hemm it-timeshare li huwa mmexxi minn managers Inglizi u mar maghha u introducihom u kienu kuntenti hafna biex jipruvawha u kienet tarah hafna hemm ghax kellhom timeshare bhala familja u kienu jmorru Golden Sands ghal weekends. Kienet tikteb is-sieghat u ssaqsih biex jaghmilhom puliti fuq print out, fuq

computer u darba biss jahseb li produciet kont hi, il-bqija dejjem hu ghamilhomla. Qal li '*It was in my interest. She owed me at the time about nineteen hundred Maltese money from Maltese to Euros and if she wanted to travel with me to Mongolia it would have been ...for me not to travel all those miles alone and Nara and Chan up to them they had nothing against her because she did not have any problems with us so they were willing to see her again you know and everything.*' Wara xhur tahdem hekk '*she started slacking on the job*', u qalu lil familja li tawha *chances* imma mhux tigi fil-hin u titlaq kmieni u x-xoghl mhux taghmlu sew. Spjega li '*I collected her money, when I gave them the hours she is right I collect her money, I gave them the hours of the next month of what she worked and I collected her previous money and it was me who gave her the money to her*.' Wara li waqfuha bdiet tidher mhux normali, kienet ecitata izzejjed u agitata u ma kinitx tinxtamm ta' alcohol izda ma kellux provi ta' x'beda jigri. Li jaf li nefqet hames mitt ewro (€500) f'gurnata u mar ikellem lil ommha u lil huha u qalulu li bdiet tagixxi stramb. Affarijiet bdew jigu neqsin mid-dar taghhom u segwiha darbtejn, l-ewwel darba mar fejn St. Luke's fejn iltaqa ma xi hadd quddiem detox centre u saqsiha x'kien hemm fil-basket u qaltlu li mhux affarieh u r-ragel l-iehor inbuttah u mar jirraportah il-Pulizija u baghtu ghalih. Qal '*I was no longer if I ma say the word sugar daddy. No more money came from me anymore and I called her father.*' Qal lil missierha biex ma jaghtihiex flus ghax tispicca l-qabar. Ircieva telefonata minghand Anthony Borg li kien il-persuna li selfu l-flus biex siefer barra. Qal li ma riedx juza l-portfolio investments biex isiefer alluea kien cempel lil Anthony Borg li kienet introducietu ghalih Charmaine ghax ommha kienet iselfet minghandu, kien urih arlogg tad-deheb u tah garanziji. Jghid li dan ma kienx jaf jaqra u jikteb u meta gie lura halsu lura, jghid li kien loan shark u ried aktar flus u immedjatament qallu li huwa puizija u kien jaf kif jimxi ma loan sharks. Jghid li rcieva telefonata minghandu. Jghid li Frans Borg gharfu allura telqu, ma provawx jiehdu aktar flus. Hallas il-loan u beda jircievi theddid minghand Charmaine, li se tghid lil mara, x'jaghmlu u li ghandu filmat li qieghed jiprova jgib ghax qieghed f'laptop fil-pussess tal-Pulizija Ghawdex ghax ghandha kaz iehor fejn ammettiet l-akkuza. Din is-sentenza giet esebita bhala RC2. Ried

jipprezenta s-sentenza ohra tas-sieheb ta' Charmaine li saru jaru li beda jimbuttaha biex tiehu flus minghandu. Is-sieheb jismu El Ashraf El Bakri u s-sentenza hija esebita bhala Dok RC 3. Meta hadet flus minghand haddiehor kienet mma El Bakri. Charmaine daret fuqu u bdiet titlob flus ghax kien qieghed jimbutaha u sar jaf aktar tard mill-familja taghha li li gej mhux minn Charmaine izda mill-*boyfriend* li ghandha. Qalulu li qed jaghmel hekk lil kulhadd u li diga ghandu tlett (3) kazijiet ohrajn. Bdew icemplulu jghidulu li jridu l-flus u li jekk ma jaghtihomx ghaxart'elef, hmistax-il elf u anke d-deheb imorru jbieghuh. Darba qalulu li se jmorru ghand missieru u jghidulu li jaghmel affarijiet mal-prosituti u affarijiet hekk. Kellha video li kienet urietu u li bagtitilu link izda mhux se jurih ghax jisthi. Qal li darba qabel ma wasal poggiet camera u hemm hu '*in non pleasant non family video and yes she tried to bribe me with it*' u gidbilha u qalilha li diga wera l-video lil genituri, jghid li umbghad arrestaw lil partner taghha fuq kazijiet ohra u allura ma kellha lil hadd iehor jimbutaha.
Spjega li darba minnhom waqt li kien l-isptar ta' Spanja kienet l-ahhar attentat biex tiehodlu flus qalilha li kif jasal Malta sejjer jirraportaha ghax ma impurtahx aktar mit-theddid. Qal lil membru tal-familja biex jghidilha, wasal il-Hamis u l-Gimgha baghat ghaliha l-Ispettur Maurice Curmi '*Somebody suggested to her that if she arrives first and she lodges the report and whatever she decided to say to the inspector herself she would have the upper hand which she did in a way.*' Jghid li kieku kien ghadu pulizija kien jinvestiga ahjar u ma kienx ikun preztenti llum. Jghid li ma kellux *option* ohra u meta deher quddiem l-Ispettur qallu fl-ahhar bghatt ghalija ghax kien kellmu fitt xhur qabel fuq l-istess nies li ghandhom jaghtuh il-flus u qallu li mhux ghalhekk baghat ghalih izda fuq haga ohra. Hassu imbarazzat ghax kien quddiem Spettur li huwa ex kollega li hadem mieghu fl-istess Ghassa tal-Pulizija.

Jghid li '*I thought there would me more of an investigation not favoritisms imma if you know somebody you would want to know that he is guilty before...*' Sar jaf li kien qed jigi investigat. Huwa esebixa prova tal-biljett meta siefer ic-Cina u l-Mongolia bhala Dok RC4, email li rcieva fit-tlettax (13) ta' Dicembru minghand Charmaine li hija t-tehddida bhala Dok RC

5, email ohra bhala RC6, t-tielet email bhala RC7, email ohra bhala RC8, email ohra bhala Dok RC9 u dokument iehor li jikkontjeni tlett faccati u SMSs mibghuta dan immarkat bhala Dok RC 10. Kif ukoll sensiela ohra ta' emails li qed jigu esebiti bhala Dokument RC 11 u dokument originali fuq letterhead tal-Emirates bhala RC12 gie esebit translation dwar ricerka li ll-imputat ghamel dwar magna bhala RC13, u l-visa bhala RC14 u l-ahhar visa bhala RC15. Prezenta ircevuta tal-Golden sands li hadmet hi u tahomla b'idejha wara li qaltlu biex jimliehomla biex tipprezenta l-VAT return u hadilha hsiebha hu. Dawn iz-zewg ircevuti gew esebiti bhala RC16. Prezenta rapport tal-Ajurport ta' Malta bhala Dok RC 17.Prezenta kopji ta' gazzetti ta' Malta dwar kazijiet dwar Charmaine Grima bhala Dok RC18. Prezenta rapport tal-2007 dwar tal-humo purifier li attenda u rnexxielu jgibha rhisa ghax pruvawha fuqu bhala Dok RC 19. Prezenta informazzjoni dettaljata mill-Isptar ta' Malta u mill-Isptar ta' londra ta' x'inhuma t-tests li ha bhala Dok RC 20. Prezenta rapport mill-isptar ta' Malta mill-BioChemistry laboratory tal-pathology fejn jiccertifika l-immune system baxxa u ghalhekk il-problema dehret iktar. Dan huwa mmarkat bhala Dok RC 21. Esebixxa ritratti li hadulu waqt li kien ic-China ir-rash flare li kellu bhala Dok RC 22 u wara li ghadda taht il-humo blood purifier jghid li sar qisu Albino wara t-trattament u dan gie esebiet bhala Dok RC 23. Ha anke ritratti ta meta t-tifel hariglu l-Herpes li prezenta bhala Dok RC24. Esebixxa ritratti ta' Charmaine Grima u tathom lilhom hi minn jedda wara li hadulha r-ritratti tal-istess virus li ghandha bhala Dok RC25. Esebixxa certifikati bit-translations li ghandhom mic-China u mill-laboratorjuu miz-zewg sptarijiet li attenda goc-Cina u bil-flus ta' kemm hallas. Dawn gew immarkati bhala Dok RC26. Xehed li l-original intilfu Larnaca fl-elfejn u disghaa (2009) u rega bghat ghalihom minhabba l-kaz li ghandu. Ic-certifikat huwa esebit bhala Dok.RC27, Visa bhala Dok RC28 u original u kopja tal-istess dokument dwar self minn Twanny Borg immarkati bhala Dok RC29. Prezenta dokumenti tat-trattamenti t-tieni darba l-isptar tac-Cina imma mhux tal-Mongiolia, x'kienu t-trattamenti li ha hu. Dan gie mmarkat bhala Dok RC30.

In kontro-ezami qal li hu ma ghandux jaghti lil Charmaine Grima izda hi ghandha taghtih. Ikkonferma li kien irilaxxa stqarrija, fej gie muri MC1 a fol 20 tal-process u kkonfermah. Mistoqsi ghalfejn dak li qal illum dwar Charmaine Grima dwar video ma qalux dak in-nhar minn jeddu lill-sipettur wiegeb li l-punti ewlenin hemm qeghdin, li ma hemmx imnizzel minhabba l-video li ghadu s'issa jisthi. Kien jibza li jispicca fuq youtube u kellu dubju jekk vera jezisti ghax wara urietulu. Qatt ma ghamel rapport mal-pulizija fuq allegazzjoni ta' black mail fil-konfront ta' Charmaine Grima, jghid li beda l-kaz u meta kien mar jikkuntatjah qallu li issa hemm kawza pendenti u biex jixhed u jghid lil Magistrat. Mistoqsi dwar li qatt ma ghamel rapport mal-Pulizija dwar black mail minghand Charmaine Grima qal li ghax kien pulizija u prova '*nihhandilja*' l-affarijiet kif jidhru l-Qorti mhux jispicca l-video ghand il-Pulizija.

Il-kundizzjoni tad-disease li kellha charmaine ikkonferma li kienet ezatt bhala tieghu u sussgwentement infettat lit-tifel. Qalilha li hi infetta lilu u lit-tifel u ghandu ritratti esebitu u c-certifikat tal-herpes hadha ma ' halqu. Mistoqsi jekk '*veru li gheditlha li l-unika post fejn jaghtu dak it-trattament ghal dak it-tip ta' mard kien ic-Cina jew il-Mongolia u li kellek bzonn tnejn u tletin elf Euro? Veru jew mhux vera?*' wiegeb 'le*, mhux dak id-diskors, mhux dawk l-ammonti*'. L-ammont li kellu zonn isselfu hu. Mistoqsi mill-Qorti '*sur Camilleri mela inti lil Charmaine ghedtilha illi ghandek bzonn flus minghandha biex tmur il-Mongolia jew c-Cina?*' wiegehb '*no, jiena lil Charmaine sa dak iz-zmien I wanted her out. Hi riedet tipproduci l-flus ghaliha biex tmur il-Mongolia hi, ghedtilha jekk trid tigi inti ukoll biex tiehu t-trattament you have to produce your own money, jiena mhux ha nisliefhomlok m'ghandhiex minn fejn which by the way it was another lie imma ma' riedtx nohrog iktar flus ghaliha jiena. Diga kont qieghed at a loss maghha hafna*'. Qal li haditlu rasi tghidlu biex isibielha xoghol, tghina tfittex u sabielha xoghol u ghamel wiccu mal-familja tieghu biex tahdem hi, kull darba li kienet qed tonqos kif kienu qed jigu infurmati kienu jkellmu lil Charmaine. Mistoqsija kif kienet tithallas mix-xoghol li sabielha wiegeb '*taghmel is-sieghat, tiktibielhom is-sieghat li hadmet u imbghad suppost tipprezentalhom it-time sheet li ghamlet hi*'. Kienu ihallsuha mill-finance office. Mistoqsi '*kienu jaghtu l-flus lilek l-ewwel u*

*imghad taghti...?* wiegeb '*iva, imma fuq talba ta' Charmaine dejjem kienet tkun'*. Jghid li ma kienx jircievihom il-flus, jigi hdejh ghax ghandu time share hemmhekk u kien ikun spiss hemmhekek mhux bhal Charmaine u l-flus Charmaine kienet tiehodhom minghandu. Ma jhfx kemm kienet tahdem, ghamlilha time sheet ta' kemm kienet tahdem ghax ma kellha lil hadd fuqha jekk tghid hadmet mitt siegha hadd ma kien imeriha ghax hi taghtihom is-sieghat u hu jaghmilhom fuq il-karta tas-sieghat u jhallsuha. Ma kien hemm hadd *watchdog* fuqha. Ikkonferma li meta rrilaxxa l-istqarija qal li chronically ill u li kien imur spiss Mater Dei ghat-treattament minn Mr. Stephen Faca, L-ispettur qal li meta ccekja r-records tal-isptar sab li l-uniku darba li mar quddiem Stephen Fava kien f'Novembru tas-sena ta' qabel jigifieri kwazi sitt xhur qabel u kien apputnament ghal check up, wiegeb li l-professur tela' jixhed u deher xi erba' darbiet fix-xahar hdejn u taht in-nies tieghu jidher iktar. Mistoqsi dwar jekk kellux kuntratt ma' Azure Services Limited u wiegeb li ma kien hemm l-ebda kuntratt, il-kuntratt kien verbali fuq it-telephone, qalulhom min huma li ghandhom t-time share hemmhekk u ghamlulhom pjacir ghax kellhom bzonn maid. Ma kienx hemm tender, qal li ghandhom ammont ta' flus investiti fit-timeshare, u kull ma qalulhom '*ahna jimporta hekk ghandkom bzonn maid nafuha ahna ghax trid iggemma l-flus biex tkun tista' issiefer biex tmur il-Mongolia ghal trattament daqshekk ghandha bzonn il-flus tista' tghina?*' Kien ilu jaf lil Charmaine minn meta sar ir-riklam. Din il-persuna kienet turi interess fih u hu haseb li kellu illuzjoni ghax il-persuna ma ghandhiex x'taqsam mieghu ghax hi *good looking* u kellu illuzjoni li forsi qed taghmel hekk ghax jogoghboba u kull darba li jiltaqghu kellhom affarijiet intimi, qatt ma ddikjaraw lil xulxin li qed tohrog mieghu nuqqas taghha ma riditx hekk '*ghax kieku jiena s'issa dik il-mara she... kont inzommha bhala regina dak iz-zmien kieku imma imbghad din sirt naf mill-affarijiet minhabba din tal-methadone meta tiltaqa ma' wiehed tixtri l-imbarazz minn dakinhar bdejt naghmel ir-ricerki naghmel id-due diligence tieghi jiena alright u sirt naf li kellha kazi bhalma kienet taghmel lili I was not her only sugar daddy u kien hemm nies ohrajn, nies ohrajn ppreferew ituha li trid halli izommu l-familja tgahhom u ma' jkollomx problemi u ma' jisseparawx minn mal-mara u t-tfal u jiena kont diga'*

*isseparat u ma' kellhiex dik il-problema u jiena l-problema li kelli biss dak il-video sahha gabuni front page fuq it-times u ghamlu show bijja dak il-video ma' xtaqtux jiccirkola minhabba t-tfal tieghi ghax qieghdin..at the end of the day jiena tlift, hafna, hafna hafna u hafna minhabba dak ir-ritratt u l-gideb li qalet, tlift hafna jien'*. Xehed ukoll li kien diga sseparat minn martu meta kien maghha.

Permezz ta' nota prezentata fid-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) giet ipprezentata case summary medika tal-appellant.

Fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehed **Dr Mario Scerri** fejn qal li Raymond Camilleri ibati minn gross obesity, uncontrolled diabetes. Spjega li fuq okkazzjonijiet diversi tawh struzzjonijiet biex jigi il-Qorti u din id-darba ma riedx jigi u ma kienx id-dar u qed imur ta spiss l-Isptar Boffa biex jimmedikawlu xi bed sores, marru l-Ipstar Boffa kemm hu u anke l-Ispettur Maurice Curmi. Spjega li qieghed igiebha bi kbira biex jigi l-Qorti. Qieghed jghid li t-trasport huwa difficli u jinsisti li jkollu trapsort tal-isptar. Jghid li jekk il-Qorti tordna u hu jekk ikollu trasport jkun iista' jigi ghax huwa massicc, ma jimxiex vera, huwa diabetic imma orjentat u jitkellem b'mod korrett jigifieri jista' japprezz dak kollox li qed jigri madwaru. Gie prezenta rapport bhala Dok MS1.

Fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehed l-**Ispettur Joseph Mericeca** fejn mistoqsi dwar kaz li investiga dwar reat fejn kienu involuti Ashraf Elbakry u Charmaine Grima qal li jiftakar il-kaz izda originarjament ma kienx involut fl-investigazzjoni ta' dan il-kaz. Dahal fil-kaz ghax kienet kelmitu Connie Azzopardi eks deputat registratur il-Qorti fi zmien mal-Magistrat Demicoli fejn kienet giet tkellmu u spjegatlu x'kien gara u ma garax pero f'dik il-habta s-Sur Ashraf kien intbaghat l-isptar u kien harab mill-isptar. Kienet hassitha li l-affarijiet ma kienux mexjin sew u giet tkelmu biex tara x'inhu jigri fil-kaz. Connie Azzopardi inserta jafha ghax Ghawdxija u sussegwentement kien ikkomunika mal-Ispettur ta' Ghawdex. Kien kellem lil certu Charmaine Grima imma ma jistax jiftakar jekk kien kellimha hu jew

gietx tkellmu hi minhabba problemi li kien qed ikollha mas-sur Ashraf pero waslithom biex arrestaw lis-sur Ashraf. Kien mbghad dahal fil-prosekuzzjoni tal-kaz kontra Ashraf imma ma kienx il-prosekutur kontra Charmaine Grima. Ir-reat kien jinvolvi kaz ta' rikatt fuq missier Connie Azzopardi. Skont kif kien qal missier Connie Azzopardi, darba cempillu xi hadd biex jaghmel xi xoghol ta' plumbing gewwa flat minghalih Xlendi jew Marsalforn, kien mar u hemmhekk sab lil Ashraf u Charmaine Grima li ma kienx jaf u x'hin l-ewwel darba li mar ma kienx ghamel xi xoghol u regghu qaluli li kien mar xi dawk jew xi ilma . Kien rega' mar filghaxija, x'hin mar filghaxija f'xi hin is-Sur Ashraf kien allontana ruhu mill-appartment u Charmaine Grima skont ma qallu hu kienet baqghet hemm waheda u f'hin minnhom ghamlet ta' bir-ruhha li kien qed ihossha hazin u beda inehhilha xi hwejjeg u f'xi hin minnhom gie Ashraf Elbakru u qallu li irrekodjatek fuq video u bdew jrrikattawh ghal xi flus. Is-somma kienet sostanzjali ta' elfuf u qalilhom li l-ghada kien ser imur jigbed xi flus mill-bank biex itiehom il-flus, ftehmu li jiltaqghu f'post partikolari u kien ghamel rapport mal-Pulizija u arrestawhom. Dawn waslu fi procedura kontra t-tnejn. L-ezitu kontra Ashraf kien habs effettiv. Huwa kkonfermma s-sentenza a fol 503 immarkata bhala Dok RC3. Ma jidhirlux li kienet appellata. Ma kienx involut fil-proceduri kontra Charmine Grima izda kienet ghenituhom biex waslu ghall-arrest tas-sur Ashraf ghax kien hemm zmien mahrub u hadd ma jaf fejn hu. Mistoqsi jekk jfax jekk fil-konfront ta' Charmaine Grima kienux fl-istess cirkostanzi u l-istess avveniment, qal li ma jidhirlux ghax fil-konfront ta' Ashraf kien hemm allegazzjni li kien ghamel sikkina ma' ghonq il-vittma u ma jidhirluex li Charmaine Grima kienet partecipi f'dak ir-reat ghalkemm kienet partecipi fir-reat tar-rikatt.

In kontro-ezami mistoqsi dwar ir-relazzjoni bejn Ashraf u Charmaine Grima dak iz-zmien qal li jaf illi Charmaine Grima dak iz-zmen jew qabel kienet tqila b'tarbija minn tieghu pero kienu partners sa fejn jaf hu. Wara r-relazzjoni iddeterjorat. Ma jidirlux li ghaddew il-flus ghas-semplici aguni li kien lehaq kien hemm l-intervent tal-pulizija ta'Ghawdex. L-ilment ta' Connie Azzopardi kien fil-konfront tal-Pulizija ghax hassietha

urtata li kien arrestat u irnexxilu jahrab u ma setghax jinstab u kienet qed tibza li javinca lil missierha. Qal li grazzi ghal Charmaine Grima instab.

**Charmaine Grima** xehdet in kontro-ezami fl-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn ikkonfermat li kellha proceduri fil-Qorti ta' Ghawdex fil-konfront taghha, il-kawza inghatet sentejn ilu. Hija giet murija dok RC2 a fol 501 u kkonfermat is-sentenza. Lil Ashraf saret tafu peress li Raymond dejjem jirrikatah minhabba l-flus dejjem pruvat issieb part time jobs u ltaqghet mieghu fuq il-monti. Iltaqghet mieghu, Raymond dejjem isaqsiha x'inhi taghmel peress li ried il-flus u qaltlu l-istorja tieghu. Kienet diga taghat in-notice ghax qalilha li ha jsifierha minhabba t-transfusion li l-ewwel ghamel hu u baqghet in kuntatt mieghu ghaliex kienu iltaqghu mieghu ma' Ashraf u ma' Raymond peress li l-kawza tat-tfal tieghu u qallu li sa jghinek u minn hemm komplew u spiccaw gew ghal ftit zmien partnes. Lil Raymond kelmitu fuqu, qaltlu li hu kien ghamel protest u hemm zewgt'itfal u jixtieq isibhom u imbaghad darba iltaqghu mieghu ta' Fra Ben u kienu qed jiddiskutu fuq xi daghsa u kemm tigih ghax minghaliha kien avukat. Ikkonfermat li l-prodotti ma bdewx jahdmu fuqha anzi bdew ikollhom konsegwenzi mhux kif mixtieqa. Mistoqsija ghala baqghet f'kommunikazzjoni ma l-imputat wiegbet li hu cempel ghax kienet waqfithom u staqsiha kif marret ghax ma hax feedback. Qaltlu li telghala rash kbir u kienet marret ghand it-tabib u taghha cream u qaltlu li qed tibza tuzahom u qalilha li klijenti ma lmentawx dwar rash. Hu qalilha biex tmur u hadilha testijiet tad-demm u ghalkemm ma hadmux, xorta marret u baqghet tmur. Mistoqsija jekk hassitx htiega li tmur l-isptar qalet li ghax kien lahaq qalilha li ghandha xi haga li tista' tittiehed u ma kinitx taf x'inhi, hu dejjem ibezaha u hi ghamlet zmien kellha sidiriha kollu iffjammat ghax kien taghha xi injections u ma rdix jiehodha l-isptar. Ghamle gimgha bid-deni. Kienet cemplet tabiba, kienet tahdem il-Cardinal Health u gie Dr Rizzo Naudi jidhrilha jaraha. Kien taghha cream pero sidiriha dam biex ifieq bejn tlett xhur jew erbgha. Ghad ghandha tebgha minhabba f'hekk u bdiet titolbu c-certifikat u daqqa ghax bil-Mongoljan u daqqa qalli minn fuq ha titlobni certifikat u mbghad marret l-isptar dejjem fil-biza ghax hu ghamillha bhal brian wash u

abbuza minnha. Kienet diga ghaddiet minn xi affarijet fil-passat. Boffa qalu li ma ghandha assolutament xejn. Ghaddew xhur minn meta ltaqghet mieghu ghal meta kellha bzonn tmur boffa. Qabel kienet marret l-Isptar Boffa fejn baghtha hu stess biex taghmel xi ezamijiet tad-demm qabel ma' mar ghat-transfusion. Ghalkemm qalulha li ma ghandha xejn, huwa kien qalilha li mhux vera impossibli u rega' hadilha xi testijiet. Qalilha li ma ghamlulux testijiet sewwa. Kien raha Dr Carabott. Emnitu ghax '*gennini dan il-bniedem. Qal li t-tfal tieghu ittiehdu wkoll u li kienu qieghdin l-isptar Boffa, il-loan kien lahaq sar. Jiena dejjem tlabtu c-certifikat u ghedtlu...pilloli*'. Dejjem jghid li t-testijiet ma ghamluhomx tajbin u kienet diga qabdet tahdem mieghu bhala kumpanija Melita Cleaners, riedet tieqaf ghax ma felhitx tahdem iktar tlett jobs u qalilha li ha taqlalu inkwiet kbir qallu iktar milli qlatlu. Marru Firenze f'Awissu. Kienu ghamlu inqas minn gimgha, kienet holiday normali, hu dejjem prova ikollu certu '*affetti*' u filfatt wara kien ofriela li jizzewgu imma hi ma kelliex hsieb. Offriela li jizzewgu hafna wara. Kienu hbieb izda kienet tiehu hsiebu ghax dejjem hassitha *guilty*, kienet tigri mieghu l-isptar, tmur ghal pilloli, dejjem kellu problema b'saqajh u kienet tidliklu l-creams u gieli gie d-dar taghhom. Kienet taf li missieru ma jiflahx. Ma jidhirliex li marru sptar gewwa Firenze. Wara li gew mil-italja kellu relazzjoni tan-negozju, kompliet bix-xoghol taghha normali ghax dak iz-zmien il-fabbrika biss kellha u kien cempillha darba li ma jiflahx u baqghet sejra wara x-xoghol ghandu u kellha car accident u kien gie hu wara u imbaghad xtaqet li ssib part time job fil-bidu biex tghid li ommha ghax separata. Hu kien sabilha xoghol ghax il-kumpanija kienet tieghu Melita Cleaners. Dwar paga kien qalilha li bil-4.75 Ewro pero qatt ma rat *one cent* ghax hu kien jigbor il-paga bhala l-boss kienu jhalsu lilu direttament u peress li kien ihallas l-loan qatt ma rat xejn. Qatt ma hadet centezmu. Kienet tahdem hemm u Spinola Bay. Kien qalilha biex thalli kollox f'idejh. Ma kintix tiehodha l-paga minhabba li kien diga ha l-loan. Ghal bidu dahlet fix-xoghol biex ikollha flus f'idejha biex tghin il-familja taghha. Xejn ma kienet tiffirma, darba kienet sick u l-unika darba li ma marritx ghax-xoghol, ghamlet certifikat. Kienet tikteb fuq diary is-sieghat u mbaghd fl-ahhar tghid lil raymond. Hi qatt ma rat xejn u

meta qaltlu biex jaghtihomla qallilha li '*jiena iddilljat mieghu.*' B'dawk il-flus kienu qed jithallsu l-loan li hu issellef biex jaghmel it-transfusion, kienet talbitu rendikont ta' kemm qed ihallas, kienet tistaqsih jekk qed jikteb kemm baqa ghax ghajjiet. Hi waqfet f'Lulju imma mihijeix certa, qabel Dicembru kienet bdiet zgur. B'referenza ghar-rendikont a fol 143 Dok CG3 li ipprezentat hi gharfet dan ikkalkulat bir-rata li qalilha hu. Ma tafx ezatt is-sena meta hadmet. Qalet li kienu fethu timeshare Spinola Bay u kienet tmur darba iva u darba le peress li kif lestewha ezatt kienet ghamlet maltempata u ghamlet hafna sieghat ghax kien hemm hafna ilma. Fl-istess zmien kienet tahdem il-Cardinal Health. Kienet tahdem kuljum bil-lejl u mbghad kient tahdem Golden sands mit-tmienja u nofs ta' filghodu sat-tlieta, l-erbgha, fil-hamsa u nofs kienet tasal id-dar meta ma kienx ikollha Spinola Bay. Meta kien ikollha Spinola wara n-*night* tibqa' sejra Golden Sands umbghad Spinola Bay umbghad tibqa sejra ghan-night. Mistoqsija jekk kelliex karozza qalet li fil-bidu li kellha car accident ma kellhiex. Wara ta' bil-lejl kienet taqbad tal-linja ghal Belt u kellhom transport fejn il-Phoenicia ghal Golden Sands u kienet tibqa sejra meta ma kelliex karozza. Meta gabet il-karozza gieli wassalha fil-bidu u mbaghad lura kienet tabqad tal-linja mal-cleaners tal-lukanda imma u kienet tinzel il-Belt u tmur b'tal-Linja. Imbghad bdiet issuq bil-mod ghax bdiet tibza ssuq wara l-incident. Meta saret taf lil Ray kienet tahdem Cardinal Health. Ma tiftakarx kemm kienet il-paga kienet waslet fi zmien li kellha aktar minn 5 ewro rata. Kienet taghti lil Ray aktar minn mija. Kull hmistax apparti tal-Golden Sands kienet ittieh mill-paga. Mhux dejjem taghtu l-istess, gieli taghtu iktar ghax fi zmien riedet taghmel il-website u minhabba l-lotions u kien sellifomlha, tahomla missierha. Il-paga tal-Cardinal health kienet tidhol il-bank. Mistoqsija kif kienet thallsu lil Raymond, qalet li by hand, gieli kienet tifahomlu fil-letter boex u gieli saru xi trasferiment. Gieli giet anke ommha titfghalu l-flus ghax jaqbad u icempel li se jigu jifqawlu l-bieb. Dwar li waqfuha minn Golden Sands qalet li mhux tort taghha imma li l-prezijiet kienu esagerati imbghad hareg bl-idea tal-lotions u qalilha li peress li hu jbaghti bid-dizabilita mhux ha jaccettaw u marret il-VAT department, gabu l-lotions u ghamlu l-website. Iddeciediet li tibda dan

il-buisness tal-lotions dan biex dejjem taqta' d-dejn, kienu lotions differenti minn li ma hadmux fuqha. Imma ma tistax tghid ghax hu hawwad kollox fil-kimika. Il-flus ghal live bacteria kienu intizi ghal dan il-business. Kienet sustanza li izzommha gol-fridege u dejjem kultant gimghat tikber u dan kien izidha mal-lotions. Kienet taghtu somma ghal live bacteria. Mistoqsija ghal meta bdiet il-buisness tal-lotions qalet li kienet bbdiet il-Golden Sands wara 2008/2009. Ghandha minnhom ghadhom ghandha ma ramithomx. Lil Raymond halsitu ghax taghtu l-flus cash. Kien taghha flus missierha. ma kintix qaltu kollox lil missierha, qalltu li ghandha loan u ma qalitx ma min. Missierha kien taghha sitt'elef u peress li kienet tahdem u dejjem bla flus ommha, kienet taghtiha hi u spiccat anke taghmel id-dejn mal-grocers ommha. F'darba wahda lil missierha talbitu sitt'elef ewro minhabba lotions, hi dejjem kienet tghidlu jekk ibatux b'xi kundizzjoni tal-gilda u kien jghid le u qalltu li ghamlet loan. Ikkonfermat li tat hamsa u sebghin ewro (€75) ghal business cards, Ghamlu website Naturalismus, hamsa u sebghin (€75) ewro fix-xahrejn. Ikkonfermat li xehdet li kienet thallsu mija u hamsa u sebghin (175) kull hmistax ghal ftit xhur ghax ma setghetx tibqa' thallasha. Mistoqsija kif tispjega li mill-paga tal-Cardinal Health kienet qieghda thallas lil Raymond erbgha mija u sittin ewro (€460) ghal loan u ghal numru ta' xhur tlett mija u hamsin ewro (€350) ghal website. Ma tiftakarx kemm kellha paga. Ma ghadhiex tahdem ma' Cardinal health ghaliex l-imputat ried isifierha biex jaghtiha treatment u hi tat in-notice. Hi tat in-notice bejn Gunju u Lulju tal-2010.

In ri-ezami mistoqsija dwar problemi fit-trobbija taghha spjegat li ommha giet abbundanata pregnant u kienu jghixu man-nanniet u imbghad izzewget u ma kellhomx rapport tajjeb mal-istep father. Hallietha man-nannu u prova jabbuza minnha u ghamlet tlett snin ma tgihd lil hadd ghax hasbet li mhux ha jemmnuha. Marret tghix maz-zija ghax ma felhitx tistaporti u gara l-istess maz-ziju taghha u kellhom kawza il-Qorti. Ommha peess li tbaghti b'depression u dejjem kienu jghdulha ghax minn naha ta' missierha ma taf x'jghidulha '*Vitalgo*'. Ghandhom kundizzjoni fil-gilda izda mhux li tittiehed u z-zija biex twaqqaha *down* kienet tghidilha imqaxra, kliem mhux sbieh.

**Godfrey Zammit** xehed fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) ikkonferma li kien silef xi flus lit-tifla Charmaine u dan xi seba' (7), tmien (8) snin ilu. Mistoqsi kinitx tghidlu ghal xiex tridhom il-flus qal li mhux dejjem imma jaf li kienet issemmi xi loan u kienet tbati bis-cirrhosis u kienet taf lil xi hadd u qieghed jaghtiha xi trattament. Hu kien joqghod fuq li tghidlu t-tifla. Kull meta taghha l-flus tahomlha minn qalbu. Qatt ma tahomla ghal haga u wara skopra li ghal haga ohra. Iltaqa mal-imputat darba' l-airport meta siefru flimkien u qatt ma kellu f'okkazzjonijiet ohra. Kien hemm xi drabi meta cempel imma mhux wicci imb'wicc. Ma jiftakarx u ma jahsibx li kien jghidlu biex ma jaghtihiex flus

L-**Ispettur Frank Anthony Tabone** xehed fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn smistoqsi dwar l-elfejn u ghaxra (2010) dwar investigazzjoni ta' reat involuti s-sinjorina Charaine Grima u Ashraf Elbakar, xehed li bhala investigazzjoni jiftakar li kien sar rapport, kien hemm persuna li kienet allegat li kienet giet blackmailed. Din kienet toqghod Ghawdex. Gie muri zewg sentenzi immarkati bhala Dok RC2 u RC3 a fol 501 et sequitur u qal li s-sentenza a fol 501 Dok RC 2 inghatat fil-konfront ta' Charmaine Grima. Jiftakar li kien l-ufficjal prosekutur fejn din kienet instabet hatja tal-akkuzi li kien akkuzaha biha hu. Mistoqsi dwar meta bdiet l-investigazzjoni semma Awissu tal-2010. Spjega li Charmaine Grima dak iz-zmien kellha relazzjoni ma' dan Ashraf Elbakry fejn dan kien talabha sabiex jinzlu Ghawdex minhabba li kellu jiltaqa ma' persuna li toqghod Ghawdex li jigi missier l-eks mara ta' Ashraf Elbakry fejn dan bazikament kien talabha sabiex tinza gharwiena waqt li kienet fis-sodda fl-appartament ta' dan l-Ghawdxi u filwaqt dan Ashraf Elbakry kellu jirrikordja dak li kien qed jigri biex b'hekk imbghad ikun jista' jghaddi dan il-video lill-eks mara tieghu. Fuq hekk kienet l-istorja pero' imbghad l-affarijiet kien kibru. Din il-persuna rrifjutat li tghaddi xi flus lil Ashraf Elbakry. Kien hemm theddid fil-konfront tal-istess persuna pero' l-involviment ta' Charmaine Grima kien dak. Kienet ghamlet dan minhabba li kienet thossha mhedda mill-istess Ashraf Elbakry jigifieri kienet qalet li giet sfurzata. Kien talabha kellhiex cans taghmel rapport kontra Ashraf Elbakry u

qalet iva pero' qatt ma ghamlitu minhabba l-fatt li kienet tibza minnu. Ikkonferma li l-proceduri ttiehdu fuq dan l-episodju ghalkemm huma proceduri separati.

**Daniela David** xehdet bil-lingwa Ingliza fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn ikkonfermat li taf lil Raymond Camileri ghax kelhom relazzjoni ghal hdax il-sena u dan mis-sena 2000 meta waslet Malta u spiccat fl-2011. Lil Charmaine Grima ma iliex tafha izda tafha hafna. Tafha ghax kienet habiba ta' Raymond u saret habiba taghha ukoll. Kienet tiltaqa fl-ufficju ta' Raymond f'San Pawl il-Bahar. Qalet li kien jogoghba Raymond u wara saret taf li kienet tiehodlu l-flus. Mistoqsiha kif bdiet tara lil Raymond b'referenza ghal Charmaine qalet '*She needed help with some Melita Cleaning company and she needed help with computers, papers, she did not know anything at all about these things and she wanted Raymond to help her.*' Qalet li kellha problemi tal-gilda u li darba kellha '*bad infection*' qaltilha u li kienet ila hafna snin hekk u kienet marret ghand it-tabib u qatt ma giet ahjar. Kienet uritha bhal bziezaq '*like bubbles infected*' qalet li ''*very bad*'. Wara Raymond u Charmaine marru flimkien, ma tafx x'gara izda kienu rieqdin fil-kamp u Raymond hareg minn hemm bil-*bubbles* fuq wiccu ukoll. Hi ma kinitx hemm izda Charmaine qaltilha li kienu rieqdin fil-kamp. Meta waslu Malta innutat bhal skin infection fuq wicc Raymond u bdiet tghid li mhux hi izda kienu raqdu flimkien fil-kamp. Dwar Charmaine xehdet ukoll li bdiet tiehu flus minn Raymond. Qatt ma ratha tiehu flus imma kienet tistaqsih meta kien hemm. Qaltilha li Raymond kien qed jaghtiha l-flus u li hu 'nice guy' u li beda jghinha. Qalet li Charmaine bdiet tmexxi l-kumpannija ta' Melita Cleaning, ma tafx kemm kellha tfajliet jahdmu ghaliha izda Raymond beda jghinha fil-karti u taf ghax peress li kienet il-girlfriend tieghu kient tarah fl-ufficju. Kienet taghat flus lil Raymond u Raymond ghaddiehom lil Charmaine u taf ghax qaltilha grazzi wara u qatt ma tathomla lura. Qatt ma sstaqsiet ghala bdiet tghati l-flus, Raymond kien qalilha biex taghtihomla lura izda qalet li ma tistax u x-xhud qatt ma insistiet. Hi waqfet ir-relazzjoni ma Raymond fl-2011 u qabel kellhom problemi ghax Charmaine bdiet tistenna li Raymond ikun maghha. Kienet

qaltilha li ghandu girlfriend Ciniza u wara daret kontrihh Wara ix-xhud saret taf li ma baqghux hbieb u rat SMSs fuq il-mobile ta' Raymond fejn '*she was treating him*'. Hu kien jghin lil hafna nies anke lilha meta waslet Malta l-ewwel darba, kienet giet ma kelliex flus u lanqas job u ghenha tibqa bil-visa, offirielha kamra tas-sodda fl-appartament tieghu ghax ma kelliex flus biex tikri u spiccaw flimkien wara li ghen.

In kontro-ezami qalet li tafu mill-2000 meta waslet Malta u kienet il-girlfriend. Charmaine dahlet fl-istorja fl-2007. Hi kienet ghadha f'relazzjoni mieghu. Cahdet li Charmaine u Raymond kienu f'relazzjoni ukoll. Ma tiftakarx x'tip ta' xoghol kien qieghed jaghmel meta dahlet fl-istorja Charmaine. Ma kienx ghadu pulizija fl-2007, tghid li kien qed imexxi jewellery shop. Tghid li kienet taghta cream ghal lifting, qalet li tahseb li tiftakar xi tifla minn Mongolia bdiet tibghathom li kienet habiba ta' Raymond li hija tabib u li kienet qieghda tahdem hawn ghal zmien umbaghd telqet. Tiftakar isem it-tabib Sheznara. Darba kien iddiskuta creams maghha qalilha li tajbin. Dwar l-infeciton li urietha Charmaine qalet li uirietha sidiriha u li '*she used to have a breast a little bit smaller and one bigger and a lot of bubbles*' qaltilha li kienu ilhom hemm. Dwar flus, Charmaine qalet lil Raymond u Raymond qal li jista' jsaqsi lil Daniela ghax qal li ma kellux aktar flus x'jaghtiha u kienet taghtha taht tmien mija (800) Maltin tahseb izda mhux f'darba. Qalet lil Raymond li se taghtihomla lura u qaltilha grazzi.

In kontro-ezami qalet li hi u Charmaine hbieb izda mhux *close* izda ma tahsibx li tista' tarafha. Ikkonfermat li Charmaine qaltilha li ghandha '*skin infection*'. Kienet saqsietha ghal flus tramite Raymond ghal tlieta jew erba' darbiet u qaltilha '*thank you very much for the money*' izda qatt ma taghthom lura. Meta Charmaine ma kelmitx lil Raymond aktar, hi ma kellmitiex aktar u dan meta waqfet tigi l-ufficju u ma kelliex aktar kuntatt maggha. Hi qatt ma kellha kundizzjonijiet fil-gilda. ]

In ri-ezami qalet li waqfet taghti flus lil Raymond biex jaghtihom lil Charmaine ghax ma kienux gahdhom hbieb. Raymond qal li ma taghtomx lura lilu lanqas.

**Charles Saliba** xehed fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn qal li ma jafhiex lil Charmine Grima izda darba Raymond qallu li hekk tigi wahda jisimha Charmeine ittihiex flus imma hu qallu li ma jaghtix u ma jislifx flus hlief mill-bank. Jigu hafna nies jghidulu u t-twegiba tieghu dejjem l-istess min irid jislef flus imur il-bank. Izda jiftakar li Raymond qallu dan id-diskors.

**Anton Falzon** xehed fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) in kontro-ezami fejn qal li huwa hu Charmaine Grima u jaf lil Raymond Camilleri. Lil Ray jafu bhala l-manager ta' ohtu ghax kienet tahdem mieghu bhala cleaner tiehu u maz-zmien kien jigi d-dar qisu gie wiehed minn tal-familja ghax kellha accident u kien jigi ghaliha hu x-xoghol. Gieli wasalha hu u maz-zmien speci inqalghu hafna affarijiet beda icemplilha d-dar biex jitlobha xi flus. Gieli kelmu wahdu minghajr il-prezenza ta' Charmaine, kienu jitkellmu normali, mhux fuq haga paritkoalri. Qatt ma semmielu kif kienet iggib ruhha beix jifthilhom ghajnejhom. Gieli kien icempel u qabdu darba, qallu biex tnewwilu xi flus ghax hemm xi nies qed ihabbtulu. Mistoqsi jekk gieli cempillu biex jghidlu fuq *concerns* tax-xhud minhabba Ashraf, wiegeb le. Dwar meta xehed li kienet tkun minghajr flus qal li hafna drabi kien imur maghha titfalu, timpustalu l-flus kwazi l-paga kollha. Peress li kienet tghix maghhom ma tantx iddum beix tinduna li kienet minghajr flus ghax gieli anke l-flus lil ommu kienet titlob. Ma jafx ir-raguni ghala kienet qed taghtih il-flus, kien jistaqsiha u kienet tghidlu li maz-zmien imbghad isir taf.

Charmaine Grima giet prodotta bhala xhud in difeza fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn ikkonfermat li l-email address li kellha kien '*Charmainegrima@live.com*'. Giet murija emails a fol 517 immarkati bhala Dok RC5 u qalet li huwa kellu l-password, l-email gharfitu izda ma tafx jekk kitbitx hi jew le ghax hu kellu l-passwords tal-ex, tal-Mongoljana. Hi ma tiftakarx li bghatet l-email, izda taf li kienet cemplet lil misieru f'dak iz-zmien. Wiegbet li l-email ma baghtitiex hi u lanqas ta' warajha. Mistoqsija fuq id-data tal-email fit-13 ta' Dicembru, 2010, qalet li minn Awissu bdiet issir taf l-affarijiet u kienu jitkellmu imma bi glied. Wara hafna zmien bidlet il-password tal-email. Fl-email a fol 517 qed tghid li hi vitma ta' Ashraf ghamel kollox

wahdu, u wiegbet li dik hija tal-kawza li kellha milli tista' tifhem. Ikkonfermat li lil Raymond kienet qaltlu x'kien hemm bejnha u bejn Ashraf. Qalet li lil-imputat anke mill-Ghassa ta' Ghawdex ikkuntatjawh izda ma kellux x'jaqsam, kemm kelmuh minhabba xi flus izda nesiet ghala ikkuntatjawh. Tghid li huma stess fethulha ghanejha. B'referenza ghal fol 520 dwar tarbija li kien ser ikollha ma Ashraf, mistoqsija kif sar jaf dwar it-tarbija Raymond, wiegbet li cempel id-dar, minhabba l-flus ghax ma setghetx taghtih iktar. Lil ommha hu kien cemplilha d-dar qabel ma cemplu l-pulizija d-dar li qieghda arrestata. Jidhrilha qaltlu fuq it-tarbija f'Awissu u mhux iktar tard minn nofs Settembru. Mistoqsija kinitx tibghat emails lis-Sur Camilelri wiegbet li mhux daqshekk, gieli baghtet izda ma tiftakarx. Kellha email address ta' Raymond. Anke tal-website hu kien jirceivhom, Ma tiftakarx x'kienet tghidlu f'dawn l-emails, ilu hafna.

Giet murija email li ntbaghtet minn *charmainegrima@live.com* lil *Boris@Malta.net.net* li huwa tas-Sur Camilleri. Ma jidhriliex li baghtitu pero certu kliem '*ehe li hu kellu ghalih veru Ashraf*'. Id-data tal-email hija t-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Qalet li dejjem kien hemm xi argumenti. Din l-email giet esebita bhala Dok AZ 1.

L-**Ispettur Maurice Curmi** xehed fis-seduta tas-sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn prezenta kopja tal-file mediku tal-imputat li ghandu l-Mosta Health Centre li ghaddewlhom il-file. Dan gie esebit bhala Dok AZ 1.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi wara li l-appellant kien fil-hmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) irriklama fuq gazzetta lokali dwar prodotti u trattamenti ta' sbuhija, il-parti leza Charmaine Grima kienet iltaqghet mal-appellant fejn kienet xtrat minn dawn il-prodotti;

2. Illi bejn l-appellant u l-parti leza kienet nibtet hbiberija tant li kienu siefru flimkien gewwa Firenze fejn hemmhekk l-appellant kien allega li l-parti leza kienet ghaddietlu xi marda. Fix-xhieda tieghu, l-appellant jghid li kien ikkuntratta dik maghrufa bhala *Herpes*;

3. Illi l-parti leza tghid li l-appellant kien qalilha li kemm hu u anke t-tfal tieghu kienu gew infettati u wara certu zmien kien iddecieda li jmur l-Mongolia sabiex issirlu intervent mediku;

4. Minhabba l-ispejjez sabiex isirlu l-intervent mediku gewwa l-Mongolia, l-parti leza tghid li l-appellant hareg bl-idea li tiehu loan mill-bank u wara li din ma gietx accettata, qalilha li huh kellu bzonn cleaner biex tahdem mal-kumpanija tieghu 'Melita Cleaners';

5. Stante li l-appellant kien ha loan minn fuq l-idejn, il-parti leza tghid li hija kellha taghmel tajjeb ghal dan, fejn kienet taghtih flus mill-paga taghha li kienet taqla minn xogholha gewwa fabbrika sabiex isiru l-pagament ghal dan is-self u fejn kien anke tallega li l-flus li suppost kienet taqla ghax-xoghol ta' tindif gewwa Golden Sands u Spinola kien izzommhom kollha hu;

6. Illi l-parti leza tghid li saret taf li ma kinitx tezisti l-kumpanija 'Melita Cleaners' u li t-tfal tieghu mhux vera kienu mardu b'din l-infezzjoni;

7. Wara li l-parti leza rrapurtat il-kaz lil Puliizija, inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant.

Illi l-Ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda il-fatt li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha meta sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu. L-appellant mhux qieghed jilmenta li l-Ewwel Qorti ghamlet enuncjament zbaljat tal-punti legali involuti u l-elementi li jsawwru dan ir-reat. Illi dak li qieghed jilmenta minnu l-appellant huwa li minn qari tas-sentenza appellata jirrizulta b'mod car illi l-Ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni fil-fehma tal-appellat zbaljata, li taghti kredibilita' lil verzjoni ta' Charmaine Grima,

minghajr ma tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li tali verzjoni mhux talli ma hijiex kredibbli fic-cirkostanza kollha tal-kaz, talli anke l-istess Grima ma setghetx u ma tistax tigi kkunsidrata bhala xhud affidabbli. Huwa ghal din ir-raguni li skont l-appellant il-konkluzjoni raggunta mill-Ewwel Qorti hija zbaljata.

Din il-Qorti temfassiza li kif irritenew il-Qrati ta' Malta, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha. Kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. J. Agius) vs Guzeppi Bilocca**[17]:

'*Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il- Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is- sens "inter alia" l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[18]" ; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi** [19]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[20]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[21]" u ohrajn.*' (Emfazi mizjuda u dati tas-sentenzi miktuba bhala referenza hawn isfel fin-noti ta' qiegh il-paġna)

---

[17] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Frar, 2009 (Appell numru 273/2008)
[18] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju, 1994;
[19] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Frar, 1989;
[20] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju, 1991;
[21] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju, 1991;

L-istess sentenza gie kkunsidrat ukoll:

*'Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt**"*[22], *inghad illi :-*

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta .... , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l- apprezzament"*. (Id-data ta' din is-sentenza tinsab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

L-appellant issejjes l-aggravju tieghu fuq li kien hemm konflitt ta' provi, fuq il-principju li l-imputat ma huwa tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu u li hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. L-oneru kif tajjeb issottometta l-appellant huwa fuq il-prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar prova sabiex tikkonvinci lil Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri. Minn naha l-ohra l-grad ta' prova rikjest mid-difiza huwa dak fuq bazi ta' probabilita'. Skont l-apppellant irrizulta b'mod pjuttost evidenti li kien hemm kunfitt ta' provi. L-Ewwel Qorti kienet rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-akkadut li huma ghal kollox kunfliggenti u cioe' dik moghtija mill-appellant u dik moghtija minn Grima. Dan il-kunflitt gie ukoll rikkonoxxut mill-Ewwel Qorti. Kif tajjeb issottometta l-appellant mhux kull tip ta' kunflitt ta' provi ghandu jwassal lil Qorti biex tillibera lill-imputat izda l-Qorti trid tasal ghal konkluzjoni wara li tqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha u tkun moralment konvinta minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. L-appellant izid ukoll li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir billi jigu mehuda in konsiderazzjoni il-provi u c-cirkostanzi kollha fl-assjem taghhom u mhux

[22] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru 1994;

b'mod individwali u spezzettat.

Skont l-appellant, l-Ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni li tati kredibilita lil Charmaine Grima wara li kkunsidrat li '*Dan il-Qorti tghidu mhux biss wara li kellha l-opportunita tara u tisma kemm lil Grima u lill-imputaat jiddeponu imma anke minhabba li Grima giet korroborata f'hafna affarijiet milli qalet minn xhieda ohra*'. Skont l-appellant ma kien hemm ebda xhud li kkorabora dak li allegat Grima ghajr ghal familjari tal-istess Grima li xehdu dwar fatti li gew nfurmati bihom mill-istess Grima u li allura essendo din it-tip ta' xhieda *detto del detto*, zgur li ma setghetx titqies bhala prova producibbli u li tikkorabora l-verzjoni moghtija minn Charmaine Grima. Ghalhekk skond l-appellant il-prosekuzzjoni naqset milli ggib prova cara u univoka li tissustanzja l-verzjoni tal-fatti moghtija minn Charmaine Grima. Jissottometti li r-rapprezentant tal-Bank of Valletta prodott mill-prosekuzzjoni ipprezenta diversi staatements ta' kontijiet bankarji ta' Charmaine Grima u fl-ebda wiehed minn dawn id-dokumenti ma tirrizulta xi wahda mit-transazzjonijiet li Grima tallega li ghaddiet lill-appellant.

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti filwaqt li taqbel mal-appellant li mid-dokumentazzjoni prezentati kontijiet bankarji u tranzazzjonijiet, din il-Qorti ma tistax tiddetermina liema dejjem jekk kien hemm pagamenti li saru permezz tal-bank, kienu dawk fil-konfront tal-imputat izda mix-xhieda ta' Charmaine Grima ta' quddiem l-Ewwel Qorti fit-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) hija kienet spjegat li '*Il-Cardinal Health ma kontx intihielu kollha ghax kieku mpossibli. Dak hemm, waqt li kont ir-Radisson u Spinola kont intih LM100 fix-xahar biss*'. Hija prezentat rendikonti ta' dak li tallega li hallset lill-appellant. Dwar flus ghaz-zmien li hadmet fil-lukanda Radisson ta' Ghajn Tuffieha bhala cleaner mistoqsija minn hadhom il-flus wiegbet li '*Raymond kien jigi ghal paga. Apparti li kienu jhallsu lili skond hu ghax jien qatt ma rajt centezmu kienu jhaslu lilu ukoll ghax il-Boss tieghi...*' Ikkonfermat li ma thalset xejn, li l-flus dejjem marru biex ihallas il-loan. Spjegat li '*xejn qatt ma thallast. Ghax il-flus, dak kien l-iskop. Ghax il-flus li suppost naqla jiena johodhom*

*Raymond halli jhallas il-loan.*' Meta xehdet in kontro-ezami fl-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) dwar ix-xoghol gewwa Golden Sands ma Melita Cleaners qalet li '*jiena qatt ma' rajt one cent minnhom ghax hu kien jigbor il-paga bhala ovjament il-boss, l-imghallem, kienu jhallsu lilu direttament u jiena peress li kien ihallas il-loan minnhom jghid hu qatt ma' rajt xejn. Qatt ma' hadt one cent minnhom. kont nahdem hemm u Spinola bay*' Spjegat li '*Ma' kontx nehodha l-paga ghas-semplici raguni li hu kien diga' ha l-loan*'. Mistoqsija kemm kienet taghtih mill-paga qalet li '*over one hundred zgur. Ktibt kollox jiena. kull hmistax kont intieh apparti tal-Golden Sands kont intieh mill-paga.*' Mistoqsija kemm kienet taghtih wiegbet '*mhux dejjem l-istess. Gieli tajtu iktar minhabba daqqa ghax fi zmien iried per ezempju naghmel il-website u minhabba l-lotions u kien sellifhimli, tahomli missieri.*' Il-paga tal-Cardinal Health kienet tidhol il-bank. Mistoqsija kif kienet thallas lil Raymond wiegbet '*Raymond haddem rasu by hand. Kont nitfahomlu gol-letter box u gieli saru xi trasferimenti. Gieli giet anke ommi nitfghuwlu l-flus ghax hu kien jaqbad u icempel li ha jigu jifqawlu l-bieb*'. Anton Falzon li huwa hu Charmaine Grima in kontro-ezami fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed '*kont hafna mid-drabi kont immur maghha titfalu timpustali l-flus speci, kwazi l-paga kollha, speci minghajr flusha tigi e, u peress li kienet tghix maghna ma' tantx iddum biex tinduna li kienet minghajr flus ghax gieli anke l-flus lil ommi kienet titlob*'. Ma jafx l-ammont li kienet taghti. Din il-Qorti ma thoss li ghandha tistrieh fuq ix-xhieda moghtija minn dan Anton Falzon stante li meta xehed fis-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) tal-impressjoni li setgha kien qieghed jixhed fuq dak li qaltlu ohtu u cioe' l-parti leza.

L-appellant ma jaqbilx li dak li allegat Charmaine Grima gie kkonfermat minn xhieda ohra. Din il-Qorti tajjeb li tfakkar lill-appellant li xhud wiehed jekk emnut huwa bizzejjed u ghalhekk ma jehtieg li dak li jistqar xhud jigi korraborat. Kif jipprovdi l-artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta '*B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.*'

Nonostante dan, din il-Qorti sejra tislet partijiet mix-xhieda ta' Charmaine Grima li

huma korraborati b'xieda ohra. Charmaine Grima xehdet li kienet pruvat tiehu loan minghand il-Bank of Valletta. Dwar dan, fis-seduta tat-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) spjegat li '*Ghidtlu jiena ghidtlu flus m' ghandiex, ghidtlu dik is-somma. Qalli issa naraw insibux xi rimedju. Ghal ewwel ivvintali bil-bank, biex imorru l-bank niehdu xi loan. Ovvjament il-Manager tal-bank dehrlu li ma kienx kaz genwin u qalli hu, qalli nistghu nsibu rimedju iehor*'. Qalet li marru l-Bank tal-BOV iz-Zurrieq. Qalet li '*cemplitli u qaltli mhux ghalik, mhux ghalija qaltli ma rajnihx genwin il-kaz.*' Meta xehed Mario Formosa fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) li kien Manager ta' Zurrieq Branch bejn Lulju tas-sena elfejn u sitta (2006) u Jannar tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn mistoqsi jekk jaf xi haga dwar Raymond Camilleri u Charmaine Grima wiegeb li '*Ma niftakar xejn jekk dawn in-nies gewx xi darba quddiemi. Li nista' nghid huwa li minn records li hemm fil-Bank fi zmien li kont hemm jiena hemm imnizzel li Charmaine giet applikat ghal loan ta' erbatax -il elf lira Maltin (LM 14,000) u din in-nota qeghda mnizzla dates 28th January 2008. Issa hawnhekk meta baghtuli ghat-tahrika bejn il-perjodu 2006 u 2007. Issa jien qed nahseb li dik tat-2008 1st January 2008 hija xi haga relatata ma' xi applikazzjoni li forsi setghet saret f' Dicembru u giet imputata f' Jannar. Imma l-applikazzjoni tidher li kienet f'isem Charmaine*'. Spjega li l-loan '*Kienet gie declined*'. Ghalhekk dan jikkombaca ma dak li xehdet Charmaine Grima rigwardanti l-loan li giet rifjutatata. Di fatti dwar l-ammont li talabaha ghat-transfusion xehdet '*Qalli s-somma titla' erbatax-il elf*'.

Dwar li l-paga ta' meta kienet tahdem bhala cleaner mas-suppost Melita Cleaners, Mark Galea fis-seduta tas-sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed li huwa financial controller ta' kumpanija tal-marketing tahdem Golden Sands. Lil Raymond Camilleri '*konna niddiljaw mieghu fuq xoghol ta' tindif*'.. Xehed li '*Ahna l-emails kienu jigu Melita Cleaners*' u mistoqsi min kien jippresta dawn is-servizzi wiegeb li '*L-iktar kienet Charmaine pero nahseb kien hemm xi drabi fejn ma setghetx tigi u gie xi hadd iehor*'. Mark Galea fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) xehed in kontro-ezami qal li '*paga per se min kien jigi jnaddaf kien jigbor il-flus skond is-sieghat li kien jaghmel*' u mistoqsi '*jigifieri l-flus, jigifieri kienu jnaddfu t-tfajliet u kienu jithallsu t-*

*tfajliet hux hekk? u kienu jhallulkom huma, kienu jiffirmaw l-ircevuta li kienu ircevew dak l-ammont'* wiegeb '*ezatt*'. In ri-ezami xehed li '*l-arrangament ma' kienx car. L-imputat kien jigi l-ufficcju u jitkellem fuq certu proceduri u nikkomunikaw bl-emails u niddiskutu r-rati pero' ma' kienx inaddaf hu. Pero' mhux l-ewwel darba li gabar pagament*'. Meta xehed Raymond Camilleri l-imputat quddiem l-Ewwel Qorti fl-ghaxra (10) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) meta mistoqsi '*issa vera jew mhux vera li qabbatha tahdem, taghmel xoghol ta' cleaning u ghamlet zmien twil tahdem mieghek u ftit li xejn kont thallasha?*' wiegeb '*ha inwiegeb lill-ispettur mhux qabbadtha. Hadidtli rasi tghidli biex insibielha xoghol, nghina tfittex, issib xoghol u imbghad sibtielha xoghol u ghax sibtielha xoghol u ghamit wicci jiena ghal familja tieghi biex tahdem hi, kull darba li kienet qed tonqos kif konna qieghdin nigu nfurmati ahna alright ahna kelna inkellmuha lil Charmaine jekk trid izommu xogholha. B'hekk konna involuti jigifieri*'. Dwar li sabilha xoghol qal li huh jismu '*Johann Camilleri and yes, I asked my brother Johann, giving her a few days a week cleaning the officce or something, qalli m'ghandhiex bzonn bhalissa. Qalli pero' rajt advert illum mort nigbor l-flus mill-Golden Sands qalli li jriedu hemm maid. ... qalli ghandhom advert u cempilna lil Golden Sands u lahaq kellimhom ukoll u tahom il-heads up hija... u cempilt jiena u qaluli mela le, no problem send her....*' Mistoqsi kif kienet tithallas wiegeb li '*taghmel is-sieghat, tiktibielhom is-sieghat li hadmet u imbghad suppost tipprezentalhom it-time sheet li ghamlet hi*'. Mistoqsi '*min kien ihallasha*' wiegeb '*ihallsuha mill-finance office*' u mistoqsi '*kienu jaghtu l-flus lilek l-ewwel u imghad taghti...?*' wiegeb '*iva, imma fuq talba ta' Charmaine dejjem kienet tkun*'. Mistoqsi '*jigifieri inti qed tikkonferma li l-flus kont tirceviehom inti u inti kont in turn...*' wiegeb '*jiena ma' kont nirciviehom, jigi hdejja, ahna ghandna time share hemmhekk u jiena kont inkun spiss hemmhekk mhux bhal Charmaine u Charmaine taf ghax giet kemm-il darba...*' Mistoqsi '*imma il-flus minghandek kienet tiehodhom Charmaine*' wiegeb '*iva, fuq talba ta' Charmaine.*' Meta mistoqsi '*nghid sew li fejn kont qabbadt tahdem lil Charmaine kellek speci ta' kuntratt ma' Azure Services Limited?*' wiegeb '*ma' kien hemm l-ebda kuntratt xehdu wkoll Mark ma' nafx x'kunjomu... xehed ukoll financial controller, dak kien xhud tieghek, gibtu inti sir u xehdu hawnhekk ukoll il-Qorti u jekk tara l-process jghidlek ma' kien l-ebda kuntratt, il-kuntratt kien verbali fuq it-telephone, ghednielhom min ahna li ghandna t-time share hemmhekk u allura*

*ghamlulna pjacir hekk ghandkom bzonn maid ara hekk ma' thaddmuhiex please ghax ghandha bzonn xoghol'*. L-appellant ipprezenta kopji ta' ircevuti tal-VAT a fol 559 u immarkati bhala Dok RC 16 fejn fuqhom jidher isem Charmaine Grima bhala l-persuna li qieghda tohrog l-ircevuti u jirrigwardaw is-servizz ta' tindif kemm Golden Sands u Spinola Bay Azzure Club li l-appellant dwarhom spjega li huma '*l-ircevuti tal-Golden Sands fejn hadmet hi li tajthomla jiena b'idejja wara li qaltli biex nimliehomla biex tipprezenta l-VAT return u hadtilha hsieb jiena wkoll*'. Ghalhekk, mill-assjem tal-provi din il-Qorti ma ghandhiex dubju li l-paga li suppost kienet taqla l-parti leza ghal tindif kienet tingabar mill-appellant u parti minnha jekk mhux kollha kienet tinzam mill-appellant sabiex tithallas il-loan. Din il-Qorti ma temminx li l-appellant kien jghaddi l-paga lil parti leza. Minn naha l-ohra izda gew ipprezentati bhal ittri elettronici li skont l-appellant intbagahtu lilu mill-parti leza, izda li ma jirrizultax li gew ikkonfermati mill-parti leza stante li qalet li l-appellant kellu l-password tal-indirizz elettroniku taghha. F'uhud minn dawn l-ittri elettronici prezentati fosthom a fol 522 u senjatament Dok RC9 fost affarijiet ohra hemm imnizel '*Jien qedtilom il vereta ili int kont tmurli bis sijat karti li kont nahdem jien bix tigborli flusi, allura jin ma kont nejd xejn hazin. enyway int ma kontux tamel sagruficju alija ghax kont tmur kwazi dejjem emmek xorta lukanda. Golten Sends kont imur bix nejn lilek thallas ukol tisix u kont intik ukoll ftit flus milli qllajt min emm u dan ma tistex ticcuhd ax dejjem tajteb x haga mili cbartli il pagi....*' F'dan id-dokument ma jirrizutax li tnizzel l-indirizzi elettronici minghand min u lil min intbaghatet din l-ittra. A fol 526 fid-dokument immarkat bhala Dok RC 11 li hija ukoll bhal bhal ittra elettronika, hemm fost affarijiet ohra inkluz theddid imnizzel '*Ara xqed najdlek, bli tajtwk meta kolnt nahdim bil bizness tijaj ta tindif, il golten sends, u spinola u wara daqqa 100 u daqqa 200, wara li spiccajt mil golten sends u spinolla, tajtek bkollox 4750. U issa la ma trtx tkellimni u tibqa habib tiejaj iridom kolla lura. ma jinteressani xejn aktar.*' F'ittra eletronika ohra a fol 531 hemm imnizzel fost affarijiet ohra '*Ray qat nahseb jien ikalkulajna, li jiena tajtek kwazi 4730 euro, bic cajt ic cajt, u issa gejt bzonom, vera kif qedtli int li int ma ritomx imma umbad wara li bqajt najdlek u najdlek acetajtom, int u uzajtom ma li selift u jien bqajt ma mortx mieghek.*' Ittra

elettronika ohra li tinsab a fol 532 hemm imnizzel ukoll li '*Imma jien ghintek xorta bil flus u bqajt ninsisti li tehodom ghalavolja int ma riedtx, u bdejt tiskartani jien ta mara twajba bqajt nigri warajk u nisfursak, biex issiefer, li ma kienx ghalija int ma kontx tmur ghax wara li gejna lura minn firenze ma riedtx taf bija, u ma riedtx tiprova tmur biex doctor Nara tgiprova tghinek. Jien bqajt nibuttak ghal xur shah biex tmur, igifieri tobodniex ghax jien miniex hazina kif tahseb int, u mhux vera li ghidli int illi jien iridek tmur bix jekk tfiq int jiena mur warajkk, u li biex nuzak bhala gilly pig alisperimenti.*' Din tinsab ukoll a fol 721 fid-dokument immarkat bhala Dok AZ1 fejn jidhru zewg indirizzi elettronici. A fol 540 f'ittra elettronika ohra foat affarijiet ohra tnizzel '*Mhux imbilli qtajt it telefon, xi trid tajt bija li issa dawk flus tijak, inti ma riedtomx fil bidu kieku jien ma sfursajtekx u bqajt niffitak biex tmur hdejn Nara, Cina u issa ma tridtx itihomli lura, int xint bima jew animal, nefaqtek il flus xi flus nefaqtlek ma nissekx accetajt li nsiefher miekgh firenze jekk ma ridtx affari mieghi*.' Dawn l-ittri elettronici u ohrajn ma humiex ammissibbli u dan stante li l-parti leza ma kkonfermatx li ntbaghtu minnha u in oltre, ma jirrizultax li gie mahtur espert sabiex johrog il-kontenut minn mobile phones, computers fosthom ittri elettronici u sabiex jigi determinati minn min intbaghtu dawn l-SMSs u ittri elettronici, ghalhekk din il-Qorti ma hijiex sejra tikkunsidrahom.

Ikkunsidrat;

Meta Charmaine Grima xehdet fit-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) dwar il-kwistjoni tan-Nutar hija spjegat li '*X'hin gie d-dar taghna flok qlajt panic ghidt issa fejn ilni nissaporti noqghod bi kwieti. Hu qalli ghidtlu jien ma rrid niffirma xejn, Qalli ejja ha mmorru dawra San Anton kien hemm hija u ohti Jessica gew mieghi u nara skond hu Nutar kien. U riedni niffirma qallu ghax din ghandna bizzejjed inkwiet u qallu ha taqla' xebgha multi u dan. U riduni, l-iehor beda jikkonvinci*'. Kompliet tghid li dan kien '*mark Zammit. Jiena sa fejn jidhirli jien meta mmur ghand Nutar immur l-ufficju tieghu. Imma peress li jien habib tieghu iltqajna hemmhekk San Anton. Id-dokument ma ffirmajtux u kont diga' ghidtlu minn qabel ma tlaqna mid-dar. Ghidtlu jiena ma jien ha niffirma xejn. U ovvjament kif ha niffirma xi haga li mhux vera. Kien hemm miktub li qbadna tant flus tal-Golden Sands. Ghidtlu jiena kemm hdimt. Ghamilt il-kalkoli ghax nahseb li haqqni 1.25 is-siegha. Lil Dan Mark Zammit ma rajtux*

*iktar imbaghad ghax beda jghidli isma' minni ehilsuha ma jkollkomx inkwiet u xejn. Sa kemm dan Mark Zammit sibtu. Ghax ipoggi r-Rabat u ha qatgha x'hin rani dan in-Nutar Mark Zammit.*' Qalet li '*Huwa Nutar vera. U jiena mort ghandu ghar-raguni,. Ghax hu biex jaqbad u jiffalsifika firma tieghi l-inqas haga. Biex naghmel affidavit li jiena ma ffirmajt assolutament xejn ghax jiena l-izbalji tieghu ried iwaqqahom fuqi*'. Mistoqsija ghamlitx d-dikjarazzjoni ghand in-Nutar wiegbet li '*Qalli li jiena qalli ma nistax ghax habib tieghi. Jiena dan irrekordjajtu*', '*Qalli ma nistax ghax dak habib tieghi u qalli jekk tigi biex titilqghu l-Qorti qalli bhal speci ha jghajtuli u ggibni f' sitwazzjoni kerha*'. Meta xehed in-Nutar Mark Zammit fis-seduta tas-sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u tna (2012) fejn kien spjega li l-imputat jafu peress li kienu bdew il-Kors tal-Ligi flimkien. Huwa gharaf ukoll lil Charmaine Grima. Spjega li '*kont gejt mitlub minn Raymond Camilleri biex naghti Affidavit lis-Sinjorina Grima*' Spjega li '*Bazikament jekk niftakar sewwa hu kien lesta l-gurament jew kien lest il-Gurament, zgur ma lestejtux jien. Li forsi stajt ghamilt huma l-parti tal-introduzzjoni bid-dettalji kif isir il-gurament u l-parti fl-ahhar kif jinghalaq imma bhala materja per se ma niftakarx x'kienet l-istorja bejniethom.*' Meta mistoqsi '*Lis-Sinjura Grima giet xi darba ghandek ghal xi xoghol minghandek ?*' wiegeb '*Iva ukoll. Jekk m'hiniex sejjer zball aktar kmieni ta' din is-sena ukoll u l-istess giet ghal Gurament*'. Mistoqsi haditux, wiegeb '*Le riedet tiehu Gurament hi u jiena astjenejt u ghidtilha la ma hadtux issa mhux ha naghmlu minn naha l-ohra uh. Ma tajt l-ebda Gurament l-ebda naha*'. Dan ghalhekk ghalkemm mhux bid-dettall li xehdet bih il-parti leza, jikkonferma li verament il-partijiet kienu ltaqghu ma' dan in-Nutar.

Illi dwar dak li allegatament gie trasmess lill-appellant mill-parti leza Charmaine Grima fix-xhieda taghha quddiem l-Ewwel Qorti tat-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) spjegat li '*Morna l-Italja Firenze. Minn hemmhekk beda l-inkwiet kollu. Ghax irqadna jigifieri go camp. Hu ried jghid li ghandi jiena jittiehed imma qalli m' hemmx inkwiet, qalli nistghu nevitawh. Ghax darba qalli waqt it-treatment miss wiccu u beda johroglu raxx hawnhekk li vera kien ikollu dak ir-raxx. Kont diga' narah qabel jiena imma hu beda jikbirlu u kien simili tal-eczema tieghi. Waqt li konna Firenze darba minnhom kien ghamel hafna maltemp u bdejt nibza' jiena. U rqadna normali. L-ghada ried jghid li jiena waqt li kont rieqda kelli xi*

*demm, xi dmija u missejtlu l-parti ta' wiccu. Inzilna lura Malta. Kelli car accident jiena. Kien diga' beda jcempilli jibki li fottejtlu hajtu. U ovvjament spiccajt bla karozza u kelli bzonn part time job. Anke biex nghin lil ommu ukoll u kelli hafna problemi ridt nitlaq minghand iz-Zija ghax kont imdejqa. Darba cempilli qalli sibtlek part time job, qalli mal-kumpanija ta' hija Melita Cleaners. Qalli ghax kien hemm wahda Mongoljana ukoll qabli qalli u telqet u ghadu bzonn xi hadd iehor. Qalli xejn specjali ta qalli cleaner. Ghidtlu nipprova uh jien, ghidtlu qatt ma hdimt hekk. Qalli tliet darbiet fil-gimgha. Niftakar li hadni hu kien darba s-Sibt il-Golden Sands Radisson Ghajn Tuffieha Kumpanija ta' IRC u ovvjament kienu diga' jafuh lilu peress li kien hemm xi hadd iehor qabli jahdem bhala cleaner. U pprezentani nnsomma u qalli trid taghmel hekk, hekk u hekk'*. Spjegat li '*Kien siefer u gie. Qalli kollox f' idejk u qalli, qalli ma niflahx hafna. Qalli haduli t-testijiet tad-demm qalli ma nafx, ghandi xi tip ta' virus. Qalli issa nibghat id-demm lil Dr Nara ghax hi kienet telqet minn Malta marret lura pajjizha l-isptar taghha. Ghax hu qalli ghandna Sptar u qalli iktar jaqblilha tmur hemm. Mit-testijiet irrizulta l-istess haga li ghandi jiena li qatt ma qalli t-tip ta' marda. Qalli ara ma tersaqx lejn l-isptar qalli ghax isakruk qalli u jekk tmut jaharquk*'. Kien '*Qalli s-somma titla' erbatax-il elf,. Dan qaluli waqt li konna r-Radisson hdejn ir-reception. Ghax fil-fatt pogga bilqeghda u hafna biki ghax beda jirtghod. Qalli ma niflahx noqghod bilwieqfa jiena. Jiena minn dakinhar hajti nbidlet kompletament. Xokk*'. Aktar il-quddiem spjegat li '*Hadtlu l-airport. Biki ta' barra minn hawn ghax jiena, qalli jekk ma taraniex izjed qalli ghax jiena ma nahsibx li niflah ghaliha. Qalli bejn qalbi bejn id-dijabete, cholesterol, pressjoni. Jiena bdejt nibki. Ghidtlu jiddispjacini ghidtlu jiena ma kontx naf x' ghandi. U apparti minn hekk erfajt ir-responsabilta jiena ghax jiena stajt nghidlu jiena ma kontx naf x' ghandi. U terga' u tghid m' ghandiex flus. u jekk ma kelliex flus minflokk immur nitlob lil missieri ghax hu ma halliniex. Qalli f' din l-istorja ddahhal lil hadd. Qalli kollox bejnietna qalli apparti minn hekk ma rridx jibdew ifittxu lil missierek minhabba xi flus u dan*'. Spjegat li meta wasal lura Malta '*Gie jirtodd. Qalli vera esperjenza tal-biza' qalli beda jsemmi nsomma minn xiex ghadda. Qalli kollu minhabba fik. Qalli nixtieq inkun naf jiena x' ghamilt hazin biex haqqni dan kollu qalli wara li ppruvajt nghinek. Jiena dejjem inhossni guilty..*'

Minn naha l-ohra l-imputat Raymond Camilleri fix-xhieda tieghu spjega '*After Firenze,*

*actually in Florence, Firenze ...I am going to ease it in because an incident happened and I think I should mention it and I am choosing my words. Because we bought duty free, we bought Baileys duty free. It was a good option, two bottles for the price of one. They were one litre bottles and that night we celebrated with the others outside by the campfire and we then we continued celebrating with Baileys in the tent. Unfortunately, in the morning very early in the morning at five o'clock in the morning when I woke up there was a mess in the bed, a very big mess and it happened during the night because you know the natural women's cycle thing you know, it happened during the night I think and there was a big mess. In a tent during the night we couldn't see anything from outside you could not see anything unless you put a torch on. And in the morning I found the sheets and the pillows and myself in the ... exposed with the ..' 'blood'.* Spjega li '*I know that I bleed from my hair or my head when I get these skin problems but it wasn't from me and I realised where it was coming from and less than twenty four hours later we had to go to hospital in Firenze because everywhere where I had blood I had everywhere puffed up, everywhere was puffed up. And I was really panicky because I told the doctor what happened and he asked inside and her Italian was better than her English and she started explaining and this and that and the doctor told me as soon as you get to Malta go to your GP and run some tests, he would know what tests to run. So we cut our holiday short me because I panic about these things and in two days we were going back to Malta. When I arrived to Malta first thing I went to see my doctor and since it was the time when people have their holidays he was in Gozo so I went straight to the polyclinic and I asked the doctor to examine me there. And they immediately examined me and they gave me an appointment for emergency to go to Boffa hospital dermatological Dr Carabott and I did go and they told me that what I have is a flare I have a flare of the initial, I ...contagious, I had just contracted HSIV which for me HSIV telling me like that I did not know what it is I thought it was something like you know HIV, so I panicked and I called Charmaine, come and meet me because they want to take a blood sample from you as well. I was panicky, alright HSIV turned out to be a code name for Herpes which is still not nice to have imma it was not bad as it was ....*' Spjega li '*I called Dr Nara and Dr Chan because I lived with then for eight months in Malta and they were expert doctors on skin dermatological doctors and I mean I had confidence in them and told them what happened and*

*they told me that I can go to Boffa hospital and speak to Dr Carabott and they spoke to Dr Carabott on the phone and they said in Malta we don't have this kind of filter, we have this filter but we use to filter urine from the blood and not to filter viruses from the blood. They said it's called humopurifier which means basically people who have no more kidneys they go and do this type of process to purify their blood from urine because the kidneys fail but in Malta they could not do it and they suggested that I go to do it in England but when I checked in England how much the prices were how much the prices were, it was unbelieavable cause you have to sell the house to do it because otherwise there is not way you can do it. Imma in Eastern countries like India, China or Mongolia in these places were it is cheaper and stuff like that it was possible to be done and kien ghal but ta' kulhadd to be honest...*' Xehed li f'sitt (6) xhur ma marx ghall-ahjar, spjega li '*I started receiving some medication and the minute Dr Chan told me that the medication is working qalti you are a very good candidate to come and do this humo purifier machine. So I said listen I am coming. I told Charmaine because I needed a blood sample from her to take it with me and without they would not be able to I don't know...eliminate that virus they needed the source. And anyway she gave it to me and Charmaine told me listen if you get better I want to come as well...*' Jghid li meta ghamel dan l-intervent, '*I came back I had my skin not like a baby but I never saw it like that.*' Huwa prezenta ritratti ta' meta kien l-isptar ic-Cina immarkati bhala Dok RC22 u ritratti li ttiehdu wara bhala Dok RC23 fejn hemm differenza vizibli fid-dehra tal-appellant. Prezenta anke ritratti tat-tifel a fol 591 u mmarkati bhla Dok RC24 li ghalkemm fil-fehma ta' din il-Qorti humiex cari, l-appellant jghid li '*meta hariglu l-herpes hadlu anke r-ritratti ta' dakinhar li hargulu*'. Minkejja dan ma xehed l-ebda tabib li jikkonferma li t-tifel tal-appellant kien ikkuntratta l-herpes u meta sehh dan. Prezenta anke ritratti ta' allegatament sider Charmaine Grima a fol 592 u immarkati bhala Dok RC25 biex juri li ghandha kundizzjoni tal-gilda. A fol 600 immarkat bhala Dok RC29 ipprezenta il-ftehim tal-loan li kien ha fejn jissemma Twanny Borg minghand min issellef, fejn hemm dikjarat li hallas erbatax-il elf u tmien mitt ewro (€14,800).

Din il-Qorti tinnota li a fol 730 u cioe' f'parti minn wiehed mill-file mediku tal-appellant

hemm imnizzel taht id-data tat-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008) '*Herpes simplex*'. L-Ewwel Qorti dwar dan ikkunsidrat li '*Minn dawn il-files ma jirrizultax li l-imputat kellu xi mard naxxenti minn problemi fil-gielda hlif ghat-3 ta' April 2008 meta fil-file (tac-Centru tas-Sahha) hemm indikazzjoni li l-imputat kellu herpes simplex.*' Ghalhekk minn interpretazzjoni ta' din il-Qorti, jirrizulta li fil-file mediku tal-appellant jidher li f'April tas-sena elfejn u tmienja (2008) u li ghalhekk din il-Qorti qieghda tifhem li xhur wara li l-appellant u l-parti leza siefru flimkien, hemm indikazzjoni li l-appellant verament kellu herpes simplex. Interessanti izda huwa l-fatt li skont ma xehdet il-parti leza, l-appellant qatt ma qalilha x'marda kellha u lanqas ma jirrizulta li qalilha x'marda ikuntratta. Fi kliemha '*Mit-testijiet irrizulta l-istess haga li ghandi jiena li qatt ma qalli t-tip ta' marda. Qalli ara ma tersaqx lejn l-isptar qalli ghax isakruk qalli u jekk tmut jaharquk.*' L-appellant la darba ddecieda li jiehu l-pedana tax-xhieda, kien jispetta lilu biex iressaq prova li dak li gie trasmess lilu gie trasmess mill-parte civile u li jressaq prova tal-intervent li huwa kellu jghaddi minnu u dan fosthom bix-xhieda ta' Dr Nara u t-tobba l-ohra li semmha hu, li baqghu qatt ma ttellghu jixhdu sabiex jikkonfermaw li dak li ghadda minnu l-appellant kien rizultat ta' dak li gie trasmess mill-parte civile. Ghalhekk, indipendentement mill-fatt tal-kundizzjoni tal-gilda li kellu jew ikkuntratta l-appellant u cioe' dik maghrufa bhala *herpes* u tal-kura li jispjega li kellu jiehu barra minn Malta li swietu hafna flus, din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti hija konvinta li l-parti leza ghaddiet ammonti ta' flus lill-appellant wara li l-appellant ikkonvinciha li ghandha kundizzjoni fil-gilda taghha u wara li kkonvinciha li mardet lilu u li sussegwentement mardu t-tfal tieghu.

Mill-asjem tal-provi, anke jekk wiehed kellu jinjora kompletament dak li xehdu familjari tal-parti leza Charmaine Grima, ma jistax jinghad li dak li xehdet Charmaine Grima ma giex ikkoraborat minn xhieda ohra anke jekk mhux fl-intier, dan inkluz f'xi waqtiet mix-xhieda tal-imputat ukoll gie kkonfermat uhud minn dak li xehdet Charmaine Grima fosthom li kien hu li kien jigbor il-paga relatata mat-tindif, anke jekk l-appellant jaghti x'jifhem li kien jigborha u jghaddiha lil parti leza. Kif gia kkunsidrat il-

kunflitt li hemm bejn il-verzjoni moghtija mill-parti leza u minn naha l-ohra l-imputat ma jfissirx li ghandu jwassal sabiex l-appellant jigi liberat. In oltre, wiehed ma jridx jinsa li l-Ewwel Qorti kienet f'pozizzjoni vantagguza stante li l-process ghexietu kollu u ghalhekk kellha mhux biss l-opportunita' li tifli l-atti izda anke li tisma' *viva voce* ix-xhieda li xehdu quddiemha inkluz lil parti leza u l-appellant.

L-Ewwel Qorti kkunsidrat:

'*Illi stabbiliti dawn il-principji irid issa jigi determinat mill-provi prodotti jirrizultawx xi artifizi jew raggiri da parti ta'l-imputat li inducew lil Grima fi zball u li b'konsegwenza ta' dak l-izball hija ghamlet xi haga li gabitilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-imputat.*

*Illi mir-riassunt tal-provi jidher car li hemm kunflitt lampanti bejn il- verzjoni mghotija minn Charmaine Grima minn naha u mill-imputat min- naha l-ohra. Dan il-kunflitt m'ghandux necessarjament iwassal ghall- liberatorja ta'l-imputat. Il-Qorti hija obbligata tevalwa iz-zewg verzjonijiet mghotija, fid-dawl tal-provi kollha prodotti, u tara lil min tista' taghti kredibilita u f'xiex. Dan l-ezercizju l-Qorti ghamlitu u hija konvinta li tista' taghti kredibilita lil Grima f'hafna mill-affarijiet li qalet. Dan il-Qorti tghidu mhux biss wara li kellha l-opportunita tara u tisma kemm lil Grima u lill- imputat jiddeponu imma anke minhabba li Grima giet korroborata f'hafna affarijiet milli qalet minn xhieda ohra.*

*Illi fil-fatt l-Qorti hija konvinta li l-imputat, b'messa in xena wahda wara l- ohra, irnexxielu jilghab bil-vulnerabilita ta' Grima u kkonvinciha li, b'tort taghha, hu spicca b'kundizzjoni medika li kienet tirrikjedi kura barra minn Malta u b'mod specifiku il-Mongolia. Huwa mbaghad ikkonvinca lil Grima li hi kellha taghmel tajjeb ghal din l-ispiza. Fil-fatt meta ma setghax igib il-flus necessarji direttament minghand Grima, u wara li ma rnexxieliex totjeni loan mill-bank, l-imputat apparentment issellef il-flus hu minn fuq l-idejn u r-rifuzjoni ta' dan is-self ghamlu billi ottjena l-flus minghand Grima.*

*Illi aktar minn hekk l-imputat b'messa in xena ohra irnexxielu jikkonvinci lil Grima li huh kellu xi kumpanija li permezz taghha setghet taghmel xoghol ta' cleaner fil-lukanda Radisson u*

*postijiet ohra. Fil-fat verita kien hu stess li, minghajr l-ebda involviment ta' huh li ma kellu l-ebda negozju b'l-isem Melita Cleaners, mar jinnegozja ma'l-imsemmija lukanda biex juzaw is-servizzi ta' Grima li ghalihom thallas hu.*

*Illi b'hekk u bil-flus li huwa ottjena minghand Grima (it-telf patrimonjali taghha) huwa irnexxielu jaghmel tajjeb ghad-djun li kien ghamel biex ikun jista' jmur il-Mongolia (il-qliegh li ghamel hu).'*

Kif gia kkunsidrat dwar l-involviment ta' hu l-appellant fix-xoghol ta' tindif li kienet taghmel il-parti leza fil-lukanda Radisson f'Golden Sands u tindif f'Spinola Bay, skont l-appellant dan kien limitat li huh qallu li Golden Sands kien hemm riklam li kellhom bzonn xi nies. Flimkien ma dak li ikkunsidrat l-Ewwel l-Qorti, din il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax il-fatt li l-imputat kien gieghel titwemmen lil parti leza li uliedu kienu anke ttiehdu minn din l-infezzjoni. Dwar dan, il-parti leza Charmaine Grima xehdet '*Cempilt lil missieru u kellmitni l-mama tieghu. U ghidtilha jien ghidtilha nixtieq inkun naf xi haga. Ghidtilha ghax ilni ma naghmel kuntatt maghkom jiena. Ghax hu kien qalli li missieru lest jonfoq sal-ahhar centezmi imbasta jkun jaf minn fejn gejja din l-imbierka marda. U qatghetli t-telepone. Qaltli x'marda hi, x gilda dan. U ergajt cempilt u kellimni missieru. Issa hu kien qalli ma telaq li missieru kellu johroglu somma cash biex jaqta' l-loan meta missieru ma jiflahx b'cancer gideb fuq missieru, fuq it-tfal tieghu. U li ommu ttiehdet ukoll u fuq l-gharusa tieghu Daniela ukoll.*' Missieru qalilha '*jiddispjacini ghalik. Qalli ahna qas biss naqblu qalli Raymond u jiena. Qalli ahjar icempel lilu. Ghidtlu ma nistax ghidtlu ghax hu mhux ha jghidli l-verita*'. *Qalli l-unika wiehed li hawn marid hawn gew qalli huwa jiena qalli ghax jiena ghandi, miskin ghandu Cancer. Jien bdejt nitrieghed ghax kif jista' jkun bniedem jivvinta fuq it-tfal tieghu*.' Il-parti leza xehdet li cemplet lil ex mara tal-imputat u '*Ghidtilha t-tfal tieghek vera ma jifilhux biex ma ntawwalx. Qaltli jiena ma nafx min inti, qaltli missierhom lanqas biss jiehu hsiebhom. Qaltli t-tfal tieghi kull m' ghandhomx daqsxejn raxx tat-tensjoni.*' Meta xehdet mart l-imputat u cioe' Lorenza Camilleri fit-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) li hija separata minnu meta mistoqsija jekk it-tfal ghandhomx xi kundizzjoni partikolari b'mod specifiku forsi xi mard tal-gilda, wiegbet li permanenti le, izda li kien hemm

okkazzjoni fejn it-tiefel kellu raxx u ha l-kura u ghaddielu, iehor xejn u iehor kellu marki qishom *bubbles* u nghata cream ghalihom u marru jigifieri hadd ma ghandu xejn. Lorenza Camilleri reghhet xehdet fis-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn spjegat li l-*creams* li nghatat ghat-tfal inghataw skond ir-ricetta tal-policlinic u xtrathom mill-ispizerija. L-imputat xehed li t-tifel kien hariglu herpes u kien hadlu ritratt li gie esebit bhala Dok RC24. Dwar dan, din il-Qorti hija tal-fehma li mhux biss li ritratti li esebixxa l-appellant ma humiex bizzejjed bhala prova ta' x'kellu wiehed mit-tfal tal-imputat izda li lanqas ma jista' jinghad li gie ippruvat li l-appellant spicca infettat b'marda li giet trasmessa mill-parti leza u lanqas li sussgwentement giet trasmessa lil wiehed mit-tfal tal-imputat;

Ikkunsidrat;

Illi skont l-appellant, l-apprezzament zbaljat tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jidher aktar evidencti fid-dawl tal-fatti li waslu ghat-tehid ta' proceduri kriminali fil-konfront tal-vittma Charmaine Grima u l-konsegwenti sejbien ta' htija taghha. Dan l-aggravju jimpingi principarjament fuq il-kredibilita' o meno tal-parti leza Charmaine Grima u dan tenut kont tal-kawza li hija instabet hatja. Quddiem l-Ewwel Qorti gew ipprezentati zewg sentenzi, u cioe' dik fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone) vs. Charmaine Grima' deciza fit-tmienja (8) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015), kopja taghha tinsab a fol 501 fejn kienet giet akkuzata '*talli bil-hsieb li taghmel delitt uriet dan il-hsieb b'atti esterni u tat bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt billi bil-hsieb li testorci flus jew xi haga ohra, jew li taghmel xi qliegh, jew bil-hsieb li ggieghel lil Anthony Azzopardi u persuni ohra jesegwixxi, jiddiddistruggi, iqalleb, obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, heddet li taghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li taghti malafama lil Anthony Azzopardi u persuni ohra, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghha (Art. 41, Art. 250(1) tal-Kap 9)*' fejn Charmaine Grima kienet irregistrat ammissjoni u instabet hatja. Fis-sentenza li tinsab a fol 503 u immarkata bhala Dok RC3 u cioe dik fl-ismijiet 'Il-

Pulizija (Spettur Joseph Mercieca Spettur Frank A. Tabone) Vs Ashraf Elbakry ta' 51 sena iben Mahmoud u Suhad nee' Alfadal, imwieled l-Egittu, nhar it-08 ta' Dicembru 1962, residenti fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-karta ta' l-identita' 20113(A)' fejn f'dik is-sentenza fost kunsiderazzjonijet ohra inghad li '*mill-provi li hemm fl-atti il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju illi l-imputat bl-ghajnuna tas-siehba tieghu Charmaine Grima hedded lill-imputat meta holoq messa in xena shiha fejn qal lil parti leza li kien irregistrah permezz ta' filmat f'sitwazzjoni kompromettenti mas-siehba tieghu u dan bl-iskop li jestorci il-flus minn ghandu.*' Il-parti leza in kontro-ezami fis-seduta tat-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) kienet ikkonfermat li kienet akkuzata bi frodi, qalet li mhux hi heddedt imma hi wehlet ukoll. L-imputat Raymond Camilleri xehed li '*I started receiving threats not from the loan sharks no, from Charmaine. Listen I am going to go to your wife, I am going to tell what we do and ...meet and I have a video which by the way I am trying to get because I just found out that it's in a laptop in the possession of the police in Gozo because she has another case which she admitted the accusations and it's black and white....*' Xehed li '*When she extorted money from other people she was with him and dik hija s-sentenza u dik fejn ammettiet l-akkuzi.*' Spjega li '*dan El Bakri, Charmaine turned on me, daret fuqi, turned on me and she started demanding money u the video and everything because this guy was pushing her and I only found out later on that this guy was pushing her from..her family...*' Spjega li '*I found out from her family. Isma li gej mhux minn Charmaine gej ta' imma mill-boyfriend li ghandha issa. Eh ghandha boyfriend and good luck to her and why dont' she leave me in peace? Qaluli el, ghax dan qed jaghmel hekk lil kulhadd u diga' ghandha tlett kazijiet ohrajn. Fil-fatt there is another case that is going to open now, the only person that was holding this person is afraid that his wife is going to leave him if she finds out*'. Spjega li '*bdew incempluli u jghiduli we need money, if you don't give us ten thousand, fifteen u darba minnhom anke give me the gold and we will go and sell it for you. We are going to go to your father and say that you are doing things with prostitutes and stuff like that. She did have a video because she showed me, she sent me a link and I have a copy and she sent me a copy and I am not going to exhibit because again I am shy*'. Spjega li '*one time before I arrived in the place she placed a camera in a position in the room somewhere I think maybe it was a phone I did not realise it was a camera and there is*

*me in non pleasant non family video and yes she tried to bribe me with it, so and again I lied to her and I told her that I went upfront and I showed it to my parents myself and that I told them about it which I didn't. I told them that there is a video but did not tell them what is was about just in case she went and she showed it to my parents imma apparently, I called it bluff and in the meantime they arrested her partner luckily enough minhabba kazijiet ohrajn other cases they have, prosecuted them in Court, so she had no one to push her anymore and then she came back as a lamb, without somebody pushing her...'* Spjega li kien Spanja ghal intervent mediku u li *'it was her last attempt for the money extortion thing imbghad jiena I told her that once I get to Malta I am going to go and report her and get a police report and I don't care about her threats anymore, I did not care about her threats anymore. And I wanted to get it over with it and I promised her that I was going to do it. I got a family member of mine to let her know that I really meant business and I arrived on a Thursday, on a Friday jibghat ghalija l-ispettur Maurice Curmi. Somebody suggested to her that if she arrives first and she lodges the report and whatever she decided to say to the inspector herself she woud have the upper hand which she did in a way.'*

Meta xehed l-Ispettur Joseph Mercieca fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) dwar l-investigazzjoni fejn kienu involuti Ashraf Elbakry u Charmaine Grima spjega li *'skond kif qalli missier Connie Azzopardi one fine day kien cempillu xi hadd biex imur jaghmel xi xoghol ta' plumbing gewwa flat jekk niftakar tajjeb ix-Xlendi, minghalija x-Xlendi jekk mhux Marsalforn, dana kien mar u hemmhekk kien sab lis-sur Ashraf u lil Charmaine Grima u dan ma' kienx jafhom minn Adam u Eva jigifieri. xi hin l-ewwel darba li mar mid-dehra ma' kienx ghamel ix-xoghol li kellu jaghmel jew kien ghamel xi xoghol u reghu qalulu li kien mar xi dawl jew xi ilma m' niftakarx ezatt. Kien rega' mar filghaxija. X'hin mar filghaxija f'xi hin is-sur Ashraf kien allontana ruhu mil-appartament u Charmaine Grima skond ma' qalli hu kienet baqghat hemm wahedha u f'hin minnhom ghamlet ta' bir ruhha li kien qed ihossha hazin u beda inehhilha xi hwejjeg u f'x'hin minnhom gie Ashraf Elbakry u qallu li irrekordjajtek fuq video u bdew jirrikattawh ghal xi flus. Is-somma ma' niftakarx ezatt kemm kienet imma kienet somma sostanzjali, ta' eluf qed nitkellmu. Dana qallhom li l-ghada kien ser imur jigbed xi flus mill-bank biex itiehom l-flus, ftehmu li jiltaqghu*

*post partikolari u kien ghamel rapport mal-pulizija u sussegwentement kienu arrestawhom minn hemmhekk.*' Spjega li hu kien involut fil-prosekuzzjoni tal-kaz ta' Ashraf. Spjega li ma kienx involut fil-proceduri kontra Charmaine Grima izda kienet ghenithom biex jaslu ghall-arrest tas-Sur Ashraf ghax kien hemm zmien mahrub. L-Ispettur Frank Anthony Tabone li xehed fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn kien ikkonferma s-sentenza a fol 501 u mmarkata bhala Dok RC 2 bhala s-sentenza li nghatat fil-konfront ta' Charmaine Grima. Jiftakar li kien l-ufficjal prosekutur fejn kienet instabet hatja tal-akkuzi li kien akkuzaha bihom hu. Spjega li '*Charmaine Grima dak iz-zmien kellha relazzjoni ma' dan Ashraf Elbakry fejn dan Ashraf Elbakry kien talabha sabiex jinzlu Ghawdex minhabba li kellu jiltaqa ma' persuna li toqghod Ghawdex li jigi missier l-eks mara ta' Ashraf Elbakry fejn dan bazikament kien talabha sabiex tinza gharwiena waqt li kienet fis-sodda fl-appartament ta' dan l-Ghawdxi u filwaqt dan Ashraf Elbakry kellu jirrikordja dak li kien qed jigri biex b'hekk imbghad ikun jista' jghaddi dan l-video lill l-eks mara tieghu. Bazikament fuq hekk kienet l-istorja pero' imbghad l-affarijiet kienu kibru. Din il-persuna irriffjutat li tghaddi xi flus lil Ashraf Elbakry. Kien hemm xi theddid fil-konfront ta' l-istess persuna pero' l-involviment ta' Charmaine Grima dak kien. Niftakar ukoll li kienet qaltli li kienet ghamlet dan minhabba li kienet thossha mhedda mill-istess Ashraf Elbakry jigifieri kienet qalet li giet sfuruzata. Jiena kont tlabtha jekk kellhiex cans taghmel rapport kontra l-istess Ashraf Elbakry. Hi kienet qalet li iva, kellha cans pero' hi qatt ma' ghamlitu minhabba l-fatt li kienet tibza minnu.*'

Illi l-appellant skont l-appell tieghu ma jistghax jifhem kif l-Ewwel Qorti waslet biex taghti kredibilita lil Charmaine Grima. Jissottometti li skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fi kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita' ta' xhud, ghandu jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, jekk dik ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Skont dan l-artikolu, il-kondotta u l-karattru ta' Charmaine Grima jimpingu direttament fuq il-kredibbilita' u l-affidabilita' taghha bhala xhud.

L-Ewwel Qorti fil-kunsiderazzjonijiet taghha ma ghamlitx referenza ghal proceduri penali li ttiehdu kontra l-parti leza, li taghhom hija instabet hatja ghajr ghal dik il-parti fis-sentenza ddedikata ghax-xhieda li ddeponu quddiemha u cioe' fejn '*Grima qalet ukoll li fis-sena 2010 hija kienet saret taf lil certu Ashraf Elbakry u li hu ukoll kien ha vantagg minnha u gieghla taghmel certu atti; dawn wasslu ghal proceduri penali fil-konfront taghha lil hija ammettiet ghalihom.*' Filwaqt li taghmel referenza ghal dak li xehed l-imputat u cioe' ' *L-imputat jghid li theddied li huwa rceva kien minghand Grima ghaliex kellha xi video ta'l-imputat u, stigata minn Ashraf Elbakry, bdiet tirrikattah. L-imputat jghid li wasal punt fejn ma kienx ser jibqa jissubixxi ghalhekk informa lil Grima li kien ser jirrapporta lill-pulizija pero lahqet marret hi ghand il-pulziija qablu u ghamlet ir-rapport hi.*' Minkejja dan l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx jekk il-proceduri li taghhom l-parti leza instabet hatja jinpingux fuq il-kredibilita' taghha o meno. Din il-Qorti kif gia kkunsidrat hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti kienet f'pozizzjoni vantagguza biex tizen il-kredibilita o meno ta' kemm il-parti leza u l-imputat u waslet ghad-decizjoni li l-parti leza kienet aktar kredibbli. Din il-Qorti temfasizza li minkejja l-proceduri kriminali li ttiehdu fil-konfront tal-parti leza, dan ma jfissirx li necessarjament dak allegat minnha fil-konfront tal-appellant ma ghandux mis-sewwa.

Ikkunsidrat;

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) vs George Debono ta' 49 sena, bin il-mejjet Mario u l- mejta Maria Victoria nee' Zammit imwieled B'Kara fid-9 ta' Mejju 1959 u joqghod 13, Dar il-Hena, Triq Karm Sammut, B'Kara detentur tal-karta ta' l-identita' numru 330859(M)'**[23] gie kkunsidrat li:

'*Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-*

[23] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-14 ta' Lulju, 2010 (Numru: 154/2009)

*vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir- reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id- disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir- reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....".*** *Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal- fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l- ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*

*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*

*c. ta' kwalifiki foloz jew*

*d. billi jinqeda b'qerq iehor u*

*e. ingann jew*

*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*

*g. jew ta' hila*

*h. setgha fuq haddiehor jew*

*i. ta' krediti immaginarji jew*

*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*.... Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l- manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl- assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil- ligi. ....”*

*Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi* ***“hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza “Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi “quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede.”***

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi* ***“kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva***

***adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal- falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l- affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."***

***"....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il- kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar- reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d- dolo."***

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-Qrati taghna jidher illi l- elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi ghar-rigward ta'l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il- Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) :* ***"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva***

*all'ingannato."'*

Illi l-appellant jissottometti ukoll li ma hemm xejn mill-provi li jista' b'xi mod iwassal lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell sabiex tikkonkludi lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-appellant ghamel uzu minn mezzi kontra il-ligi biex jinganna lil Grima. Skont l-appellant lanqas ma jirrizulta li l-appellant ghamel uzu minn ismijiet foloz, raggiri jew xi messa in xena sabiex igieghel lil Grima temmen xi haga li ma kinitx minnha. Skont l-appellant dan kollu ma jirrizultax mill-provi u ghalhekk huwa ma setghax jinstab hati la tar-reat ta' truffa u lanqas dak ta' frodi innominata u konsegwentement kellu jigi liberat anke mill-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu. Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li l-appellant laghab bil-vulnerabilta' tal-parti leza, tant li irrispettivament tal-kundizzjoni maghrufa bhala Herpes li l-appellant jispjega li kellu u dwar jekk effettivament hax il-kura u trattament gewwa il-Mongolia, irrizulta li huwa ikkonvinca lill-parti leza li kienet hija li t-trasmettitlu din il-kundizzjoni. Minkejja li l-appellant prezenta ritratti allegatament tas-sider tal-parti leza, la darba huwa ddecieda li jixhed il-prova kienet tinkombi lilu biex jipprova li kienet verament il-parti leza li ttrasmettietlu din il-kundizzjoni. Il-fatt li l-appellant prezenta ritratti ta' allegatament sider l-parti leza u l-fatt li x-xhud Daniela David xehdet ukoll dwar il-kundizzjoni fuq sider l-parti leza ma jbiddel xejn u ma jfissirx li kienet l-parti leza li t-trasmettietlu dan. In oltre, mhux talli kkonvinca lill-parti leza li hija kienet infettatu, izda talli kien anke ikkonvinciha li t-tfal tieghu spiccaw ukoll infettati. Dwar dan ghalkemm l-appellant prezenta ritratt ta' wiehed mit-tfal tieghu li jghid li ukoll kellu l-Herpes, meta xehdet l-ex mara tal-appellant ghalkemm xehdet dwar xi kundizzjonijiet fil-gilda tat-tfal, hija kkonfermat li bi trattament u cioe' b'creams kien ghaddielhom. In oltre', din il-Qorti ma ghandhiex raguni ghalfejn ma ghandhiex temmen li kien minhabba li l-appellant ikkonvinciha li huwa kien ittiehed mill-parti leza li gieghel lil parti leza mhux biss tghaddilu parti mill-paga taghha li kienet taqa minn xogholha mal-fabbrika li maghha kienet tahdem izda li l-appellant kien anke jzomm parti jew il-paga kollha relatata mat-tindif u ghalhekk l-parti leza soffriet telf

patrimonjali konsegwenza ta' dak li gielgha temmen l-appellant u cioe' li hija kienet responsabbli ghal dak li sofra l-appellant u li kien minhabba fiha li kellu jiehu l-kura. In oltre, l-appellant kien anke dahak biha meta qalilha li l-kumpanija tat-tindif kienet ta' huh u li kien jisimha '*Melita Cleaners*' meta irrizulta li huh ma kellu l-ebda involviment, ghajr ghal dak li xehed l-appellant u cioe' li indikalu li kien hemm il-htiega ta' nies biex inadfu fit-tali post.

Din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal konkluzjoni li l-appellant huwa hati tal-ewwel (1) imputazzjoni. L-ewwel aggravju qieghed ghalhekk jigi michud.

Ikkunsidrat;

Illi permezz tat-tieni aggravju, l-appellant issottometta li l-Ewwel Qorti zbaljat ukoll meta kkonkludiet li l-appellant kien recidiv *ai termini* tal-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Ewwel Qorti kkunsidrat li:

'*Illi l-imputat huwa addebietat ukoll bir-recidiva. In sostenn ta' dan l- addebietu giet prezentata sentenza mghotija fil-konfront ta' l-imputat fit-22 ta' Jannar 2002*[24]*; permezz ta' din is-sentenza l-imputa, wara li gie misjub hati ta'l-imputazzjonijiet hemm indikati, gie ikkundannat multa ta' tlett mitt Lira Maltija*[25]*. Mill-fedina penali jidher li din il-multa thallset fit-13 ta' Mejju 2002.*

*Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni sehhew bejn is-sena 2006 u 2010 u ghalhekk entro il-hames snin mis-sentenza u anke mill-hlas tal-multa. Konsegwentement l-imputat ghandu jitqies recidiv ai termini ta'l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9.*'

[24] Ref Dok MC4 a fol 26. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tmienja u tletin (38) tas-sentenza appellata)

[25] Tressqet bhala xhud is-Supretendent Alexandra Mamo (depozizzjoni a fol 31) li kkonfermat li l-imsemmija sentenza inghatat kontra l-imputat odjern. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata disgha u tletin (39) tas-sentenza appellata)

Skont ma jirrizulta mis-sentenza tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002) li tinsab a fol 26 u hija mmarkata bhala Dok MC4 l-imputat kien instab hati u kien gie ikkundannat ihallas multa ta' tlett mitt liri Maltin (LM300). Skont il-fedina penali li tinsab a fol 4, jirrizulta li din il-multa thallset fit-tlettax (13) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002). Id-data tal-imputazzjoni mertu tal-kaz odjern tirrigwarda '*Dicembru 2010 u fix-xhur u s-snin ta' qabel*'. Ghalhekk kif tajjeb issottometta l-appellant, jehtieg li ssir referenza ghal provi sabiex jigi determinat meta sehh ir-reat kif addebitat fl-ewwel (1) imputazzjoni. Ir-riklam li deher fuq The Sunday Times u li jinsab a fol 25 u mmarkat bhala Dok MC3 huwa datat il-hmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) u kien permezz ta' dan ir-riklam li l-parti leza u l-appellant iltaqghu. Sussegwentement wara li nxtraw il-creams, saru hafna testijiet medici u l-appellant qal lil parti leza li ghandha sider minnhom marid u li ghandha xi tip ta' microbu, izda l-parti leza tiddikjara li kien meta marru l-italja Firenza li l-inkwiet kollu fi kliema '*Morna l-Italja Firennze. Minn hemmhekk beda l-inkwiet kollu. Ghax irqadna jigifieri go camp. Hu ried jghid li ghandi jiena jittiehed imma qalli m' hemmx inkwiet, qalli nistghu nevitawh. Ghax darba qalli waqt it-treatment miss wiccu u beda johroglu raxx hawnhekk li vera kien ikollu dak ir-raxx. Kont diga' narah qabe jiena imma hu beda jikbirlu u kien simili tal-eczema tieghi.*'. Jirrizulta mix-xhieda prodotti li kienu siefru Firenze f'Awissu u ghalhekk gialadarba r-riklam deher f'Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) u siefru f'Awissu dan necessarjament sehh fl-elfejn u sebgha (2007) jew wara. Minkejja li kien minn qabel ma siefru, li l-appellant beda jghid lill-parti leza li kellha problemi tal-gilda, ma jirrizultax ampjament car jekk dan sehhx entru l-perjodu ta' hames (5) snin mill-hlas tal-multa u ghalhekk in linea tal-principju '*in dubbio pro reo*', din il-Qorti ma tistax tiddetermina fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni li l-atti li taghhom l-appellant qieghed jinstab hati sehhew entro t-terminu ta' hames (5) snin mill-hlas tal-multa u cioe' mit-tlettax (13) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002). Ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx li l-Ewwel Qorti kellha ssib lill-appellant hati li huwa recidiv taht l-artikolu 50 izda biss taht l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat;

L-appellant qieghed permezz tal-appell tieghu jitlob ukoll tnaqqis fil-piena inflitta mill-Ewwel Qorti, tant li jissottometti li l-Ewwel Qorti gialadarba ma kelliex issibu hati bhala recidiv taht l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, setghet timponi fuq l-appellant sentenza sospiza. Skont l-appellant il-piena ta' sena prigunerija kif inflitta mill-Ewwel Qorti kemm fil-kwalita' taghha u sussidjarjament anke jekk ghas-sahha tal-argument tikkonfigura r-recidiva, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv.

Illi l-Ewwel Qorti kkunsidrat li:

*'Illi kif diga ntqal il-Qorti hija sodisfatta li l-prosekuzzjoni pruvat 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-imputat inganna lil Grima u bhala rizultat ta' dan l-ingann l-imputat ipercepixxa, direttament u indirettament, flus appartenenti lil Grima. Fil-fehma tal-Qorti ma ngabux provi sufficjenti in sostenn ta'l-allegazzjoni li l-ammont mhallas lill-imputat huwa ta' dsatax il-elf Euro u lanqas fil-fehma tal-Qorti ma gie stabbilit l-ammont preciz li fil-fatt gie imhallas.*

*Illi tenut kont ta' dan in-nuqqas, u b'aspplikazzjoni tal-principju in dubbio pro reo, pero konvinta li Grima zgur hallset ammont li jeccedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) il-Qorti ikollha tapplika l-piena stabbilita predisposta f'l-artikolu 310(1)(b) fis-snin 2006 sa 2010 u cioe dik ta'priguenrija minn ħames xhur sa tliet snin.*

*Illi ai fini ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-gravita tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat min-naha u l-fedina penali kwazi netta min- naha l-ohra. Hadet in konsiderazzjoni l-fatt li stante li l-imputat huwa recidiv fit-termini ta'l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 sentenza soospieza ma tistax tinghata.*

*Illi tenut kont tas-suespost l-Qorti m'ghandha l-ebda ghazli hlif li timponi piena karcerarja li pero tkun aktar vicin il-minimu milli l-massimu.'*

Din il-Qorti tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tal-fatt li din il-Qorti qieghda tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati li huwa recidiv ai termini tal-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sejra tirrevoka fejn il-Qorti ordnat il-piena ta' sena prigunerija effettiva u sejra minflokk tordna li l-piena ta' sena prigunerija tkun sospiza ghal zmien erba' (4) snin. Dan il-Qorti sejra taghmlu anke in vista tal-fatt li l-kaz imur lura numru ta' snin u li ghalkemm l-imputat ma kienx deher ghal numru ta' seduti quddiem l-Ewwel Qorti, dan sehh minhabba l-kundizzjonijiet medici tal-appellant.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi' billi tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel (1) imputazzjoni, tirrevoka fejn sabitu hati tar-recidiva *ai termini* tal-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u minflokk issibu hati tar-recidiva *ai termini* tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tirrevoka fejn ordnat piena ta' sena prigunerija u qieghda minflokk tordna l-piena ta' sena prigunerija ghandha *ai termini* tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tkun sospiza ghal zmien erba' (4) snin mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hati xi jkunu l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta′ din is-sentenza.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur